# Leħen il-Malti

Rivista tal-Għaqda tal-Malti – Università

għadd 33
LXXXIII
2014

Għaqda tal-Malti – Università

Pubblikazzjoni tal-Għaqda tal-Malti – Università
© 2014 Għaqda tal-Malti – Università
u tal-awturi

**Il-Bord Editorjali**

*Editur Ġenerali:*
Emanuel Psaila

*Membri:*
Josette Attard, Kit Azzopardi,
Daniela Baldacchino, Daniel Bezzina, Keith Borg,
Dwayne Ellul, Victor Fenech, Alvin Vassallo

Ħajr lil Ryan Falzon ta' *Libertinaġġ*, il-pittura fil-qoxra.

Dan il-ktieb qed jinbiegħ bil-kundizzjoni li ma jistax jerġa' jinbiegħ, jiġi stampat jew fotokopjat b'xi mod mekkaniku, elettroniku, jew diġitali, mingħajr l-awtorità bil-miktub tas-sidien tal-*copyright*.

ISBN: 978-99957-0-705-7

# Werrej

**Radd il-Ħajr** ... vii
**Editorjal – Ilħnet il-*Leħen***
Emanuel Psaila ... 1

**IL-KITBIET LETTERARJI** ... 5

**Kalm**
Antoine Cassar ... 7
**Illum Twebbilt**
Charlò Camilleri ... 9
**Villa Mistura**
Rita Saliba ... 11
**Jien u Npassi b'Pass Meqjus**
Patrick Sammut ... 18
**Tikħila Tikek**
Dorianne Bonello ... 20
**Tqarraqna**
Charles Bezzina ... 24
**Vendetta!**
Mary Chetcuti ... 25
**Riħitek**
Clifford Jo Żahra ... 33

**Dramm bla Nifs(i)**
Beverly Agius ... 34
**Since You've Been Gone**
Mark Vella ... 35
**Similitudni Din, dwar daqs l-Imħabba**
Leanne Ellul ... 43
**Meta Mejju Jibki**
Matthew Schembri ... 44
**Għanjet Żewġ Blanzuni**
Andrea Cassar ... 50
**Karozza Bħal Tagħha**
John A. Bonello ... 51
**Intir Lejn Mars**
Lina Brockdorff ... 55
**Rajtni Kif Niftel?**
Simone Inguanez ... 57
**Please Do Not Disturb**
Nadia Mifsud ... 58
**Meta l-Warda Toħrof**
Celine Agius ... 62
**Il-Gżejra Mċajpra**
Alex Vella Gera ... 64
**Notturn**
Joseph Formosa ... 73
**Xhud**
Chardian Camilleri ... 74
**Il-Liżar ta' Ħajti**
Maurice Mifsud Bonnici ... 81
**Needles and Pins**
Trevor Żahra ... 82
**Il-Jien Fik**
Theresa Abdilla ... 85
**L-Għassies taċ-Ċimiterju**
Sergio Grech ... 86
**Stennejt**
Ġorġ Borg ... 92
**Qatra Qatra ...**
Carmel G. Cauchi ... 93

**IL-KITBIET AKKADEMIĊI** ... 95

**Differenzi Lessikali bejn il-Malti u l-Għawdxi**
Keith Attard u Michael Spagnol ... 97
**Il-Qabża Poetika Kunfidenti ta' Henry Holland**
Olivia Borg ... 119
**John Cremona: Poeta li Jfittex iċ-Ċarezza**
Charles Briffa ... 130
**Il-Problematizzazzjoni ta' Ġwann Mamo bħala Riformatur Soċjali**
Stephen Bonanno ... 140

**RUMANZ INEDIT TA' ĠUŻÈ AQUILINA** ... 151

**Kumment ta' Oliver Friggieri** ... 153
**Kumment ta' Joseph Felice Pace** ... 155
**Ir-Rumanz Inedit ta' Ġużè Aquilina** ... 159

**IL-KONTRIBUTURI** ... 175

# Radd il-Ħajr

Pubblikazzjoni bħal din ma tistax issir jekk mhux bil-ħidma ta' ħafna nies li xogħolhom mhux dejjem ikun fid-deher, iżda li l-kontribut tagħhom ikun essenzjali.

Għalhekk, l-Editur Ġenerali u l-membri tal-Bord Editorjali jixtiequ jirringrazzjaw lil dawk kollha li għenu. Ma jistax jonqos li l-ewwel ma nirringrazzjaw huma lil dawk kollha li ssottomettew, kemm dawk li l-kitba tagħhom qed tidher f'din l-edizzjoni, kif ukoll dawk li ma kinux inklużi. L-entużjażmu tagħkom jagħmlilna kuraġġ. Il-Kumitat tal-Għaqda għen kemm seta' billi segwa l-proċess kollu, u fl-istess ħin għaraf iżomm distanza biżżejjed sabiex din il-pubblikazzjoni tkun waħda professjonali u mingħajr kunflitt ta' interess.

Minn qalbna nirringrazzjaw ukoll lil Brian Buhagiar mir-Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea f'Malta, lil Mark Camilleri mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, u lit-tim tal-Kunsill Malti tal-Arti. Magħhom ma nistgħux ma nsemmux lil Saviour Agius ta' Agius Decorations, lil Antoine Zammit ta' tiffranka.com, u lil Joseph Mizzi ta' Midsea Books. Nirringrazzjaw ukoll lill-Fondazzjoni Valletta 2018 talli b'*endorsement* irrikonoxxew din il-pubblikazzjoni bħala waħda ta' kwalità, u lill-paġna *Mill-Pinna Maltija* li għenet fil-promozzjoni.

Dwayne Ellul ikkordina 'l-qarrejja tal-provi u qara għall-aħħar darba l-manuskritt kollu qabel mar għall-istampa, b'mod li l-kitbiet kienu midjura darba, darbtejn u anke tlieta. Dan ma kienx ikun possibbli mingħajr il-ħidma

metikoluża ta' Louise Spiteri, Mario Sant, Michael Cini, Carlston Grima u Claudia Gauci. Fil-produzzjoni kellna l-koperazzjoni professjonali ta' John Busuttil, li ħa ħsieb is-setting, u ta' Ryan Falzon, li ħadem fuq it-tpinġija tal-qoxra. Grazzi wkoll lil Charles Farrugia, l-Arkivista Nazzjonali, u lil Daniel Bezzina tal-għajnuna fid-dokumenti ta' Ġużè Aquilina. Ma naqsux ukoll il-pariri siewja ta' Dr Ruth Baldacchino, Dr Oriella De Giovanni u Dr Bernard Micallef.

Huwa impossibbli li nirringrazzjaw lil dawk kollha li, b'għajnuna fil-promozzjoni jew bi kliem ta' kuraġġ, għenu f'dil-ħarġa, madanakollu dan ma jfissirx li m' intomx apprezzati ħafna wkoll.

Editorjal

# Ilħnet il-*Leħen*

Emanuel Psaila

Li tkun editur hija xi ħaġa ta' prestiġju imma li tkun l-editur ta' *Leħen il-Malti* huwa privileġġ. Dan għax *Leħen il-Malti* kien l-għan ewlieni li għalih twaqqfet l-Għaqda tal-Malti – Università, tant li f'inqas minn xahar u nofs mit-twaqqif tal-Għaqda ħarġet l-ewwel rivista. U llum, tlieta u tmenin sena wara, qed terġa' titnieda rivista oħra.

Il-ħolma ta' Ġużè Bonnici u Ružar Briffa kienet li jagħtu spazju lil ilħna ġodda, spazju li jibqa' ... spazju li jkun ippopulat b'xi ktiba. Fi kliem ieħor, rivista li b'mod kontinwu tippubblika kitbiet letterarji u ta' natura lingwistika. Il-kurrenti ta' żmienhom, speċjalment fl-isfond (jekk mhux ukoll *foreground*) tal-kwistjoni tal-lingwa, ġegħluhom jidħlu għal din l-isfida u, mingħajr wisq daqq tat-trombi, irnexxielhom jagħmlu xi ħaġa. Mhux talli ħarġu l-ewwel rivista (u t-tieni u t-tielet fi spazju ta' ftit xhur), imma bdew jagħtu ċ-ċans lil awturi oħra, aktarx żgħażagħ, isemmgħu leħinhom. Forsi l-ewwel leħen kien żgħir, irqiq, iżda beda jidwi u jinstema', u jħalli eki li komplew joktru. Rivista li twieldet biex tkompli. Spazju fejn wieħed seta' jnissel ħsusu u juri l-arti tiegħu f'perjodu meta lanqas kien hemm lingwa uffiċjali, aħseb u ara xi ħaġa stampata regolarment b'kitbet ħolm awtur. Il-*Leħen* serva ta' tarġa biex awturi oħra jsibu leħinhom u jiksru l-vuċi tagħhom maż-żmien. Serva biex jikbru fil-popolarità tagħhom wara li xogħolhom intgħoġob u sabu min ikompli jinkoraġġihom jiktbu.

Anke llum il-ġurnata, din ir-rivista qed isservi biex tkun ta' leħen kemm għall-awturi kif ukoll għall-karattri maħluqa (u moħluma) mill-istess awturi. Awturi kellna bosta u f'din l-edizzjoni, bħal f'ħafna oħra qabilha, hemm spazju għall-kittieba rinomati u dawk ġodda. Hemm ukoll etajiet varji, f'esplorazzjonijiet varji, b'ġeneri differenti. Huwa spazju miftuħ u trasparenti għalkollox. Għal din il-ħarġa kellna 'l fuq minn mija u ħamsin biċċa xogħol, u kif wieħed jista' jimmaġina, ma setgħux jiġu ppubblikati kollha. Li ssir għażla tax-xogħlijiet kien inevitabbli, iżda b'hekk għola wkoll il-livell, kemm letterarju kif ukoll akkademiku. L-istudji, pereżempju, jitkellmu għalihom infushom, filwaqt li x-xogħlijiet letterarji jinħassu 'friski' u fil-biċċa l-kbira tagħhom jippreżentawlna aspetti, sitwazzjonijiet jew deskrizzjonijiet moderni. Oħrajn iduru lejn it-tradizzjonali u, għalkemm żmienu għadda, xorta waħda għandhom elementi b'saħħithom u popolari fost il-kittieba u l-qarrejja tagħna.

B'kollox intgħażlu sebgħa u għoxrin kitba letterarja, erba' studji, u rumanz inedit ta' Aquilina, li kien l-iktar li dam imexxi l-Għaqda fl-istorja tagħha. Tajjeb ngħidu wkoll li wara assenza ta' sentejn, qed jidher studju lingwistiku; nittamaw li f'edizzjonijiet futuri jkollna kontribut akbar minn, u lejn, dan il-qasam ta' Isienna. Minħabba d-differenzi bejn il-ġeneri tan-novella u l-poeżija, ħassejna l-bżonn li nimxu b'sistemi differenti ta' mmarkar għat-tnejn, anke sabiex inżommu l-bilanċ bejniethom mingħajr ma nonqsu fil-kwalità. Dan ma jfissirx li x-xogħlijiet li ma ġewx magħżula ma kellhomx merti, tant li ftit kienu x-xogħlijiet li ma laħqux il-ħamsin fil-mija tal-marka medja tal-Bord. Ifisser biss li, filwaqt li t-triq tal-pubblikazzjoni bdewha, fadlilhom ftit passi oħra sabiex jilħqu l-istadji li laħqu dawk li ntgħażlitilhom xi kitba; għażla li anke għal raġunijiet prattiċi, ma stajniex ma nagħmlux. Inħeġġu lil kull min issottometta sabiex ikompli jirfina ftit ieħor, għax bħalma nafu l-kitba teħtieġ is-sengħa tagħha, u sabiex jerġa' jissottometti għall-edizzjoni li jmiss jew għal pubblikazzjonijiet oħra.

Id-deċiżjoni dejjem iebsa u għalhekk nerfa' kull responsabbiltà tad-deċiżjonijiet meħuda fil-Bord. Nixtieq nirringrazzja minn qalbi lill-membri kollha tal-Bord Editorjali tas-sagrifiċċju, l-impenn u d-dedikazzjoni tagħhom biex din l-edizzjoni terġa' tkun suċċess. Ta' min ngħidu li l-membri tal-Bord issagrifikaw il-possibbiltà ta' pubblikazzjoni f'din l-edizzjoni, sabiex ma jkunx hemm kunflitt ta' interess, filwaqt li min b'xi mod kellu xi tip ta' kunflitt, astjena

milli jagħti l-marki fuq it-tali kitbiet. Naħseb nistgħu ngħidu li l-membri tal-Bord issagrifikaw il-leħen tagħhom, sabiex jagħtu leħen lil ħafna oħrajn, u dan ma nistax ma napprezzahx ħafna.

Għidna li l-awturi jagħtu leħen ukoll lill-karattri tagħhom, u wara li taqra din l-edizzjoni xi karattri jitwaħħdu mal-fantasija tal-qarrejja u l-leħen tagħhom jibqa' jidwi għal jiem sħaħ wara. Kif jagħmlu l-aħwa Dario u Jimmy, żewġ kriminali, f'serqa u fi qtil li jikkawżaw misteru ikrah bejniethom. U wara li titkaħħal bit-tikek, issir kompliċi inti wkoll tal-ilħna tal-kuxjenza ta' Emma Bonavia u oħtha Freya. Għal darb'oħra f'din ir-rivista hemm xalata ta' karattri, ta' lwien, u ta' stħajjil fertili li tħosshom niżlin bħal qatra qatra, donnhom ix-xita.

Hemm il-vuċijiet mistura ta' min irid itir lejn Mars, min irid jagħmel vendetta, min irid jaqla' balla minn fuq l-istonku, min jiftel, min irid joħrof u min ma jridx min jiddiskutihom. Hemm ukoll Sylvia u l-pupi taċ-ċeramika b'għajnejhom differenti u bl-ilbies roża jew ċelesti, li kważi kważi jkellmuk. Issiru tafu min hi Jasmine li tilbes ilbies protettiv u x'tagħmel Serena meta tkun qed iċċafċaf fil-vaska. Hemm min waqt li jpassi b'pass meqjus lejn l-iskola jsib il-poeżija titkellem minn mal-ħitan, u oħrajn li jippruvaw isibu d-daqs tal-imħabba. Min ħajtu jqabbilha ma' liżar taċ-ċinema u min jipprova jsib il-jien tiegħu nnifsu. Min jistenna xi daqqa t'id, kelma jew tmellisa, u min irid mewġa mewġa, kelma kelma jew qatra mill-fjamma li fuqu qatt ma tkebbset.

Il-*cover version* tar-Rainbow tispiċċa kompliċi, tkun il-leħen tal-irwejjaħ tad-djar; riħa ta' kenn, ta' maħfra, ta' xjuħ u ta' tisjir jaqsamlek qalbek imħallat mar-riħa tal-baħar ta' San Ġiljan. Diski oħra antiki huma l-ingredjenti li jgħaqqdu plott ma' karattri. U x'jgħaqqad flimkien lil Anabelle, Steve, Marcus u Michelle? Aktar ma taqraw tindunaw ukoll li Steve li jqarras wiċċu mhux l-istess Steve li ġie mkaxkar mill-idea ta' Marcus. U x'jiġri fil-gżejra mċajpra? Hija parodija klixè jew hija realtà ġdida? X'jiġrilu George li sħabu jorganizzawlu festin doppju? X'konnessjoni għandu ma' Lawrence? Vera li hu qatel lil sieħbu? U l-għassies taċ-ċimiterju x'għandu x'jaqsam ma' Pinu s-Surmast?

Fit-tieni parti ta' din il-pubblikazzjoni hemm ix-xogħlijiet akkademiċi li janalizzaw b'reqqa ilħna li ħafna minna diġà semgħu bihom, imma forsi mhux f'daqstant dettall. Studji li juru kif poeta kien ifittex iċ-ċarezza. Insibu pinzellati ta' natura kritika dwar *L-Artist tat-Trapiż,* u niskopru l-grottesk f'*Ulied in-Nanna Venut*. Fuq kollox, naraw id-differenza lessikali bejn l-Għawdxi u l-Malti u bis-

saħħa ta' hekk induqu ħemel ta' kliem li żgur għal bosta minna għandu tifsira kompletament differenti.

Ippruvajna nżommu mal-istess format kemm bħala dehra kif ukoll bħala kontenut, sabiex noħolqu sens ta' kontinwità u stabbiltà li ħaqqu l-*Leħen*, ta' rivista prestiġjuża li hu. Fl-istess nifs ħallejna lok għal elementi aktar friski, ħaġa li jidhrilna li hija importanti għal leħen ta''l fuq minn tmenin sena, u biex kemm jista' jkun jibqa' jingħata spazju 'l-aspetti kollha, kemm dawk letterarji, kemm dawk akkademiċi kif ukoll lingwistiċi. Forsi mhux kull leħen sab xortih stampat fuq karta, u tkabbar kemm tkabbar il-volum b'karattri u b'kittieba, xorta ma tistax iddaħħal il-leħen ta' kulħadd. Nittamaw li dawk l-ilħna li ħelsuha minn taħt il-magni tal-linka dis-sena jsibu xortihom f'edizzjonijiet oħra futuri, għax għalkemm il-magħmudija tal-linka hi probabbli iebsa daqs dik tan-nar, l-ilħna li jgħaddu minnha jkunu jistgħu jgħidu li laħqu parti oħra mit-triq li mexjin fiha.

Nemmen li bis-serjetà li hemm bħalissa, u għax naf kif inhu mħaddem sewwa l-makkinarju u l-proċess tal-għażla, żgur li se jkun hemm għatx fost l-awturi biex isimhom jitniżżel bħala kittieba f'din ir-rivista. Għalhekk nixtieq irrodd ħajr lill-President il-ġdid tal-Għaqda, is-Sur Kit Azzopardi, li żgur se jkompli jibni fuq il-pedamenti restawrati mill-ġdid tagħha, ħalli l-*Leħen* jibqa' jidwi u jiddistingwi lill-Għaqda minn oħrajn.

Emanuel Psaila
*Editur Ġenerali*
*16-10-2014*

# Il-Kitbiet Letterarji

# Kalm

Antoine Cassar

Iż-żiffa tas-Sibt filgħodu
tiżfen f'subgħajn saqajja.

Rieqda ħdejja,
nifsek ħafif imewweġ,
ibus kemm kemm il-blat.

Fit-tpespis ta' wara t-tieqa,
jixref ir-raħal, b'mistħija,
minn taħt kutra tan-nida.

Kalm, bħan-nannu bil-beritta,
kalm, bħad-difa ta' Settembru,
kalm, bħall-baħar żejtni taħt il-ħnejja,

dalgħodu
li l-ebda dmir tad-dinja
ma jgħidli ejja,

xejn għajr id-dmir li nżommok ħdejja,
li mingħajr ma nqajmek
immellislek xagħrek bi mnifsejja,

nagħlaq għajnejja
u nisma' kif iż-żiffa
tberfel għażżiena l-weraq tal-palm,

dalgħodu biss,
dalgħodu biżżejjed,
dalgħodu, u darba għal dejjem,

kalm.

# Illum Twebbilt

Charlò Camilleri

Illum twebbilt
li llejla kellek tgħaddi sa ħdejja.
Kont ġa ħlomt u fassalt
kif se ngħaddu
dal-lejl miksur
bit-tnemnim
ta' lsien tan-nar
jikkonsma x-xemgħa tal-wegħda
u jtaffi s-swidija
tal-baħħ miftuħ
fi stonku-ħofra bla qiegħ.

Ġa ntfiet ix-xemx, u
ħalliet tnemnim id-dawl
tax-xemgħa mixgħul
iwennes id-dlam
ta' lejla 'nġazzata
f'xitwa qalila.

Fix-xejn twebbilt!
Inkubu l-ħolm;
It-tfassil,
illużjoni ta' moħħ jirgħa
f'mergħat ta' saltna idillika
iżżomm fuq utopija diżinkarnata.

F'dad-dlam
ħarġu jiżfnu l-iħirsa
mad-dellijiet imxajtna
tal-fjamma xurbana
tixxengel mad-danza makabra
fuq wiċċ maskarun.

# Villa Mistura

Rita Saliba

Carina tellgħet il-mera tal-manku quddiem wiċċha. Kienet iġġorrha magħha l-ħin kollu. Illum il-ġilda tbiddlet għat-tielet darba. U kull darba toħroġ lega ġilda ġdida. Mellset dirgħajha lixxi. Ma kellhiex bżonn kremi. Hekk kif daħlet Maria bit-*tray* u ġerriet il-purtieri, il-ħbub t'għajnejn Carina ngħalqu f'xaqq. Niżżlet il-mera u tbissmet lis-seftura.

"Se jdumu ma jiġu għat-te t-tnejn l-oħra mid-dehra."

Maria rranġat il-*coushions* tal-pultruna. Kienet dejjem tevita ħarset Carina. Dawk il-fattizzi felini kienu jqabbduha l-bard. U minflok titkellem, ħafna drabi kienet tbaxxi rasha u titbissem. Kienet hi li tieħu ħsieb kollox hawn f'*Villa Mistura*. Qadjiet, xiri, tisjir. Meta jistaqsuha twieġeb xott xott iżda bil-prudenza kollha. Ma kienet tħallihom neqsin minn xejn. Kienet l-uniku kuntatt li kellhom mad-dinja t'hemm barra. Kultant tiġi tgħidilhom b'xi avveniment li jkun qed jiġri fil-belt fil-qrib, il-post minn fejn ġew it-tlieta li huma. Drabi oħra twasslilhom aħbar Anselm. Dan l-aħħar kien spiss fl-aħbarijiet. Kien qed jagħmel suċċess fil-qasam tar-riċerka xjentifika.

Il-Villa kienet kbira, b'ħafna kmamar. Setgħu jgħixu kif iridu hawn it-tliet nisa. Kamra għall-kompjuter, librerija, kamra biex jaraw il-films, kamra fejn jagħmlu xagħarhom. Il-kmamar tas-sodda tagħhom kienu armati bi gwardarobbi kbar u ħwejjeġ għal kuljum u kull ħin tal-ġurnata jekk riedu. Iżda Carina biss kienet torqod fil-kamra tagħha. U forsi hi biss kienet tieħu gost tisma' b'aħbar

Anselm. Kienet deċiżjoni tagħha li tiġi hawn, maqtugħa mill-ħars tan-nies. Għall-bidu ftit kien jimpurtaha x'jaħsbu fuqha. Hi kienet xtaqet dehra differenti, intriganti. U Anselm kien kapaċi jibdilha. Intervent wara l-ieħor u jirnexxilu jisfida l-liġijiet tan-natura. Kull xħin kienet tara ħarsa ta' tigra tħares lejha minn ġol-mera kienet titpaxxa.

Għall-bidu xtaqet tibdel wiċċha. Iġġebbed ħuġbejha 'l fuq, tgħolli ħaddejha u ħbub għajnejha ridithom bħal tal-qtates. Riedet ġilda aktar lixxa u tiżloq u għal darba oħra rħiet ruħha f'idejn Anselm. L-esperiment kien irnexxa. Iva, għall-bidu batiet ftit. Il-feriti ħadu ftit taż-żmien biex fiequ. Issaportiet il-ġbid taħt wiċċha, f'dirgħajha u kellha bżonn tinxteħet għal xi ġranet f'metamorfosi twila. Kienet lesta li tieħu l-injezzjonijiet u l-ġilda għaqditilha f'lega leqqiena kważi rħamata. Anselm kien wissieha li ċ-ċelloli tal-*epidermis* riedu jinbidlu kull tant ġranet u setgħet tibda tara l-ġilda nieżla minn fuq ġisimha sakemm terġa' toħroġ lega ġdida. Imma x'jimporta? L-effett ta' ġilda ġdida kien jogħġobha. Iżda meta beda għaddej iż-żmien ma setgħetx toqgħod bi kwietha. Ġurnalisti kurjużi minn madwar id-dinja kienu jkunu barra biebhom lesti ħalli malli tixref minn xi tieqa jibdew jiġbdu r-ritratti. Ma setgħetx toħroġ barra mingħajr ma tara għajnejn maħsudin għad-dehra tagħha. Imbagħad beda t-tfigħ tal-ġebel. Għall-ewwel mal-ħġieġ ta' darhom. Imbagħad fuq persunitha. Kienet differenti u min ikun differenti jrid joqgħod għall-insulti tal-bqija ta' komunità komda fl-istramberiji tagħha. Imma hi qatt ma riedet tkun bħall-bqija. Għalfejn ma jħalluhiex bi kwietha? Anselm kien sab is-soluzzjoni u hi qablet miegħu. Trid tmut għall-bqija tad-dinja. Basta tibqa' tgħix kif dejjem riedet, b'dehra differenti. Hekk riedet tgħix, għad-dehra. U l-bqija tad-dinja ssegwi n-normi mmuffati tagħha, la kienet komda hekk!

It-tnejn l-oħra kienu jqarrsu wiċċhom hekk kif tistaqsi għalih: x'kien sar minnu, x'kien qed jagħmel. Iżda llum tipprova ġġib id-diskors dwaru. Għalkemm ilhom ftit żmien hawn magħha Jasmine u Serena, ftit li xejn kienet taf dwarhom. Jasmine kienet tkun ħafna fis-serra, tkewwes il-kimiċi fir-rokna tagħha. Kienet tilbes ilbies protettiv minn rasha sa saqajha. Imma sħabha kienu jafu li kienet tilbsu biex tinsatar mill-ħars tal-ġardinar.

Serena riedet l-ilma. Aktarx iva milli le kienet tkun qed iċċafċaf fil-vaska, mibnija apposta għaliha. U fil-ħin liberu tagħha tirriċerka bil-*laptop* fuq biċċa *plastic* biex ma jixxarrabx u b'saqajha ġo friskatur.

"X'ġurnata ħarġet dalgħodu! Se tieħu gost biha Jasmine." Maria qablet magħha b'ħarsa lejn l-art.

Hekk kif spiċċat il-kelma tidħol Jasmine u tieħu l-kikkra tat-te li newlitilha s-seftura. Tintasab bilqiegħda fl-aktar parti mdawla tal-kamra. Illum kien iddawwar ftit ma jiġi l-ġardinar. Setgħet toqgħod tixxaħxaħ ftit f'sodditha li kellha fis-serra fil-ġnien. Hemmhekk kienet tqattagħhom l-iljieli, qalb l-irwejjaħ li kienu jerħu l-pjanti eżotiċi u l-fjuri ġenetikament modifikati .

"Għadha ma qamitx Serena?"

Is-soltu Serena kienet tkun l-ewwel waħda li tkun hawn ġew f'das-salott b'terrazzin kbir li jagħti għal fuq il-ġnien. Tkun għadha toqtor mill-banju. Ma kinitx tixxotta l-ilma u kultant ħin kienet tisprejja ġisimha ħalli jibqa' umdu.

"Bonġu, Maria!" Serena baqgħet sejra fuq is-siġġu tal-*plastic* li kien ikun imħejji għaliha. Is-seftura sellmitilhom u ħarġet mill-kamra biex tkompli bil-ġurnata tax-xogħol tagħha. Kienet taf li ma kinux jiddejqu jitkellmu quddiemha iżda ħafna drabi kienet tippreferi ma tismax. U llum indunat li kien aħjar għaliha li ma titnikkirx u titlaq minn hemm ma ddumx.

"Dat-te veru qed jinżilli għasel dalgħodu. Bqajt rieqda."

"Kont qed toħlom fuq Nettunu li ħadek xi dawra fir-renju tiegħu?"

Serena ma tbissmitx għat-tentattiv taċ-ċajta ta' Carina.

"Jien ukoll ħlomt," qabżet Jasmine bejn belgħa te u oħra. Tat ħarsa kerha lil Carina.

"U ejja ma nibdewx ta! Wara kollox qegħin tajjeb hawn. Ma jonqosna xejn. Villa bis-sefturi, bil-ġardinar, għall-kwiet tal-kampanja ... "

" ... u ma nissugraw li jarana ħadd! Malajr tiġri l-kelma li din hija l-Villa tal-Mostri. Ma nistgħux ningħaddu mal-ħajjin, tinsiex. Kollox kien maħsub. Il-funeral tagħna, id-difna. Għall-bqija tad-dinja aħna mejtin."

Carina ħassitha mweġġgħa. Qatt ma kienet tqis ruħha bħala mostru. Ma kinitx bħall-oħrajn. Meta żżewġet lil Anselm kienet qaltlu ċar u tond li ma kinitx se tissagrifika figuritha biex ikollha t-tfal. U Anselm qatt ma wera x-xewqa li jkollhom l-ulied lanqas. Kellu biżżejjed x'jagħmel. Ix-xogħol fil-laboratorju u r-riċerka kienu ħajtu. U Carina setgħet taħli ħin kemm trid fuq persunitha.

"Nitkellmu s-sew, kulma nitolbuh lil Anselm iġibhulna. Almenu lili dejjem ikkuntentani ... "

"Mela kif ma bqajtx miegħu?" nibxitha Serena.

"Ma tafhiex l-istorja? Ma stajniex ngħixu dejjem hekk, 'il bogħod minn xulxin. Ir-riċerka li kien jagħmel kienet toħodlu ħafna ħin u żmien twil jivvjaġġa. Wegħedni dil-villa biex ipattili ... "

"U biegħdek min-nies! U organizzalek funeral mill-isbaħ! Mhux aħjar tgħid dak li hu?" Jasmine qatt ma kellha sabar ma' Carina.

"Carina, int ma tistax tirraġuna bħalna u ma tistax tifhimna. Aħna kostretti li ngħixu hawn. Ma nistgħux noħorġu hemm barra. U kollu tort ta' Anselm."

"Lil Anselm nibqa' nħobbu," bdiet Carina "mhux hu kien li salvani minn dak it-tirrann li rabbieni? Kien iġegħelni nterraq mat-toroq tal-belt, taparsi naqra x-xorti u nisraq, u jekk ma nieħu xejn miegħi lura ... " għorkot il-polzi ta' jdejha u ntasbet bilqiegħda mgeddsa.

It-tnejn l-oħra baqgħu siekta jħarsu lejha mingħajr l-ebda ħjiel ta' kompassjoni.

"Kien hu li ġabarni. Kont għadni naqra ta' tifla meta rajtu l-ewwel darba. Kien qed jitkellem ma' dak li kien jgħid li hu missieri. Naqta' rasi li missieri kien dabbar kemxa minn fuqi. Biegħni! Imma Anselm kien taz-zokkor. Kien ħelu miegħi. Għallimni. Ħadni miegħu fuq vjaġġi 'l bogħod." Carina tbissmet hi u tiftakar. "U dakinhar li staqsieni biex niżżewġu lanqas kont ridt nemmen. Għalija hu kien li refagħni minn dik il-ħajja miżerabbli. U wara kollox, jien ridt li nsir hekk!" Reġgħet tellgħet il-mera ma' wiċċha.

"Kulma kont nixtieq inbiddel f'surti kont nistaqsi lil Anselm, u min-naħa tiegħu kien jagħmel ħiltu kollha jistudja u jara kif ..."

"Jesperimenta fuqek!" Jasmine ġebbdet idejha lejn id-dawl. "Carina, ruħi, Anselm salvak daqskemm salva lili. Ġieli tqażżek hekk kif kien ikun se jmissek? Imma le, bilħaqq, dak kien jagħmel hekk għax kien jibża' li jweġġgħek hux, jew jiftaħlek il-feriti u ma jfiqux perfetti kif xtaqt int! Miskin Anselm, kemm kien jieħu ħsiebek. Ġabrek minn mat-toroq. Imma ħadd ma kien se jistaqsi għalik!"

Serena nħasdet u ħarset lejn Carina biex tara r-reazzjoni tagħha. Jasmine kienet taf tkun kiefra.

"Lili wkoll kien salvani," kompliet Jasmine, "kelli ftit aktar minn sittax-il sena. Kont mort fis-serra għodwa waħda u nsib lil missieri mixħut mal-art. Ippruvajt inqajmu iżda ma weġibnix. Kien mejjet. Anselm beda jiġi kuljum għandna. Hu u missieri kienu qed jaħdmu fuq speċi ġdida ta' fjura. Dejjem għaddejjin jesperimentaw bil-fwejjaħ. Dakinhar kont skantajt kif ħa s-sitwazzjoni f'idejh. Ħa

ħsieb kollox, il-pulizija, il-funeral. U jien, il-belha, kont ħsibt li qed jieħu ħsiebi.

Għall-ewwel kien ħelu miegħi. Rebaħni bil-manjieri ġentili tiegħu. U kont fraħt meta staqsieni biex niżżewġu. Kont għadni żgħira u bilkemm ridt nemmen. Wara li żżewwiġna bdew l-injezzjonijiet. Kien jgħidli li għandi bżonnhom għax kuluri ma bediex jogħġbu. Ħallejt f'idejh. Kont naf kemm kien idum jirriċerka u bilfors li kien magħruf għax id-dar kienu jiġu ħafna kollegi tiegħu xjenzati jaħdmu miegħu. Wara ftit bdejt nisfar. Imbagħad kien poġġieli bozza qrib tiegħi u kont bdejt nerġa' nieħu kuluri. Ma kellix bżonn niekol għax l-ikel kont nagħmlu jien stess permezz ta' proċess jgħidulu fotosintesi. Wara xi żmien bdejt nerħi ħafna rwejjaħ minni u l-aktar li kienu qawwijin kienu billejl. Il-kelb, kont irraqqdu fil-kamra miegħi. Għodwa waħda sibtu mejjet. Anselm ma kienx jorqod miegħi. Kien jgħaddi l-lejl jaħdem fil-laboratorju. Kien jgħidli li aħjar norqod waħdi, għall-ġid tiegħi. Imma ntbaħt li kien qed jevitani, ma jmurx jiġrilu bħall-kelb. B'hekk ġejt hawn! Ikkundannata norqod ġo serra. Filgħodu nieħu l-ossiġnu, billejl nerħi l-velenu! Qatt ma ridt niled. Mhux għax ma xtaqtx imma ma ridtx inkun ħatja li vvelenajt lit-tarbija tiegħi stess."

Ma setgħetx tkompli tixrob it-te. Kien sar idardarha. Lil Maria għajtitilha biex tibda ġġibilha te magħmul mill-ħxejjex aromatiċi. Ħalliet il-kikkra mimlija fuq it-*tray* u reġgħet marret tintasab għad-dawl wara t-tieqa.

"Jien minn dejjem kont naf li Anselm qatlu lil missieri," qalet Serena minn taħt l-ilsien. "Min kien se jemminni jekk ngħidilhom? Kont dejjem niġġerra qalb id-dgħajjes. Anselm kien ta' spiss jiġi għandna, iġibilna r-rigali. Kien jixtri l-ħut mingħand missieri. Missieri kien qalilna li kien ibigħhom lil wieħed biex jesperimenta fuqhom. Darba smajthom jikkustinjaw iżda ma stajtx nifhem x'kienu qed jgħidu. Ommi ġibditni 'l ġewwa. L-għada missieri kien ħareġ jistad bħas-soltu iżda ma ġiex lura. Anselm kien jiġi spiss jikkunslana, jistaqsina jekk kellniex bżonn xi ħaġa. Lil ommi kien qalilha li kien lest li jrabbini. Ma ridtx immur. Kont nibża' minnu. Ma nafx, kont inħoss xi ħaġa li mhix f'postha meta jħares lejja. F'daru ħa ħsiebi, iżda kont inħossni maqfula f'ħabs u kont ta' sikwit nirribella. Imbagħad beda jgħidli biex ma noħroġx, għall-ġid tiegħi." Waqfet għal ftit u sprejjat ftit ilma fuq ġisimha.

"Kelli niżżewġu. Bkejt fuq li bkejt. Ommi għajritni belha u li messitni x-xorti li ma messitx lil xebbiet oħra. U kien qalli li ħadd ma kien se jinteressa ruħu fija. Kont il-miskina. U li messni nkun grata lejh. Wara ż-żwieġ beda jgħidli li

kont pallida. Qalli li hu biss kien jaf kif jieħu ħsiebi. Kont nibbies kif kont narah riesaq lejja, riħitu ta' kimika. Nifsu kien iqallagħni. Kien ibellagħli mediċini magħmulin minn ħxejjex tal-baħar. Jaqq! Bdejt ninbidel, nixxotta. Kont ninnota qoxra fuq il-ġilda bħal dik tal-ħut. Kien ikolli noqgħod fl-ilma l-ħin kollu. U iva, jien kelli wild. Imma qtiltu! Ma flaħtx nara dak il-wiċċ ta' mostru jħares lejja. Imbagħad Anselm iddeċieda li jien għandi mmut għad-dinja. Ħallieni nara l-funeral tiegħi stess minn dik il-kamra skura u umduża li kien ħejja għalija. Hemm kienet ommi, timxi wara tebut vojt. Ridt noħroġ inwerżaq u ngħidilha x'xorti messitni. U hawn qalli li mhu se jkun jonqosni xejn, basta nixxarrab il-ħin kollu. Togħġobkom il-vaska?"

Is-skiet inkiser b'taħbita fuq il-bieb fejn kienu t-tliet nisa. Maria daħlet bil-gazzetti u bit-te aromatiku ta' Jasmine. Carina kienet pronta bdiet tqalleb fihom. Jasmine u Serena ma kienx għadu jinteressahom x'jiġri fil-bqija tad-dinja. Imma Carina kienet tħobb iżżomm ruħha aġġornata. F'daqqa waħda ssummat. Sħabha indunaw li kienet qed tħares lejn ir-ritratt kbir fl-ewwel paġna. Resqu lejha. Jasmine ħadithielha minn idejha u bdiet taqra: "Ix-xjenzat ta' fama internazzjonali Anselm Bellizzi jiżżewweġ lis-Sinjorina Ann Beckett."

"Nafu xi ħaġa dwarha s-Sinjorina Beckett?" Serena ġiet tittawwal fuq l-artiklu filwaqt li mlietu kollu dbabar tal-ilma joqtor minn xagħarha. Libset ingwanti tal-lastiku biex ma xxarrabx it-tastiera tal-*laptop* u bdiet ittektek biex tfittex dwar Ann Beckett.

"Xejn."

"Konvenjenti wisq! Ara x'hawn miktub. Dottor Anselm beħsiebu jsalva l-umanità did-darba. Ix-xjenzat Anselm Bellizzi hu magħruf għall-kontribut li qed jagħti fl-inġinerija ġenetika. Huwa jinsab barra minn xtutna jirriċerka ma' tim ta' xjenzati mid-dinja kollha fuq iċ-ċelloli l-ħomor tad-demm uman ... "

"Beħsiebu jibdilhom? Tridx intih ftit mill-ħodor tiegħi?" Jasmine riedet tkompli l-farsa filwaqt li daħħlet rasha biex tkompli taqra l-artiklu. Iż-żwieġ tax-xjenzat issemma fuq fuq.

Serena kompliet taqra kif u fejn se tkun iċ-ċerimonja b'ton malizjuż. Hi u Jasmine bdew jagħmlu l-kalkoli kemm kien se jdum daż-żwieġ u bdew jispekulaw l-artikli fil-ġurnali fil-futur qrib fejn se titħabbar il-mewt tal-għażiża mart ix-xjenzat famuż. Min jaf, forsi tmut b'xi marda misterjuża, jew waqt li tkun qed twelled. Imma ħadd mhu se jkun jaf għax il-poplu prudenti u mhux se

jinvadi l-privatezza tal-koppja. U kemm kienu se jiġu nies distinti għall-funeral! U kemm se jġibu ritratti ta' Anselm b'qalbu maqsuma!

Carina ma tkellmet xejn. Qagħdet tisma' b'dik l-espressjoni fissa ta' wiċċha mingħajr ebda ħjiel ta' emozzjoni. Wara ftit għajtet lis-seftura.

"Maria, għandna bżonn nibdew inħejju kamra oħra f'did-dar. Ma ndumux ma jkollna 'l xi ħadd ġdid."

# Jien u Npassi b'Pass Meqjus

Patrick Sammut

Jien u miexi b'pass meqjus
fil-kurituri tal-iskola
bejn lezzjoni u oħra
fhimt li anke hawn
timraħ il-Poeżija.
Tinsab fl-ilħna tal-għalliema
fil-ġesti u l-movimenti tagħhom
huma u jagħtu l-lezzjoni,
fil-ħarsa msaħħra tal-istudenti.
Fil-ħemda li taħkem lill-kurituri
kiesħa u battala
filwaqt li kull klassi bil-ħajja mimlija.
Tinsab fl-oġġetti, uħud abbandunati,
antiki, imwarrba,
mafkar ta' żminijiet li għaddew
fl-ilwien tal-*posters* u r-ritratti fuq
in-*noticeboards*
anke fl-ibgħad irkejjen mudlama
li bħal donnhom anke huma jixtiequ
jgħidu xi ħaġa, xi sigriet
li jafu bih biss dawk li m'għadhomx magħna.

Jien u miexi b'pass meqjus
fil-kurituri tal-iskola
bejn lezzjoni u oħra
fhimt li dak kollu ta' madwari jibqa'
jew ftit jinbidel
imma jien ngħaddi, nispiċċa nintesa
sakemm forsi jibqa' biss l-ispirtu tiegħi jpassi
għad-dwiem l-istess kurituri.

# Tikħila Tikek

Dorianne Bonello

Nota: Jekk qed titħajjar taqra din is-silta, kun af li se tisfa' kompliċi. Issa avżat. Jekk għadek imħajjar, tista' tibda.

Torbot idejha tisma' s-skiet. Dak l-istess skiet li nġabar fil-bagalja bla isem li ħa miegħu meta siefer. Ma ħassx il-bżonn li jgħidilha u issa, hi u tfittex is-skiet ma tista' ssibu mkien. Trid twaqqaf ħsibijietha imma dawn ma jobdux. Tgħallmu jagħmlu li jridu. Issikkithom u jisfidawha u jirbħulha. Torbot idejha tisma' s-skiet. Is-skiet storbjuż. Wisq.

Fejn seta' mar Stefan? Kellu għalfejn jerġa' jorbtilha saqajha fil-kastell kiesaħ tal-Ġermanja? L-arloġġ itektek u dit-tikka ta' tifla ta' sbatax-il sena tkompli tinkesa bi rmied it-travu li rema qabel ħalla 'l Malta, qabel ħalla lilha. Kien bennej, dejjem b'ġins imqatta' u flokk ta' taħt taċ-ċingi abjad iktar milli suppost, sakemm ittih tfarfira u jaqa' t-trab li jkun ksieh. Kien jogħġobha hekk. Kienet titriegħex xħin tarah jixxabbat ma' xi ħajt ikaħħal xi roqgħa li ħalliet ix-xita tikolha.

Ma kienx kapaċi jkaħħal biss. Kien jaf jiftaħ ukoll. Il-feriti. Kien jaf jibni l-isbaħ djar, u jibni l-ikbar tamiet. Kien jaf jordom l-ogħla torri, u jordom l-ogħla sentimenti. L-għodod ma kienx iħallihom minuta minn idejh, la fuq ix-xogħol u wisq anqas meta kien ikun ma' Emma Bonavia. Jibni u jordom. Jibni u jordom. Jibni u jordom. Imma hi kienet ħallietlu tikkitha kollha għalih

u hu malajr għamilha daru. Belha. Opportunist. Riċetta ħelwa f'waqtiet, imma ħafna drabi morra daqs fwied il-fenek li sajjar il-kok l-aħħar darba li morna nieklu f'restorant. Ħalla l-marrara tinfaqa', l-espert tat-tisjir.

Nitħassarha għax jien naf fejn mar Stefan. Iċċempilli kuljum biex tara fejn qiegħda u ma nweġibhiex. Qatt ma kienet iċċempilli qabel, u mhux żgur kellha n-numru tiegħi fil-lista tal-kuntatti. Naħseb qed taħseb li abbandunajtha imma mhux minnu. Ridt nitbiegħed minnha. Ridt nitfa' ħwejġi fil-bagalja bla isem li ħa miegħu Stefan. Darba kien hemm ħwejjeġ Emma f'dil-bagalja. Kienet tefgħet ritratt fuq Facebook tifraħ li se ssiefer miegħu. Fil-wiċċ, libsa bajda ttikkjata bl-iswed. Biswitha, flokk ta' taħt taċ-ċingi ġdid, wieħed mill-eluf imqattgħa li għandu Stefan. Kollox mitfugħ f'bagalja waħda. Kont għafast *like* għax għoġobni u għax kont kuntenta għaliha u lil Emma Bonavia, inħobbha.

Dakinhar tar-restorant fommu ma tbewwaqx. Staħa jitkellem. Kelli nqum jien u nidħol fil-kċina biex nagħti ċanfira lill-kok, u hu aktar ħmar. Forsi jien opportunista iktar minnu. Miegħi ma jordomx, għalkemm darba pprova u nfqajt nidħaq f'wiċċu. Ma reġax għamilha. Emminni, inħobbu tassew u għax inħobbu, hekk kif nara li wara x-xogħol għadu bl-għodod kollha f'idu, inwaqqagħhomlu u ntih idejja u hu jagħfashom u jien nitbissem. Ma kienx tajjeb għaliha. Għadha żgħira, jaħasra, u mmanipulaha. B'tgħanniqa kienet timla għajnha. Tgħanniqa mingħandu kienet biżżejjed biex isservi ta' stikka u għal ftit twaqqaf il-materja milli tisponta minn tikkitha. Idejh jinħallu minn ma' ġisimha, l-istikka tinqala' u l-materja terġa' tnixxi b'iktar saħħa.

Kien għad kellha ħmistax-il sena meta ltaqgħet miegħu u hu kellu għoxrin sena. Kien ilu li beda jġennen 'it-tfajliet bl-akrobaziji tiegħu fuq it-twavel u l-ħadid, bil-muskoli joqomsu hu u jgħabbi xi kantun fuq spalltu qisu mhux hu. Kien ilu li beda jibni u jordom. Il-faċċata ta' Emma mhix kerha: għandha tbissima sabiħa imma ma kinitx turiha wisq. Tħobb tinqata' għaliha u ħafna jarawha bħala l-istramba. Dawk li qegħdin fil-kors magħha nafhom sew u rari smajthom isemmuha. Id-drabi li semmewha biex jgħaddu xi botta fuqha u jien nitbissmilhom għax daqshom kont nafha u dan kienu jafuh.

Kien għad kellha ħmistax-il sena meta ntilfet warajh. Kienet tilmħu u tibda tara friefet roża jtiru mal-kastell Neuschwanstein tal-Bavarja u konfetti ffjuriti minflok il-weraq isfar niedi li jdur miegħu. Minn tifla timida, maqfula f'dinjitha

mad-djarju tagħha, bdejt nara t-tbissima tagħha tikber. U jien sraqthulha. Sraqthulha lil Stefan għax lil Emma Bonavia, inħobbha.

Minn dejjem qsamna l-kamra imma qatt ma ħallietni nidħol fid-dinja tagħha. Lanqas meta kienet miegħu, qatt ma tkellimna fuqu. U jien kurjuża u għal tikka sraqtilha d-djarju. Ħallini, tiġġudikanix, kien qed isejjaħli minn fuq sodditha, ftit ċentimetri 'l bogħod minn fejn kelli jdejja mitluqa wara ġurnata studju. Kulma ridt li nittawwal fil-kastell li kienet tgħix fih. Kont għadni ma nafx hux il-kastell li sakkru fih lil Rappunzell jew dak li marret tgħix fih Ċiklemfusa mal-Prinċep.

Idejja passew waħedhom u s-swaba' għamlu xogħolhom. Qallibt fih. Bdejt naqra dwar id-dimonji li jaħarqulha stonku għax ikollha titkellem fil-klassi, il-furkettun li jtaqqbilha *oesophagus* hi u tiekol xi pastizz jew biċċa pizza kollha żejt, l-ewwel bewsa tagħha ma' Stefan, l-ewwel darba li messha. Skoprejt li anke Emma kienet taf kif, li Emma ma kinitx tal-ħrejjef kif kont naħseb. Kollox pittret fuq il-karta, sal-inqas dettall ... kif kaħħalha ma' ħajt, il-bews, il-kliem li qallha f'widintha, il-movimenti ta' jdejh u ta' jdejha, it-tnehid u l-orgażmu. Kollox. Ħallietu jmissha l-belha, biex l-għada ħallieha. U reġgħu flimkien. U reġa' ma tax kasha għal xi żmien. U reġa' tbissmilha. U reġa' nsieha għal xi jiem. Wasalt fejn waslet iż-żigarella mżarrda, qalb żewġ paġni f'nofs id-djarju. Sibt versi u mhux paragrafi u għal waqt wieħed ftakart li jien ma kellix inkun qed naqra dak id-djarju. Għajnejja komplew jitremblu fuq il-morfemi. Kien qasmilha qalbha reġa' u riedet tinqeda bil-metafora biex forsi lid-djarju tħawdu tikka oħra, tistordih, iħalliha, iħallilha rmied l-għabra warajh, tagħtas għal darba, tnejn, tlieta, u taqbżilha demgħa ...

*Irfistli fuq il-libsa ttikkjata.*
*It-tikek saru passi li ttikkjawli lil qalbi.*
*Tomxotli xagħar għajnejja*
*u l-kpiepel ma jpetptux.*
*Qalbi sodda mqallba*
*u ħsusi ġisem mgħaqqad*
*mal-friex irejjaħ sbuħija*
*tat-tajjar li tajjart minn moħħok*
*u f'leħħa ħarbat lil tiegħi.*
*Issa kompli passi.*

Tħassartha. Ħassejt li għandi nagħmel xi ħaġa għax lil Emma Bonavia, inħobbha. U sraqthulha. Kont naf li kapaċi nġibu jiekol minn idejja. Ġennintu għal warajja kif naf jien u nessejtu kif jaqsam qalb it-tfajliet wara li għall-elf u l-aħħar darba qasam qalb Emma. Il-binja ta' ġismu ma beżżgħetnix milli nirkeb fuq dahru u nħalli l-kantun tiegħi jagħfas fuqu. Irbaħtu u Emma ma tafx. Ma tafx kif u x'fatta, għala ħarbilha bil-bagalja bla isem xi mkien fejn ma tafx. Mhux se tifhem. Min jaf xi ssaqsi l-belha! Imweġġgħa bħalissa, bħal kull darba oħra li telaqha.

Ifraħ, Emma Bonavia; din kienet tal-aħħar. Kompli pitter kull mistoqsija tqila li għandek fid-djarju, sabiħa. Xi darba għad issib is-skiet li ilek tixxennaq għalih sentejn. Inħobbok, Emma Bonavia.

Lil oħti ma nħobbhiex. Dik ma nafhiex li kieku mhux bis-serqa. U issa anke int sraqt, tafx? Anke int passejt iżżejjed fil-kastell tagħha. Qrajthom il-versi hux? Stajt qbiżthom jew waqaft. Sirt taf framment minnha bħali, framment li ma riedet lil ħadd isir jaf. Qed nogħxa bik għax naf li tkażajt bija xħin għidtlek li ftaħt id-djarju tagħha. Int kompliċi daqsi ... ħarist fejn ma kellekx tħares. U issa x'se tagħmel?

Jekk xi darba tiltaqa' ma' Emma għidilha li Freya Bonavia tħobbha.

# Tqarraqna

Charles Bezzina

Tqarraqna meta għarafna
li ħkimna d-dellijiet,
u ġbarna ġol-irkejjen
il-qtajja' tas-sħabiet.

Tqarraqna meta ħsibna
li n-nar konna tfejnieh
u qbadna bejn idejna
il-barma tal-irjieħ.

Tqarraqna meta ħlomna
li qajl waqqafna ż-żmien,
u sibna tarf il-baħar
fir-rokna tal-ħolqien.

Tqarraqna bla ndunajna,
għaraqna lkoll għalxejn,
ħażżiżna sinjal fl-ilma
u reġa' kollox xejn.

# Vendetta!

Mary Chetcuti

Ħabbatt bil-ponn fuq il-bieb qadim għax Ġużu qatt ma kellu kurrent elettriku ġewwa aħseb u ara qanpiena mal-bieb. Stennejt ftit u meta kont se nerġa' nagħti daqqtejn oħra bil-ponn, il-bieb tbexxaq u minn warajh, b'nofs wiċċu biss jidher, Ġużu laqagħni u qalli, "Xi ż-żobb ġejt tagħmel hawn, mela ħrabtilhom?"

"Ġejt ħa nitkellmu," għidtlu.

Ġużu qisu pprova jerġa' jagħlaq il-bieb imma jien kont pront u mbuttajt il-bieb 'il ġewwa bih b'kollox. Ġie dahru mal-ħajt u nfexx jidgħi għax qal li weġġajtu.

Ġużu daqsi miż-żmien imma l-eroina li jfaqqa' fil-vina ħlietu. Għandu għajnejh dejjem imbexxqin u fil-ħofra u wiċċu mixrub u griż, tistħajlu katavru wieqaf. Qbadtu minn sidru u mbuttajtu biex ikompli dieħel 'il ġewwa fiż-żewġ toqob ta' kmamar qishom mintna li jgħix fihom, jogħrok minkbu, jidgħi u jaqlagħli b'dak il-ħanżir missieri.

"Fuqu ġejt inkellmek" għidtlu. "Meta kont ġewwa inti ħliftli li taf fejn hu u sakemm niġi biex noħroġ ħa ssibli fejn qed joqgħod ukoll. Qabel ma tgħidli kollox mhux ħa noħroġ minn hawn ġew, fhimt?"

Ġużu refa' pakkett tas-sigarretti mill-art u tefa' sigarrett bejn xufftejh. Ressaq il-pakkett lejja imma rrifjutajt mhux għax ma xtaqtx wieħed imma għax ir-rabja li kelli u l-għaġla li rrid nagħmel dak li ilu jberren f'moħħi għal

dawn l-aħħar għoxrin sena li qattajt il-ħabs għal wiċċ ħaddieħor qatluli kull sens ta' ħbiberija mal-umani.

Ġużu pprotesta "U ejja ras, kollox ħa ngħidlek. Ma tarax mhux sa naħraha miegħek wara li salvajtli ġildi hemm ġew ... imma tini xi ħaġa tal-battikata, ras." Jiena kont diġà bsart biex ħa joħroġ Ġużu u bħala risposta ħriġtlu idi mill-but u wrejtu żewġt iqratas bit-trab li jħobb hu. Għajnejh xegħlu u ħalqu ċċarrat fi tbissima bla snien bis-sigarrett jibqa' mdendel max-xlieqa. Qalli kulma ridt inkun naf u aktar. Mid-dehra l-lista ta' għedewwa li għamel missieri tul ħajtu ma tispiċċa qatt u għalhekk sieħbi kellu fejn jimraħ sew biex sabli fejn sparixxa missieri. Jiena qgħadt attent nisma', nixtarr u nġedded il-memorji ta' dak li ma nista' ninsa qatt.

***

Meta kelli tnax-il sena kien ġie raġel m'ogħla hawn fil-kamra ġol-kerrejja fejn kont qed nitrabba m'ommi u qalilha li mil-lum 'il quddiem jiena għal miegħu. Niftakar qisu lbieraħ, ommi kienet qisha ħa topponi imma malajr għalqet ħalqha mit-ton ta' kif reġa' kellimha dan ir-raġel.

Meta tlaqna m'għand ommi, staqsieni, "Taf min jien, Jimmy?"

Jiena ħarist 'il fuq lejh u weġibtu minn taħt l-ilsien, "Le."

Qalli, "Jiena missierek, Jimmy, u mil-lum se tibda tgħix miegħi u se jkollok ħuk akbar minnek ukoll." Jien m'għidt xejn għax ma fhimt xejn, imma biż-żmien bdejt nifhem.

Ġorġ kellu l-jedd jgħid li hu missieri għax ommi kienet titqaħħab għalih wara li kien ħabbilha meta kellha tlettax-il sena u jiena kont il-konsegwenza. Bdejt nifhem ukoll li missieri huwa bniedem li kulħadd jobdih għax kulħadd jibża' minnu. Ibnu l-ieħor, Dario – ħames snin akbar minni – kien, skont missieri, l-aqwa f'Malta għall-iżgass. Mhux ta' b'xejn kien il-mimmi t'għajnejh. Missieri tefagħni taħt idejn ħija biex dan iħarriġni fis-sengħa tiegħu. Jien kulma kelli nagħmel kien li nobdi u nitgħallem. Dario kiesaħ u kien iħobb iballatli biex skont hu nitħarreġ sew. Għalkemm kont għadni tifel indunajt kmieni li kellu ħafna arja u kien kelb. Jekk kien jarah isawwatni, missieri kien iwaqqfu imma mhux għax jitħassarni, għax kien ikun diġà daqqhomli hu. Bdejt nitgħallem nagħmel li jgħiduli, ma kellix għażla oħra.

Fil-jum li għalaqt sittax-il sena missieri ġie fuqi, qabadni minn spallejja u qalli, "Jimmy, int issa kbir biżżejjed biex tagħmel biċċa xogħol ta' veru magħna." Jiena xengilt rasi fl-affermattiv biex nurih li qed inħossni 'onorat' li se jdaħħalni magħhom f'serqa. Kont sirt ta' ftit kliem.

Kellna nidħlu fis-satra tal-lejl ġewwa villa li Dario kien ilu jgħasses ix-xhur. Kien joqgħod fiha xiħ armel li kien ġojjellier u neguzjant magħruf tad-djamanti. Skont missieri dan il-ġojjellier kien miljunarju rgħib li jżomm ġidu d-dar biex ma jikxifx għajnu mal-banek u ma' tat-taxxa. Kif kien jaf dan kollu missieri għalija għadu misteru sal-lum.

Konna Dario, missieri u jiena magħhom. Ġużu kellu jistenniena fil-karozza żewġ kantunieri 'l bogħod mill-villa. Qbiżna ħajt għoli u ġejna ġo ġnien daqsiex u mitluq fuq wara tal-villa. Il-bibien tal-villa li jagħtu ġol-ġnien kienu kollha msakkrin u Dario kellu jkisser rokna minn ħġieġa ta' wieħed minnhom biex idaħħal idu u jgħolli l-lukkett. Il-ħġieġ jinkiser għamel ħoss żgħir imma jiena bil-biża' li beda jaħkimni stħajjiltu qed jidwi u jaħbat mal-ħitan tal-ġnien biex jerġa' lura fejn konna aħna. Niftakarni naħseb "*Dan il-ġenju tal-iżgass li jiftaħar bih missieri? Mulej ibgħathielna tajba!*"

Ġewwa kien hemm dlam ċappa u missieri xegħel *torch light* żgħira kemm naraw fejn nixħtu l-pass biex ma nitgerbux f'xi biċċa għamara. Dario sab l-istudju tax-xiħ, fetaħ il-bieb u dħalna. Beda jxoqq l-għaraq għalija. Ħija kien qisu jaf fejn ifittxu s-sejf. Naħseb kienet qaltlu xi qaħba minn tiegħu li tiġi tnaddaf fil-villa.

Kien jaf ukoll x'tip ta' sejf kellu dan il-ġojjellier għax ġie ppreparat bl-għodda għalih. Kien sejf qadim u mhux ikkumplikat bħal tal-lum. Għall-ewwel kien qisu ħa jħabbtu biex jinfetaħ imma bi ftit logħob ċeda u Dario rnexxielu jiftħu. *Fl-aħħar*, ħsibt jien, għax s'issa qalbi bdiet tħabbat sitta sitta.

Missieri mbuttani 'l quddiem u għamilli sinjal biex niftaħ il-basket li kien tani qabel, ħalli Dario jbattal is-sejf. Dan kollu seħħ f'inqas minn għoxrin minuta u rġajna ħriġna mill-istudju għal ġol-kuritur li jwassal għall-bieb mnejn dħalna – missieri fuq quddiem jurina t-triq bit-*torch light*, Dario warajh u jiena l-aħħar inġorr il-basket li tqal sew għax anke ngotti żgħar tad-deheb sibna. Il-qabda kienet sa ġġib kemxa flus ġmielhom.

Mid-dlam ta' warajja nstema' leħen irrabjat u sod "Ieqfu fejn intom! Tagħmlux pass ieħor għax niftaħ in-nar fuqkom!" u lili "Itlaq dak il-basket fl-art

int!" Dort bil-mod u ġejt wiċċ imb wiċċ ma' pistola kkargata u ppuntata lejn sidri. Ix-xiħ li kien qed iżommha deher li ma jaħsibhiex darbtejn biex jużaha wkoll. Bdejt nirtogħod. F'qalbi għidt, *Magħmula tagħna!*

Tlaqt il-basket fl-art u minn warajja ħassejt lil Dario jitħarrek bħali. F'salt wieħed instemgħet splużjoni u rajt leħħa ta' berqa ġejja minn wara dahri. Rajt ix-xiħ jinqata' minn saqajh u jinstabat mal-art wiċċu 'l fuq, b'għajnejh imberrqin jissara biex jieħu n-nifs u jtajjar id-demm minn ħalqu. Iġġennint u naf li bdejt ngħajjat, "X'għamilt! X'għamilt!" avolja ma stajt nisma' xejn ħlief tisfir f'widnejja għax il-ħoss tal-balla tarraxni.

Inħkimt minn ferħ ta' ġenn. Ħtaft lil ħija minn sidru u komplejt inwerżaq, "Għalfejn qtiltu? Għalfejn qtiltu?" Missieri beda jġebbidni minn spallti u jinbaħ xi ħaġa li ma stajtx nisma' mtarrax kif kont. Dario fferoċja, il-bixra ta' wiċċu nbidlet u kriehet kif beda jissara miegħi biex jaqlagħli jdejja minn fuqu.

Irnexxielu jimbuttani, nstabatt mal-ħajt ta' warajja u kif kont erġajt sejjer għalih jaqla' idu bil-pistola għadha fiha u jilgħabli daqqa ta' ħarta bil-maqlub b'saħħtu kollha. Mad-daqqa żbilanċjajt ruħi u jiena u naqa' ħbatt ngħasi ma' senduq li kien hemm fil-kuritur. Rajt bħal dawl qawwi jpeċpiċni u ħassejt bħal sejf iniffidli rasi qabel ma niżlet dalma fuqi u ma niftakar xejn aktar.

***

Ftaħt għajnejja u rajt saqaf mudlam. Kont mimdud wiċċi 'l fuq. Ippruvajt indawwar għajnejja lejn il-ġenb imma ħassejt weġgħa qisha sajjetta sserrep u tixxokkja f'moħħi u rġajt għalaqt għajnejja.

Leħen ta' mara beda jkellimni bil-mod u jgħidli biex jekk qed nismagħha niftaħ għajnejja. Hekk għamilt. Kont għadni wiċċi 'l fuq u tħares 'l isfel lejja nara mara liebsa l-abjad.

Staqsejtha, "Min int?"

Tbissmet u qaltli, "Jien in-ners tiegħek. Ilek ħamest ijiem l-*ITU* imma l-ikrah għadda. Ma tiftakar xejn, Jimmy?"

Ħalqi kien xott, "Kif ... taf x'jis...?"

Din il-mara anġlu mellsitli wiċċi u qaltli, "Orqod, Jimmy, tisfurzax biex titkellem."

Bqajt niċċassa lejha u nipprova niftakar imma għajnejja ngħalqu minn jeddhom.

Jumejn wara ħarġuni mill-*ITU* u poġġewni f'kamra waħdi. Quddiem il-bieb tal-kamra nnutajt li poġġew pulizija għassa miegħi. Il-memorja bdiet ġejja u beda jagħtini ħmar il-lejl, nistenbaħ maħsul bl-għaraq u ngħajjat, "Qtiltu! Qtiltu!" Tawni l-kalmanti u stajt norqod bla ma niftakar xi nkun ħlomt.

Ġimgħa wara ġew iżuruni żewġ spetturi tal-pulizija. Kienu mid-Diviżjoni għall-Investigazzjoni Kriminali. Hekk introduċew ruħhom. Minn hawn beda l-veru ħmar il-lejl tiegħi.

"Għalfejn sparajtlu lill-ġojjellier li sraqtu, Jimmy?" L-ewwel spettur.

"Jiena ma sparajt lil ħadd!" inħares minn wieħed għall-ieħor.

"Fejn huma Ġorġ Fenech u Dario Fenech? Fejn ftehemtu biex tiltaqgħu wara s-serqa? Aħna nafu min għamilha din is-serqa." It-tieni spettur.

Ma kinux jafu li Ġorġ fil-fatt huwa missieri u Dario ħija. Jiena ma tkellimt xejn.

"Sparajtlu biex sħabek jilħqu jaħarbu, hux hekk, Jimmy?" reġa' l-ewwel spettur.

Jiena bqajt nirrepeti, "Jiena ma sparajt lil ħadd ... m'għamilt xejn!"

"Jimmy, il-provi kontrik huma ċari kristall. Jaqbillek tikkopera magħna u tgħidilna eżatt x'ġara." It-tieni spettur.

"Xi provi huma? X'qed tgħidu?" bdejt nirtogħod, qbadt nibki u għidtilhom kollox sa fejn kienet twassal il-memorja tiegħi ta' dak il-lejl misħut. Ma ħallejt xejn barra.

It-tieni spettur ta daqqa t'għajn lil sieħbu u lili qalli, "M'intix tgħidilna l-verità, Jimmy. Lix-xiħ inti qtiltu għax sfrattalkom is-serqa. Inti kellek l-arma u sparajt. Fil-ġeġwiġija naħseb bżajt jew tfixkilt, waqajt, ftaħt rasek mal-għamara u sħabek ħallewk warajhom. Għalhekk kellek dik il-*concussion*, Jimmy."

"Le, le! Mhux jiena qtiltu. Dario kellu l-pistola, hu sparalu!"

L-ewwel spettur ħares f'għajnejja u kessaħni xħin qalli, "Ibni, tibqax tiċħad u tgħid li mhux inti sparajt għax meta dħalna fil-villa inti kont mixħut mal-art u l-pistola kienet għadha f'idek. Il-marki tas-swaba' li elevajna minn fuqha huma tiegħek mhux ta' Dario Fenech. Fhimt issa, Jimmy Camilleri, f'liema sitwazzjoni tinsab?"

Din kienet biss ħolma kerha. Issa nistenbaħ u jkun għadda kollox. Hekk bdejt ngħid lili nnifsi.

Il-ħolma kerha tiegħi damet ħmistax-il sena. M'għaddejtx ġuri għax l-avukat tal-fqar li qabbditli l-Qorti fetaħli għajnejja u qalli, "Ibni, ammetti l-ħtija,

tħallihomx jgħadduk ġuri għax ikissruk u ma toħroġx mill-ħabs. Li għandek favurik huwa li inti għadek minorenni u m'intix reċidiv."

Jien għamilt kif qalli; tawni għoxrin sena u għamilt ħmistax minnhom ġewwa. Ħmistax-il sena msakkar ġo ċella qisni kelb indannat, naħlef miegħi nnifsi, *Inpattihielek Dario. Noħroġ minn hawn u npattihielek*.

***

"Lebbtu 'l hemm! Ħarbu dak il-lejl stess lejn Sqallija fuq skuna ta' wieħed Taljan li kienu jħawdu miegħu u lili ħallewni b'xejn," qalli Ġużu.

"Dak id-demel, Dario, qabad fija għax tlabtu sehmi," u beżaq fl-art. "Imma kollox sirt naf fuqhom, ras. Għandi l-indirizzi kif wegħedtek u għandi aħbar tajba għalik ukoll."

Jiena bqajt nisma' ħa nara x'tista' tkun din l-aħbar tajba.

"Laħqu Alla 'l dak l-aħdar, Jimmy, għax ħa balla hawn." Ġużu poġġa subgħajh il-werrej fuq wara ta' widintu biex jurini fejn sparawlu lil Dario.

"Inqalgħet ġlieda fil-bar li fetaħlu missierek f'Soho. Qalu li Dario bdieha l-ġlieda u l-balla hu ħadha wkoll!" Ġużu daħaq. "Ħaj baqa' tafx, imma qiegħed ġo sptar apposta għax il-balla ħallietu qisu iblah, ras!"

Ġużu resaq lejja u r-riħa ta' miżża tiegħu resqet qablu; isserja, ħares dritt f'għajnejja u qalli "Trid tkun taf fejn qed iżommu missierek lil Dario, Jimmy?"

***

Fil-ħmistax-il sena li għamilt il-ħabs tgħallimt nikteb u naqra sew bil-Malti u bl-Ingliż u tgħallimt ftit somom ukoll. Faddalt somma żgħira mill-benefiċċju għall-ħabsin li kienu jagħtuni kemm domt ġewwa. Ma tantx kelli fiex nonfoqhom flusi ħlief għas-sigarretti, li ma ngħaddix mingħajrhom. Mad-drogi qatt ma ċċappast hemm ġew. Dħalt tifel u ħriġt raġel irrabjat u determinat.

Għamilt passaport, qbadt titjira lejn Londra u wara vjaġġ qasir bit-tren wasalt Croydon, bl-indirizz li tani Ġużu f'idi. Ridt nara b'għajnejja f'liema stat ġie tassew fih Dario. Ma kont se noqgħod fuq il-kelma ta' ħadd.

Saqsejt u mxejt kif qalli raġel xwejjaħ li waqqaft ħdejn l-istazzjon tat-tren, u sibtu l-post. Kienet dar ftit kbira tintuża bħala klinika privata għax-xjuħ u nies diżabbli. Xejn lussuż. Dħalt u ġejt f'intrata wiesgħa bi skrivanija f'ġenb minnhom.

Mort fuq in-ners li kienet wara din l-iskrivanija u saqsejtha bl-Ingliż, "Jekk jogħġbok, hawnhekk hawn Dario Fenech?"

Tbissmet u qaltli, "Iva, Dario hawn qiegħed magħna. Min inti, jekk jogħġbok?"

Għidtilha, "Jiena ħabib antik tiegħu, tlajt minn Malta biex narah, jekk hu possibbli."

Ħarġet minn wara l-iskrivanija u għamlitli sinjal biex nimxi warajha. "Xi ħlew, ġejt minn Malta biex tarah, kemm sa jifraħ missieru la jsir jaf li ħadt din it-triq kollha biex tara lill-ħabib tiegħek. Xi ħaġa tassew sabiħa."

Tbissimt u m'għidt xejn.

Dħalna f'kamra fit-tarf nett tal-kuritur. Kienet żgħira u ftit mudlama. Fuq siġġu tar-roti ħdejn sodda dejqa kien hemm raġel li għall-ewwel m'għaraftux.

In-ners dawritlu s-siġġu biex jiġi eżatt iħares lejja u qaltlu, "Dario, *luv,* hawn sorpriża għalik! Qed tagħrfu lil dan il-ħabib li ġie minn Malta apposta għalik?"

Inħsadt; dan ma kienx l-istess Dario kif niftakru jien. Lanqas xagħra waħda ma baqagħlu fuq rasu. Niftakru b'xagħru twil sa spallejh u raġel mibni. Issa tfartas, ħxien u xjaħ. Wara widintu x-xellugija kellu biċċa minn rasu qisha sfrundat 'il ġewwa. Minn fejn daħlet il-balla – *Mela veru li laħqek Alla,* ħsibt jien.

Beda jidħaqli u n-ners bdiet tispjegali, "Ma tiftakrux hekk żgur lill-ħabib tiegħek meta kont tafu Malta. Il-balla għamlitlu ħsara kbira f'moħħu u kif qed tara qisu tifel żgħir u ma jagħraf lil ħadd. Imma dħuli ħafna u jidħaq lil kulħadd."

Saqsejtha jekk għadx jiġi kif kien.

Qaltli, "Jiddispjaċini, il-ħsara hija permanenti. Għandu xorti għadu ħaj għax it-tir seta' faċilment qatlu, miskin."

Kompliet tispjegali fuq il-kundizzjoni ta' Dario u jiena biex nuri li qed nieħu interess nisma' bdejt inżid xi kelma jew mistoqsija kultant. Bdiet taqbadni kilba għal sigarrett u bla ma naf ħriġt il-pakkett u bdejt indawru f'idejja.

In-ners ratu u qaltli, "Skużani, imma ma tistax tpejjep hawn ġew."

Ħarist lejn il-pakkett qisni qed narah għall-ewwel darba jien ukoll u għidtilha, "Skużani, qed nipprova naqtagħhom u xi drabi lanqas inkun naf li ħa nqabbad sigarrett bil-kilba li taqbadni."

Daħħalt il-pakkett lura fil-but tal-ġakketta u ħriġt borża żgħira bil-ħelu iebes tal-minta. Offrejtilha biex tieħu waħda imma rrifjutat. Għajnejn Dario xegħlu kif ra l-ħelu, " ...elu, ...elu, ...elu," beda jitbandal 'il quddiem u lura fuq is-siġġu tar-roti qisu jrid iqum u jaħtafli l-borża minn idi.

In-ners qaltli biex indaħħal il-ħelu lura fil-but u bdiet tikkalma lil Dario, tkellmu bħat-tfal żgħar biex jiskot. Kif ma rax aktar il-borża kkwieta.

Hija qaltli, "Kif qed tara b'għajnejk, proprju bħat-tfal jagħmel. Ma jista' jarak tiekol xejn għax ikun irid, imma sfortunatament Dario għandu nofs wiċċu pparalizzat u ma jistax jiekol bħalna, allura nagħtuh kollox likwidu għax inkella jifga fl-ikel."

"Skużani, ma kontx naf għax kieku ma ... " bdejt ngħidilha imma qatgħetli kliemi u qaltli, "Mhux tort tiegħek, ma ġara xejn. Ara ħa nħallikom waħedkom issa: min jaf kemm ilkom ma taraw lil xulxin! Tista' ddum kemm trid ħdejh għax iħobbha l-kumpanija."

Irringrazzjajtha u ħarġet mill-kamra. Dario baqa' jħares lejn il-but tal-ġakketta tiegħi fejn daħħalt il-ħelu.

Intfajt dahri mal-ħajt faċċata tiegħu nħares lejh mingħajr ma nkellmu. Issa li sibtu u rajtu kont kuntent ... kważi. Għamilt xi kwarta niċċassa lejh, u hu jħares daqqa lejja u daqqa lejn il-but fejn kelli l-ħelu.

Ħarist lejn l-arloġġ – għamilt biżżejjed ħin ħdejh. Imxejt għal quddiemu u għidtlu, "Sejjer, Dario." Hu ħares 'il fuq lejja b'dik it-tbissima mgħawġa, li qisha ma tmurx minn fuq wiċċu, u reġa' ħarisli lejn il-but.

Ħriġt il-borża tal-ħelu mill-but u deffisthielu f'idu. Eċita ruħu u kien ħa jtir bil-ferħ. Għamiltlu sinjal biex jiskot u ta b'rasu biex jurini li fehem. "Tħallihomx joħduhomlok, aħbihom sew!", u reġa' ta b'rasu.

Ħriġt mill-kamra, kif wasalt ħdejn l-iskrivanija, in-ners sejħitli u qaltli, "Lanqas għidtli x'jismek. Għada jiġi jarah missieru u tgħidx kemm sa jifraħ la ngħidlu li Dario kellu żjara minn Malta. Kemm hu missier iddedikat. Iħobbu wisq lil Dario. Min ngħidlu li inti, jekk jogħġbok?"

Għidtilha, "Għidlu ġie jarah Jimmy, jafni sew."

U tlaqt 'il barra.

# Riħitek

Clifford Jo Żahra

Riħitek taqbadha ż-żiffa tal-fann,
tmewwiġha lejja
u tofsoqhieli f'ħoloq iċekċku ma' qalbi.

Riħitek tqila toħnoqni,
imma t-tagħfisa tagħha, tfuħ.

Riħitek hena kkatenat,
għasfur f'ġaġġa li jrid itir,
imma moribond.

# Dramm bla Nifs(i)

Beverly Agius

Id-dramm bla nifs, jinqeda
bil-pupazzi jżebbġu fija
ballati stunati,
ballati mitfija.

Id-dramm bla nifs
jistenna l-intervall

ħalli jinfetaħ is-siparju
fuq il-ħaddejn
malli jixref kliemek
liebes kull kulur,

idawwal id-dmugħ
f'wiċċ il-pupazzi
jiżfnu fija
u jixħet ward
niedi-jitbissem
fil-platea.

# Since You’ve Been Gone

Mark Vella

*'Since you been gone, since you been gone*
*I’m outta my head, can’t take it*
*Could I be wrong? But since you been gone*
*You cast the spell, so break it'*

Rainbow - ‘Since you’ve been gone’

Issa li ilek li tlaqt, u ninsabu tant imbiegħda minn xulxin, qed nitħajjar nidħollok f’darek.

Meta kont ħafna iżgħar, ridt nidħol għand in-nies billejl. Ħalliel li ma jisraqx. Ninkileb u nsib kull mezz biex ninvadi s-sigurtà ta’ dar, tkun ta’ min tkun, u noqgħod indur fiha filwaqt li ta’ ġewwa jkunu reqdin. Bi msarni f’saqajja, ngħaddi nkiss inkiss, waqt li r-raġel ikun qed jonħor fil-kamra tas-sodda, ikejjel b’ħoss imnifsejh misduda l-ġenn tiegħi jien u nnemmislu fi ħwejġu. Fil-kċina u fis-salott, il-kamra tal-banju u dik tal-bejt: indurhom fuq ponot subgħajja mingħajr ma mmiss xejn, iżda kemm nitpeċpeċ fid-dlam biex nara fejn qiegħed, kemm indur il-kmamar kollha, u kemm nara n-nies reqdin f’soddithom, biċ-ċans li jqumu u jaqbduni, u ninħasdu, kemm huma u kemm jien, u bħal f’dawk il-films tad-daħq, nispiċċaw inwerżqu wieħed lill-ieħor bil-qatgħa li nkunu tajna lil xulxin.

Kelli ħabib kompla webbilni. Ried jisraq lil zitu, sinjuruna qammiela li kellha villun antik San Ġiljan. Bejn saħta u oħra lil din iz-zija tgħix fl-għakkarija, konna nippjanaw kif nidħlulha u nisirqulha ġidha. Aktar hu kien jedha jippjana: iż-żmien imbagħad wera li kien maqtugħ għal dawn l-affarijiet, għax kien fetaħ xi kumpaniji fittizji u beda jħawwad bid-droga u bin-nisa, u kienu jgħidu saħansitra bl-armi. Minn familja tajba bħali, skola tal-knisja, *scouts* u quddies, iżda t-tnejn bil-perverżjonijiet tagħna. Perverżjoni, fissazzjoni, sejħilha li trid: kawta u doċli biżżejjed biex ma tkunx proprjament kriminali.

Bħal meta, lejl wieħed, ġej lura minn Paceville, u miexi minn fejn il-lukanda ta' ħdejna, nisma' żewġ turisti għaddejjin għal alla tagħhom minn ġo kamra tagħti għal fuq it-triq. U forsi titħajjar togħla fuq ponot subgħajk u tnemmsilhom minn fuq ħoġor it-tieqa, bħalma tistħajjel li tittawwal lejn il-ġara rieqda mikxufa bil-libsa ta'taħt bil-pizzi musfara, u żewġha bil-piġama bir-rigi. It-tfal marsusa fis-sodda, b'sebagħhom f'ħalqhom. Imma dan kien ħsieb li jmur u jiġi, għax fl-aħħar mill-aħħar, din il-logħba kienet test ta' kuraġġ.

U bħal kull logħba kellha r-regoli tagħha. Sieħbi kien biss kebbisli n-nar tal-fantasija, għax imbagħad ilqtajna u s-serqa qatt ma saret. Qatt ma kienet se ssir: ħolma tat-tfal daqs il-ħolma li toħroġ mal-għalliema tal-Franċiż li tħarsilha bis-serqa lejn saqajha taħt id-dublett qasir minn ġol-kabina tal-*language lab*. Hu mar u seraq, forsi mhux lil zitu, imma jiena bqajt ma sraqt xejn. U mietet ukoll ix-xewqa li nidħol nittawwal f'dar in-nies, bil-bewl nieżel ma' saqajja u kull lejl ma nafx iniex se ninqabad.

Ir-regoli, però, kellhom l-etika tagħhom. Ma tistax tisraq. Ma tista' tmiss xejn, fis-sens ma tistax toqgħod itteftef fl-affarijiet. Ma tistax iddaħħal armi. Lanqas ma jista' jkollok għodda jgħinuk tidħol fid-dar. Din l-aktar li kienet togħġobni. Tista' tidħol jekk forsi jkunu ħallew xi tieqa miftuħa, trid titla' mal-katusa, jew taqbeż minn bejt għal ieħor. Regoli onesti u ġusti. Int biss kontra d-dar u n-nukleu familjari rieqed hieni.

Bla sens, fl-aħħar mill-aħħar, għax ma tirbaħ xejn, imma tidħol għand in-nies u tħossok ħaj, għax qalbek tkun trid toħroġ minn ġol-kaxxa ta' sidrek u tħoss id-demm itanmbar ma' ngħasek irid jinfaqa'. Il-logħba wkoll taqtagħlek il-kurżità. Għall-inqas minn dak li jirnexxilek tara fid-dlam ċappa – għax lanqas *torch* ma tista' ddaħħal, u l-aktar tittama li tkun ixxurtjat biżżejjed li jidħol dawl il-qamar minn xi tieqa. U forsi tara inkwatru, ritratt tat-tieġ, *souvenir* ta'

xi vjaġġ, ornament li kieku int ma jkollokx id-dar għax ħamallu jew mhux stil tiegħek. Imma mhux dak il-punt tal-logħba, għax dawn l-affarijiet m'hemmx gost fihom u r-regoli jgħidu li m'għandek tmiss xejn u ma toqgħodx tindaga. M'hemmx ftuħ ta' kxaxen u armarji, jew tqallib ta' kotba. Kulma tista' tagħmel hu li ddur kull kamra, tifli d-dar minn fuq s'isfel. Jekk jirnexxilek tidħol u tilmaħ l-okkupanti reqdin, tieħu *bonus point* (l-uniku wieħed stipulat fir-regoli) u daqshekk. Erġa' oħroġ minn fejn ġejt u mur orqod f'darek.

Dak iż-żmien issa għadda. Issa kbirna. Issa d-dar insakkarha bil-katnazz u minn kull fejn jistgħu jidħluli nara li jkun magħluq sew. Hemm drabi fejn titħajjar għal *alarm*. Għandek wieħed mal-karozza, ma titfax wieħed mad-dar? Issa ħwejġi ma rrid lil ħadd jindaħal fihom, in-nemmiesa numbrahom, u ma ndaħħal lil ħadd id-dar jekk ma jikkonvinċinix. Lanqas il-patri għat-tberik. Jien ma nemmen b'xejn iżda drabi taħarqek qalbek u forsi ddaħħlu għall-kirjanza, biex ma tiġix fi lsien in-nies, imma jmur jitnejjek hu u l-aktar l-abbati, li ta' tifel li hu bilfors jiċċassa u jifli u min jaf x'katalgu ġabar ta' djar differenti u l-irwejjaħ li jġorru magħhom.

Bilħaqq … l-irwejjaħ. Kważi nsejt. Il-logħba, fundamentalment, hija logħba tas-sensi. Tista' tara, u eċitanti għax trid tara bid-dawl li għandek, jiġifieri fid-dlam. Trid tħoss, l-ewwel nett biex tara fejn sejjer, imma l-aktar biex tħoss il-materjali: il-kawba, id-damask, it-tapiti, il-formajka u l-i*stainless steel*. Tisma', l-aktar għas-sigurtà tiegħek, imma jekk issib wieħed jonħor, tal-ġenn għax il-biża' jibda tiela' u nieżel minn sidrek għal ġriżmejk skont ir-ritmu tal-inħir. (Li qatt ma ħsibtha sew waqt tfassil ir-regoli hija l-preżenza tal-annimali fid-dar. Qattus mhux problema: dak tista' tmellsu; oqgħod attent li ma tirfsux biss. Imma jekk hemm kelb, ifottik.) Ittiegħem ma tistax, ok, għax lanqas il-friġġ ma tista' tiftaħ. Imma trid ixxomm. Jekk ma xxommx, anqas ħaqq tilgħab.

Kull dar għandha riħa. Id-dar ta'ommi għandha l-irwejjaħ tagħha, l-irwejjaħ tal-kenn u l-maħfra u li nerġa' lura lejhom meta nintilef fix-xagħri, bħat-tfajjel ta' Rużar Briffa. Id-dar taz-zijiet kellha riħa ta' xjuħ, u d-dar tan-nannu riħa tat-tisjir jaqsamlek qalbek imħallat mar-riħa tal-baħar ta' San Ġiljan u l-umdità ħadranija tinqata' minn mal-ħitan. Bħall-irwejjaħ li konna nxommu meta konna qed induru nfittxu d-djar: dik li kellha riħa ta' brodu u l-oħra li kellha riħa ta' klieb, u l-kafè li konna nsajru meta ġejna biex inbigħu l-ewwel waħda tagħna, biex min jidħol iħoss li hawn jgħixu n-nies bis-sens, li l-kafè

jħobbuh imsajjar u mhux mill-vażett tal-Comforto, u malli jidħlu jħossu li *this is a home not a house* u jieħdu *vibes* tajbin.

U allura trid ixxomm u tirrekordja kollox f'moħħok, u taħrab lura lejn darek bi mnifsejk jaħarqu u b'rasek iddur raddiena. Int taf li qatt ma nieħu ritratti, u kont neħodhom biss fi żmienek għax hekk kont trid u kont nieħu gost naqtagħlek xewqtek. Malli tlaqt, waqaft niġbed. Xi mkien idur għand ommi, min jaf fejn, hemm film ta' meta ħrabt sa Venezja – minn tant postijiet – u biex noqtol il-ħin, qgħadt noqgħod niġbed ir-ritratti tal-kanali u ta' San Marco, għax wara sitt snin kienet l-ewwel darba li ma kellix lil min niġbed u ħadd min jiġbidli. Jien m'għandix x'nambihom ir-ritratti, u dejjem ridt infihemhielek din, u issa forsi nista'. Għax bħal meta kont noħlom bil-logħba tad-djar, jekk ma xxommx m'hemmx gost. Jien niftakar l-irwejjaħ, u l-album qiegħed f'moħħi.

Bħall-album tat-tieġ. Kont staqsejtek dwar min se jieħdu. Kont għollejt spallejk u għidtli xorta. Fil-fatt, xorta int ħadtu. Għadu għandek? Bija vara maħruġa fuq l-idejn, bik statwa miġbuda eżatt qabel ma daħħalt *angel on horseback* f'ħalqek, bina mwaqqfa għal dejjem imħaddna f'żifna qisna figurin tal-kina. X'jiswa ritratt, mikrosekonda wieqfa li tgħid biss dak li turi, bla qabel u bla wara, mingħajr imma forsi kif jew għaliex? Tgħid mhux se tqabbel ritratt ma' meta ta' tifel vera żgħir kont inħares lejja nnifsi fil-mera u naħseb li hemm jien ieħor wara l-ħġieġa u nistħajjel x'jista' jkun hemm warajha, liema dinja oħra parallela? Bħal-logħba tad-djar ukoll, kien ikolli nara kif nagħmel biex ngħaddi għal wara l-ħġieġa.

L-album qiegħed f'moħħi. U tiġini riħa u teħodni l-postijiet u ż-żminijiet kollha. Nagħlaq għajnejja u niftakar ir-riħa tal-melħ u r-ramel tal-bajja tal-Balluta u ommi bil-*one piece* iswed u dik il-mara li telgħet mill-baħar, niżlilha l-*bra* u rajt sider għall-ewwel darba. Ir-riħa tas-sapuna Fa l-ħadra u l-blu, b'dak id-disinn fuq il-karta qisu ta' baħar tat-Tropiċi, li biha kont ninħasel fis-sajf. Ir-riħa tal-banana li m'għadhiex l-istess daż-żmien. Is-sagħtar li kien jiġbor in-nannu minn wara l-Hilton qabel ma qerduh biex jitfgħu marina u l-Blue Elephant.

U iva, ir-riħa tal-Blue Elephant u t-Tom Yam Soup li dewwaqtli. U r-riħa ta' xagħrek meta kont ngħannqek fis-sodda. U r-riħa tal-ħwejjeġ fil-kexxun. U anke r-riħa ta' ħalqek wara li tpejjep. U r-riħa ta' dak il-flokk aħmar li ma

nafx kif kont taħslu jew ta' x'materjal kien, u jintinlek u nsaqsik jekk tfajtx xi daqsxejn sprej, u nxommu 'l xulxin biex naraw minn fejn ġejja r-riħa u nidħqu. U r-riħa tad-dar ta' ommok, u tal-għelieqi madwarha. U mitt elf riħa oħra.

Jien hekk niftakar, għax jien dħalt f'dar in-nies biex inxommhom. Ir-ritratti kollha nqerdu. Jekk tiftakar, xi mkien Ħad-Dingli, fejn forsi tmur daż-żminijiet mal-għarus il-ġdid tippassiġġa u tippjana l-ġejjieni, bħalma għamilna aħna għal xi żmien, forsi għad baqa' xi fdal tar-ritratti li ħraqna biex neqirdu l-imgħoddi u nibdew mill-ġdid. U xi imkien fil-garaxx tax-xiħ, hemm ritratt bi frejm tal-ħġieġ, midfun taħt l-imbarazz, li kont sabbattu m' Alla għax ma flaħtux. Kien tal-ewwel safra tagħna, Pariġi u ħadnieh sepja biex tgħaxxaqha, u sibtu fil-kaxxa mal-kotba li kont ippakkjajt meta kelli nitlaq mid-dar, u bih f'id waħda u fl-oħra l-ewwel ktieb li tajtni bħala rigal, u r-riħa tal-ktieb ma stajtx niflaħħa tant ħaditni, u lura u 'l bogħod, u allura weħilt int. X'sewa dak ir-ritratt li ħadilna l-Ġappuniż fuq il-Pont Neuf? Kemm xammejt l-ewwel ktieb li qatt tajtni, u biżżejjed. Bilħaqq, dak il-ktieb bqajt ma qrajtux. Imma darba kul tant għadni nxommu.

Issa m'għadnix iffissat li nidħol fi djar in-nies. Tiegħi biżżejjed, u għandi l-irwejjaħ kollha li ġemmajt iżommuli kumpanija. Imma kif se naqbad ngħidlek? Int taf kemm kapaċi niffissa u niġġennen. Forsi ġennint lilek ukoll fi żmienna. X'kienet it-triq loġika għal li se ngħidlek ma nafx, imma ejja nippruvaw. Mela: tal-irwejjaħ hemm għadha, imma mhux dak il-punt. Taf kemm inħobbu l-internet jien. Taf żgur għax ma stajtx taqlagħni minn fuqu. Bih kont nara n-nisa, li mbagħad ippruvajt insibhom fik wara li nitla' f'nofs ta' lejl b'par għajnejn u xi ħaġa oħra daqs dinja. Ma kontx taħmilha, u bir-raġun. Forsi l-liberazzjoni sesswali tagħna ma tajthiex regoli, bħal tal-logħba tad-djar. Mietet. Suq.

Kont naħli l-ħin fuqu. Kont taparsi qed naħdem. Jew taparsi qed nikteb. U kont qed infittex lil hinn minnek, ejja ngħiduha kif inhi. Wara li dort mitt infern u rġajt lura, imbaskat, maħruq, u mtebba' għal dejjem fil-vjaġġ tiegħi lejn kull rokna possibbli tal-pornografija, imbagħad sirt espert. *Online dating, swingers, chat*: kollox ippruvajt. Imma tiftakar … anke int użajtu mhux ħażin. Meta konna għadna għarajjes u kellna l-kriżi, u konna qegħdin fuq *break*, imma xorta naraw lil xulxin, u konna mmorru l-Waves għax kien wieħed

minn tal-ewwel li daħħal l-internet … u int tiċċettja ma' nafu min, u jiena nfittex lit-Taljana ta' qablek u sibtha.

Żviluppajniehom sew il-ħiliet tal-internet. *Knowledge is power.* Tiftakar meta spiċċajna nikkomunikaw biss bl-MSN minn kamra għall-oħra li kien hemm tliet metri biss bejniethom? U dan bejn ċempila u oħra tal-pupi l-ħodor li proprjament magħhom konna qed nitħaddtu? Jew meta kien għad kellna *PC* wieħed u kont ninsa l-*account* tiegħi miftuħ, u tidħol fih int bi żball, jew viċe versa, u konna noqogħdu nilagħbu, u min hi dik u min hu l-ieħor. Lanqas hemm ma konna għamilniehom ir-regoli, imma insomma.

Issa, ħa naraw tiftakarx f'din. Tiftakar meta konna nilagħbu, noqogħdu nittajpjaw isimna fil-Google u naraw x'hemm dwarna fuq l-internet? U fejn semmewna u f'liema *sites* u f'liema *fora*, u jekk tellgħux l-aħħar artiklu tagħna u nejk bħal dan? U mbagħad biex inkomplu nilagħbu konna ndaħħlu isem dak u l-ieħor u naraw x'hemm dwaru wkoll. U jekk iddaħħal "Dom Mintoff" il-Google itik *about* 4,140 *hits*, lili 8,700 imma ismi u kunjomi komuni u ma nkunx jien f'99% minnhom, u l-istess għalik.

U konna qisna deħlin f'dar in-nies. Bħall-abbati bis-satal tal-ilma mbierek f'idu jiċċassa b'għajnejh 'il fuq, waqt li l-kappillan iredden l-istess erba' ħmerijiet, aħna wkoll konna niddelittaw b'dal-logħob. U probabbli xammejtni int ukoll, le? Għadek ixxommni?

Jien għadni, ta. Għax meta ma jkollix x'nagħmel, meta nkun waħdi d-dar jew meta fuq ix-xogħol għajnejja jiżżellġu u nispiċċa niċċassa mit-tieqa, nerġa' nibda nilgħab u niftaħ il-Google u nikteb ismek. Ejja nammetti din ukoll, nikteb isem sieħbek ukoll. Dik domt daqsxejn biex nasal għaliha, imma affarijiet żgħar dawn. Issa, terġa', wasalt fil-quċċata, u nikteb ukoll ismek u ismu, bl-*advanced search* terġa', u *with the exact phrase*, it-tnejn bejn il-virgoletti u bi + jifridkom. U, balleċ, sibt xi ħaġa dwarkom ukoll.

Ara ma taħsibx li lilek biss infittex. Kull meta niltaqa' ma' tfajla, fil-fatt, ħadtha drawwa nitfa' isimha u nara x'joħroġ. Allura? Xejn xejn issir taf xi ħaġa oħra dwarha, xi ħaġa li ħbietlek, jew oħra li għadha ma qaltlekx, u tantiċipaha jew tfassal dak li għad tgħidilha skont it-tagħrif li ksibt u taf int biss. Mhux logħba oħra wara kollox?

Imma ejja nerġgħu għalina. Ngħiduha kif inhi, la int, la jien u lanqas hu m'aħna ċ-ċentru tad-dinja, bħalma ħsibna darba u forsi bqajna naħsbu. Mela kull meta nidħol, iktar vizzju milli għax kurjuż biex nara x'sar minnek. Hemm *links*, pereżempju, li mietu. Meta Simona staqsietni biex tara ritratt tiegħek, ħadtha fuq *link* fejn darba kien hemm wiċċek, u ma sibniehx, u baqgħet bix-xewqa. U biex tgħaxxaqha jien ma nżommx ritratti. U r-riħa tiegħek ma kinitx tinteressaha. U bqajna hekk.

Imma insomma. Skoprejt affarijiet ġodda. Apparti dak il-*link* fejn int u hu tissemmew flimkien (Madonna, ħsibtkom iżżewwiġtu!) naf li sibt xogħol ġdid (Prosit, imma għaliex nissuspetta li rranġalek il-Ministru!) u fl-aħħar naf fejn toqgħod (ma mortx 'il bogħod wisq, wara kollox).

U allura, erġajt iġġennint. Għax issa li ilek li tlaqt, u ninsabu tant imbiegħda minn xulxin, qed nitħajjar nidħollok f'darek. Kif se nidħol ma nafx, għax flett fuq triq passaġġa u traffikuża, u dawk dejjem kienu l-agħar għal dawk li jilagħbu l-logħba. Qisek qed tilgħab kontra l-Galatasaray, disgħin minuta tisfir bla heda jġennek u mbagħad xebgħa tajba wara l-logħba. Imma ma rridx nidħol billejl, għax l-ewwel nett ma rridx narak rieqda miegħu. Mhux għax ngħir jew xi ħaġa, imma *been there, done that*. U r-riħa tiegħu ma tinteressani xejn. Issa nafek sew. Għadek tilbisha dik il-piġama li tant kienet togħġobni, bluna bil-qmura u bil-kwiekeb u tiżloq u tleqq?

Le, nixtieq nidħol binhar, l-aktar għax ma tkunx hemm u allura naħdem bil-kwiet. U anqas naf irridx inxomm. Naħseb kexxun u gwardarobba niftaħhom, biex nara għadekx tiddelitta bil-moda kif kont fiż-żmien. U liema kotba ġodda xtrajt. Għadekx tuża l-istess butir. Jekk fil-kamra tal-banju nsiblekx l-istess sapuna u l-istess fwieħa.

U kif għammartu l-flett? Minimali? Modern? Ħallejtu tradizzjonali u tfajtlu stil tiegħek, jew qlibt għan-Nordiku? U jekk nixgħellek il-kompjuter, tgħid jiddendel ismi mill-*history* tal-kaxxa tal-Google?

U darba, ukoll, rajtlek il-karozza pparkjata, waqaft u nemmistilha. Ix-xugaman tal-baħar fuq is-sit ta' wara, u għidt min jaf fejn bdiet tmur tgħum issa. U darb'oħra kellek daqqa mal-*bumper*. U darba rajtlek ukoll il-gaġġa tal-qattusa. Ħadtha għand il-vett? Ġralha xi ħaġa jew *check-up* tas-soltu, u allura m'għandix għaliex ninkwieta?

Le, naħseb ngħaddi ma ndumx. Tħallix imħarbat, għax issa tgħallimt innaddaf u nagħmel, u biex nitfagħlek ħasla ħwejjeġ u nagħti tfarfira ma rrid xejn. U ħerqan biex nara l-qattusa u mmellisha. Lilha naħseb li nxommha waħda tajba, però.

Insomma, narak ma ndumx. Tiskanta, imma qisha għaddiet fewġa iss'issa u l-qmis li għandi fuqi qed inxommha u twebbilt sew biex niġi nżurek. Kont xtrajthieli meta mort l-Ingilterra, tiftakar?

# Similitudni Din, dwar daqs l-Imħabba

Leanne Ellul

qaluli, dwar l-imħabba nkitbu ħafna
għidtilhom, dwari u dwarek, qatt

*similitudni din, dwar daqs l-imħabba*

daqs iż-żibeġ sparpaljati jiġru f'salt u f'żiffa żżommhom
daqs iż-żiffa xxejjer'uħna 'kk kif is-sħana xxejjinna
daqs is-sħana tixgħelilna l-lejl għal darba u darbtej'
daqs il-lej' ipinġi 'l aħna bl-istess lewn, lewnna s-sħana
daqs in-nar joħroġ il-għaraq biex ma tqaddidniex ix-xemx
daqs l-iffriżat tal-ilma fuq dir-roqgħa friska friska
daqs dir-roqgħa f'telfa dagħa għax ma tafx il-mnej' u l-fej'
daqs il-ma nafx fejn qegħdin aħna, imma l-aqwa illi miegħek
daqs il-miegħek tmiegħek ruħi biex inbierku aħna 'l-aħna
daqs dil-aħna stramba skura għax xi drabi ssib biss imma
daqs dil-imma ssirilna lsien li nifhmu aħna biss ...

daqshekk inħobbok, daqskemm indum indomm id-daqsijiet,
u minn kemm daqsijiet insib l-ebda daqs mhu daqs dak daqsek.

# Meta Mejju Jibki

Matthew Schembri

Xita, xita, xita. Xita kullimkien.

Kollox beda meta n-nannu ġie jgħix magħna d-dar. Dik il-ħabta kelli xi ħames snin, naħseb.

Le. Ċerta.

In-nanna kienet għadha kif mietet u ommi ma riedet bl-ebda mod tħallih jgħaddi l-aħħar ftit jiem ta' ħajtu waħdu d-dar, jiġġedded fit-tifkiriet tal-unika mara li qatt ħabb u jissewwed fis-sodda li ftit qabel kienet ta' tnejn.

Tifhimnix ħażin. Ma kienx xi wieħed minn dawk li għax mititlu martu ma ried jaf b'xejn aktar mill-ħajja u tnaffar fih innifsu. Jew ma ried ikellem lil ħadd. Jew iġġennen.

Xejn minn dan.

In-nannu kien baqa' allegruż, jiċċaqlaq ma' kull biċċa mużika li jisma': mill-marċi tal-banda, sar-raċanċ li kienu jitfgħu fuq l-MTV. Baqa' jiċċajta u jidħaq. Baqa' jimmutettja b'kollox u b'kulħadd. Baqa' jaqbadni f'idejh u jgħollini 'l fuq kull darba li nidħol id-dar, u jdawwarni fl-univers tiegħi sakemm inħoss il-friefet itiru fl-istonku u ma nkunx niflaħħom aktar, u nibda nferfer sieqi u ntajjar idejja bl-addoċċ. Baqa' jeħodni l-bandli. Baqa' jixtrili l-ħelu m'għand Karmena. Sofor bi strixxi ħomor ħomor. U meta kont insib ruħi f'xi waħda mill-ħafna ħliqiet tiegħi u ommi, skarnata, kienet tfittex twissih li dakinhar filgħaxija ma kellux jagħtini ħelu bħala kastig, hekk kif kienu jintfew id-dwal kollha tad-dar u kont

nidħol f'soddti, hemm, taħt l-imħadda, kont insib il-ħelu jistennieni. Għaxra jew aktar. L-għada filgħodu kont dejjem nistaqsih jekk kienx hu li jkun ħallieli l-ħelu bil-moħbi, allavolja kont inkun naf ir-risposta. Imma n-nannu kulma kien jagħmel kien li jitbissem – dik it-tbissima li qatt ma kienet titlaq 'il wiċċu.

Imma kien baqa' jagħmel xi ħaġa oħra wkoll. Xi ħaġa li kienet twerwirni u ġġegħelni ninfena minn ġewwa u noħlom ikrah billejl sakemm naqbad inwerżaq u nqajjem lil kulħadd.

Xita, xita, xita.

M'ilux qrajt f'*magazine* li rġiel li jkunu esposti għal ħafna sħanat qawwija u pressjonijiet strambi, hemm ċans aktar li jkollhom ulied bniet milli subien. Din il-kurżità ftaħtha ma' Doris jum minnhom waqt li konna fil-bitħa. Imma din qatgħetli fil-qasir. Bħas-soltu qaltli: "Mgħaġġla ħafna, ħi! Għadni rrid immur naqla' l-ħwejjeġ minn fuq il-bejt u daqt isir il-ħin biex immur niġbor 'it-tfal mill-iskola! Diġà sar!" Bħas-soltu wkoll, baqgħet bilqiegħda biswiti fuq il-bank ġebli, tħares lejn is-sema blu u tgħodd is-sħab li ma kienx hemm.

Naf li qed nipprova naħrab mill-argument. Assumejt li se jiġri hekk. It-tabib qalli li dan ma kienx se jkun eżerċizzju faċli.

Aħjar inkompli. Irrid inkompli. L-importanti li temmen li jien m'iniex miġnuna.

Kont qed nitkellem fuq in-nannu.

Kien jagħmel il-ġranet magħluq f'kamartu u joħloq il-pupi. Pupi taċ-ċeramika, kollha b'għajnejhom ċassi u wċuħ perfetti. Pupi b'għajnejn kannella, vjola, ċelesti. Imma l-aktar b'għajnejn blu, lewn is-sema Maltija f'nofsinhar sajfi, bħall-għajnejn li kellha n-nanna qabel intfew. Proprjament, dawn kienu aktar qishom trabi milli pupi; b'ġisimhom kemxejn imbaċċaċ, rashom żgħira bi ftit li xejn xagħar u mgeżwrin fi lbiesi ċelesti jew roża li n-nannu kien jixtri minn fuq il-monti mingħand wieħed ħabib tiegħu. Imma hu dejjem pupi sejħilhom. U jien, hekk kif nilmaħ waħda minnhom – u f'xi ġurnata misħuta, xi salt minnhom stivati fuq xi xkaffa minn tiegħu – kont fil-pront nibda nirtogħod u naqta' nifsi.

Kamartu kont niskartaha donnha kienet tarf l-infern. Għalija n-nannu kien xbieha perfetta, imma hekk kif kont niġi wiċċ imb wiċċ ma' kreatura minn tiegħu, il-biża' kien jirbaħni u xejn ma kien jibqa' jagħmel sens. Ma kontx naf għalfejn kien iħobb joħloqhom daqshekk. U wisq anqas ma kont naf għalfejn dak il-biża' kollu minnhom.

Fi tfuliti, u anke issa stess, ħabbatt u għadni nħabbat wiċċi ma' ħafna biżgħat. Imma l-ebda minn dawn kollha ma jwerwruni aktar mit-trabi li kien joħloq in-nannu. U anke wara li telaq wara n-nanna, baqgħu jbeżżgħuni. Anzi, aktar minn qatt qabel. Kollha kemm huma kesħin, bla demm, iħarsu lejja b'dawk l-għajnejn tal-ħġieġ.

Xita, xita, xita.

Dalgħodu, wara l-*breakfast*, qbadt nippassiġġa u għaddejt minn ħdejn il-kamra ta' Sylvia; waħda anzjana ta' xi sebgħin sena. Għadha kif għalqithom xi ġimgħa ilu, mingħalija. Il-Ħamis kien. Din għandha ħotba kbira fuq daharha li ġġegħelha ma tħarisx lejk meta tkellmek, u tlaqlaq xi ftit ukoll. Ngħid is-sew, għamilt l-ewwel xhur minn kemm ilni ngħix hawnhekk nippreferi niskansaha. Imma Sylvia hija tassew mara minn tagħna u qalbha jkollha tagħtihielek, tagħtihielek bla ma taħsibha darbtejn.

Xħin lemħitni sejħitli. Bħas-soltu kellha fuqha l-libsa sewda bit-tikek oranġjo. Tikka ħdejn tikka, dejjem l-istess. Kull tikka f'postha. Bdiet tgedwed xebgħa ismijiet tal-bniet: Naomi, Kirsty, Roselana, Stef, Shanice, Sandy, Mary. Imbagħad talbitni biex nagħtiha xi ftit ismijiet oħra li kienu jogħġbuni, tal-bniet biss. Xejn subien.

It-tfal jien minn dejjem kont inħobbhom; bniet u subien. Dejjem xtaqt li jkolli ħafna tfal, disgħa jew għaxra. Anke aktar.

Meta n-nannu kien jarani nibża' mill-pupi tiegħu biex imbagħad nogħxa nintilef nilgħab u ndur ma' kull tifel jew tarbija li nara, kien jgħidli: "Ibża' minn dawk, binti, u mhux mill-pupi tiegħi! Ara l-ulied ta' vera, dawk kollha problemi jġibu magħhom." Ma kontx nifhem x'kien ikun irid jgħidli eżatt. Naf biss li kont nitwaħħax mill-pupi u nħobb it-tfal. Tfal tad-demm u l-laħam, li jidħqu, jibku, u mhux jiskantaw fix-xejn. U hu kien jibqa' jgħidli dejjem l-istess kliem.

Lil Sylvia semmejtilha l-ewwel ismijiet li ġew fi lsieni u dehret kuntenta.

Imma qabel issoktajt fil-mixi, saqsejtha għalfejn ridithom. B'ċertezza f'leħinha qaltli: "Irrid nagħti isem lil għajnejja. Dejquni t-tnejn li huma bla isem! U min joqgħod mingħajr isem? Imma għadni ma nafx x'se nsemmihom eżatt daqskemm hawn ismijiet tal-bniet sbieħ! Issa ġejt int u semmejtli ruxxmata oħra! Kif ħa jirnexxili nagħżel tnejn biss?"

Ma flaħtx inħares lejha aktar. Anke jekk hi ma kinitx qed tħares lejja. Ħriġt 'il barra u tlabt għaliha forsi xi darba tkun aħjar.

Tlabt għaliha u għall-oħrajn kollha. Nitħassarha. Nitħassarhom ilkoll.

Nara ħafna hawn ġew. Imma jien m'iniex bħalhom. Jien m'iniex miġnuna.

Xita, xita, xita.

Minn mindu kont daqs nitfa, niftakarni nħobb it-tfal. Kont ta'kuljum nixtieq li jkolli tiegħi. U kont nistaqsi u nerġa' nistaqsi.

"Ma, allura, kif jista' jkolli t-tfal?" niftakarni nistaqsiha.

Hi kienet tneħħi l-ktieb li jkollha f'idha f'dak il-ħin u tipprova tfehemni kif tista'. Dejjem kien ikollha xi ktieb f'idha; kemm jekk waqt li nkunu madwar il-mejda wara l-ikel, jew waqt li kienet tkun qed tgħaddi l-ħwejjeġ. Kienet tħobb taqra ħafna u jien ħriġt bħalha.

"Għadek żgħira wisq, binti."

"Mela mhux vera jiġu bil-vapuri, mamà?"

"Dażgur li le, binti," kienet tgħidli b'ċerta intimidazzjoni. "Il-vapuri huma aħna."

Imbagħad iltqajt miegħu. Kien għad kelli tlettax-il sena. L-ewwel imħabba. U f'kemm ilni ngħid, qatagħli xewqti. Ħariġni tqila u sparixxa.

Dak kollu li kont inħobb niekol qabel beda jdejjaqni. Anke l-ħelu isfar bl-istrixxi ħomor. Beda jkolli ġranet koroh. Niftakarni nqum inneħħi fit-*toilet* fis-sitta u nofs ta' filgħodu preċiż. Ommi mill-ewwel xammet dak li jien ma kelli l-ebda ħjiel tiegħu. Inqtajt minn ġewwa. Imma kont kuntenta wkoll. Li jkolli t-tfal kienet il-ħolma tiegħi.

Iżda ma kontx qed inqis kollox. Kien lejn l-aħħar ta' Mejju meta sirt naf li kont tqila. Li kont sirt vapur. Ma kinitx għaddiet ġurnata li ma għamlitx xita f'dak ix-xahar.

Xita, xita, xita ...

Imbagħad berqa.

Waħda minn dawk li qabditni b'rasi mhux taħt l-imħadda u ħarġitli qalbi metru 'l barra minn sidri.

"Għandi kanċer," qaltli ommi, b'għajnejha suwed jissaportu d-dmugħ. "It-tabib qalli li se jagħmel li jista'. Se jibdieli l-kimo malajr kemm jista' jkun, wara li neħilsu mit-testijiet kollha."

Mietet disa' xhur wara.

U jien wellidt tarbija. Waħdi.

Imma qed nerġa' nterraq 'il bogħod minn dak li tassew irrid nitkellem dwaru. U ma nistax nagħmel hekk. Ċoè, nista'. Kollox nista'. Imma aħjar li nkompli u neħles.

Xita, xita, xita.

Xi ġimgħa ilu ddeċidew li joħorġuna ftit sa barra. Mhux l-ewwel darba li għamluha, imma xorta rarità. U ma joħorġux lil kulħadd lanqas.

Ħaduna sa ħdejn il-baħar. Pat qaltli li l-baħar kellu jagħmlilna tajjeb. U jien għidtilha li jien ma kellix għalfejn immur ħdejn il-baħar magħhom. Stajt immur waħdi. Imma f'dak il-waqt Pawlu qala' l-ikel kollu li kienu temgħuh filgħodu u d-diskursata tagħna waqfet ħesrem.

Aħna u ġejjin lura hawnhekk għaddejna minn ħdejn xarabank iffullat tfal tal-iskola. Probabbli kienu għadhom kemm jaslu minn xi ħarġa. U eżatt kif aħna konna mexjin fuq il-bankina huma bdew neżlin bil-mod il-mod minn fuq tal-linja. Tfal ferħana. Tfal jidħqu. Tfal innoċenti. Xagħarhom kannella, iswed, aħmar, isfar. Għajnejhom jixegħlu.

Sibt id-dmugħ f'għajnejja.

Lit-tabib dejjem ngħidlu li m'għandi xejn. Li m'iniex miġnuna. Imma hu jaqbad ikemmex wiċċu u jħokk geddumu.

Staqsewni ħafna mistoqsijiet. Għamluli ħafna ħwejjeġ. Mistoqsijiet li qatt ma immaġinajt li xi ħadd se jistaqsini u ħwejjeġ li qatt ma immaġinajt li xi ħadd seta' jagħmilli. Staqsewni fuq kollox: fuqi nnifsi, xi nħoss, x'naħseb, x'nagħmel, fuq ommi, fuq missieri, xi nħobb, x'ma nħobbx ... Żarmawni minn ġewwa u minn barra. Saqsewni anke jekk in-nannu kienx jabbużani sesswalment! "Il-biżgħat tiegħek għandhom l-għeruq xi mkien," qal fl-aħħar it-tabib tiegħi, "bilfors." U wara ħafna mistoqsijiet, tkerrih, ħakk, u ma nafx x'aktar, iddeċieda li dawn l-għeruq kienu f'moħħi. Kienu f'moħħi minn ġuf ommi.

Imma jien m'iniex miġnuna. Qatt ma kont. U qatt ma jien biħsiebni nkun.

L-aħħar darba li kellimni t-tabib qalli li jekk jirnexxili nagħmel dan l-eżerċizzju nkun għamilt pass kbir 'il quddiem. Issa ma nafx jekk hux biex jeħlili l-ħin. Imma ddeċidejt li nisma' minnu. Għalhekk qed nikteb dan kollu.

Ix-xita ma tridx tieqaf illum.

Ma trid tieqaf qatt.

Michael kien għadu kemm għalaq għaxar xhur. Kont sibt appartament fil-qalba tar-Russja, fejn ommi kienet tgħid li kien miet missieri meta wellditni.

Ħabbat il-bieb u mort nara min kien. Raġel, tallab, bejjiegħ, kien min kien. Għajnejja mill-ewwel marru għal idejh. Kien qiegħed iżomm pupa. Waħda li dritt fakkritni f'dawk tan-nannu. Għalaqtlu l-bieb f'wiċċu. Ma nafx x'tani dak il-ħin. Naf li kont imwerwra. Mhux imwerwra. Lanqas miġnuna. Agħar min hekk.

Michael kien rieqed fis-sodda tiegħu.

Qegħedt borma mimlija żejt fuq il-*cooker*. Xgħelt in-nar u ħallejtu jbaqbaq għal kwarta. Stennejt. Imbagħad qbadt il-borma u tikwi kif kienet ħadtha fil-kamra fejn kien hemm iż-żgħir, għadu rieqed. U tfajt iż-żejt kollu fuqu, jagħli kif kien.

Rajtu jbati, jinxtewa, ifittex għal nifsijiet midfuna. M'għamilt xejn ħlief bqajt issummata nħares lejh ... Bla ma ridt, lil ibni bdiltu f'pupu ikrah bħal dawk tan-nannu. Ħafna aktar ikrah.

Xita u xita u xita.

Ma ridtx, emminni. U lanqas ma jien miġnuna. Imma dak il-ħin ... Dak il-ħin ...

Jien biss bniedma oħra, differenti u l-istess bħall-oħrajn kollha.

U reġa' x-xahar ta' Mejju: ix-xahar li ommi semmietni għalih.

Ix-xita ma tridx tieqaf. U mit-tieqa ta' kamarti kulma nista' nara hu ħjiel ta' vapur ħiereġ mill-port. Vapur battal, waħdu, qalb salt ħalel imqallba.

Il-bqija, dmugħ u dmugħ u dmugħ u xejn.

# Għanjet Żewġ Blanzuni

Andrea Cassar

Remoti kienu jġelbnu fil-ħamrija u jidwu fl-oħla xemx għal nisġet in-naħal
qalb il-bajtar, ġilji niexfa u ward b'xewk il-għollieq għal barket il-pestiċidi
t'asperġes mimli aċtu u tosku msaffi fit-tpespis anġeliku tal-pitirrossi
li mit-trabokk jistkennu għall-qimet l-emmna fl-ifjen fwejjaħ.
Ikantaw u jiżfnu fil-memorji tal-bdiewa għatxana u msejkna
għall-verità xotta daqs il-galletti mxappa fl-inbid tal-apatija
ta' għuda donnha tarja b'ġisem ta' ħniena mwaħħal
bħal ħaruf fqajjar imwarrad mir-razzett tal-moħqrija.
Pronti l-bdiewa nħasdu li mal-fidili kienet l-għoġba
ta' spazju baħħ fantażmiku b'għeruq mqattgħa
f'serħan dejjiemi ta' xemgħa maħlula
għax qaċċathom ġardinar is-sinjura
li f'važun ġo daru poġġa
f'saltnatu żeragħhom,
għal dejjem.
Ammen ...

# Karozza Bħal Tagħha

John A. Bonello

Kont maħruqa għax ma ċedilix. Ra mara ssuq u baqa' jagħfas. Bilkemm ma riedx jieħu r-raġun. Id-diska tal-Police spiċċat u bdiet oħra, imma jien ma kontx bqajt nagħti kas. Jitilfuni nies hekk. Niltaqa' magħhom tista' tgħid kuljum. Imbagħad kif qbadt in-niżla taħt l-Imdina rajt karozza bħal tagħha. Ħarist lejn in-numru. Ma kinetx hi. Imma r-rabja ta' minuta qabel telqet kollha bħallikieku kienet duħħan ta' sigarrett f'riefnu.

U sibt ruħi naħseb fiha.

F'kemm kien ilha ma tagħmel kuntatt. Bdejt nipprova nistħajjel fejn kienet qiegħda dak il-ħin. Wisq probabbli bħali, issuq lejn ix-xogħol. Jew forsi kienet għadha bl-istess vizzju u daħlet ix-xogħol kmieni biex tilħaq taqra l-*email* u tagħmel kikkra kafè. Iswed, b'waħda zokkor.

L-aħħar li għamlet kuntatt kien sitt xhur ilu. B'biċċa SMS, erba' kelmiet sfurzati. Jien weġibt; staqsejtha jekk kienx inqala' xi saram għax donni ħassejt mill-messaġġ tagħha li xi ħaġa ma kinitx f'postha. Imma ma bagħtitx lura. Stennejt tlett ijiem u bgħattilha mill-ġdid.

*'Kollox sew? Kif int?'*

*'Busy imma għaddejjin.'*

Daqshekk. Mhux bħall-messaġġi ta' dari meta mingħalija li kelli ħabiba tal-qalb u konna ngħaddu s-sigħat nibagħtu messaġġ, imbagħad ieħor sa ma xi ħadd minna jaqbdu n-ngħas u jibgħat l-aħħar *'gnite, narak għada sweet.'* U

l-għada filgħodu niltaqgħu ftit qabel it-tmienja x-xogħol, nagħmlu belgħa kafè u noħorġu npejpu l-ewwel sigarrett tal-ġurnata. U xorta nsibu xi ngħidu, għax ngħiduha kif inhi, kemm jien u kemm hi kellna repertorju daqsxejn vast ta' stejjer li għaddejna minnhom.

Imbagħad, ħabta u sabta, fettlilha titlaq mix-xogħol. Anqas biss kont naf li qiegħda tfittex. Jew forsi kienet iddejqet tgħidli. Qalet li sabet aħjar, li kellha offerta li ma setgħetx tirrifjutaha. X'kienet l-offerta baqgħet qatt ma qaltli, u jien qatt ma staqsejt. Konna komdi ma' xulxin biżżejjed biex nifhmu li seta' kien hemm affarijiet li wieħed ma jitkellimx fuqhom. Fraħtilha, u awgurajtilha kull suċċess.

Ftit wara li qaltilna li se titlaq — ġimgħa, jew forsi ftit iżjed — irriżenjaw tnejn oħra. Steve u Marcus, ħbieb tagħna wkoll. Irnexxielhom isibu xogħol flimkien. Idea ta' Marcus milli smajt, li mbagħad kaxkar lil Steve miegħu. Ħassejtha ftit din l-aħbar, ngħid id-dritt. Ma kontx *close* magħhom daqskemm kont ma' Michelle, iżda xorta rajtha stramba kif qatt ma semmew xejn li qed ifittxu xogħol ġdid. Wara kollox, konna qisna l-erba' muskettieri, dejjem flimkien fl-okkażjonijiet tax-xogħol, nidħqu u nixxalaw sa ma jisbaħ. Fil-konversazzjonijiet sigrieti ta'bejni u bejn Michelle, konna noqogħdu noħolmu li xi darba noħorġu koppji, hi ma' Steve u jien ma' Marcus. Iżda għalkemm Marcus kien vera jogħġobni, qatt ma kont sibt il-kuraġġ li b'xi mod nurih ix-xewqa li noħorġu flimkien. Kont nibża' li tiġri xi ħaġa ħażina u mbagħad kien ikolli naffaċċjah kuljum fuq il-post tax-xogħol u deherli li aħjar xejn. U l-istess kienet tirraġuna hi fuq Steve. Konna nippreferu li nkunu ħbieb u nieħdu pjaċir flimkien.

Irriżenjaw it-tlieta li huma. U jien bqajt hemm, għax ma kontx imdejqa fejn kont u x-xogħol li kont nagħmel kien jogħġobni u kont drajtu. Huma ħadmu ż-żmien tan-*notice*. Erba' ġimgħat, li għalihom kienu twal imma għalija rajthom għaddejjin jgħaġġlu daqs bieb jinstabat.

Kemm tgħannaqna u bkejna fil-*farewell party* kbir li għamilna għat-tlieta li huma! Kemm żfinna u pejjipna u xrobna u rrakkontajna viċendi tad-daħq li għaddejna minnhom tul is-snin li qattajna naħdmu flimkien! Ħadd donnu ma ried jitlaq dakinhar. Ħadd ma ried jgħid dik l-aħħar 'ċaw' li kollha kemm aħna konna konxji fil-qiegħ nett ta' qalbna li tfisser li minn dak il-waqt 'il quddiem, konna se ninqatgħu. Wegħedna lil xulxin li nibqgħu *close*, li jiġri x'jiġri, infittxu lil xulxin.

Għall-ewwel erba' jew ħames ġimgħat bqajna nibagħtu lil xulxin kuljum, qisu ma kien inbidel xejn. Il-kafè u s-sigarrett ta' filgħodu bqajt neħodhom waħdi fl-istess ħin, waqt li nikteb l-ewwel SMS tal-ġurnata.

*'Trid kafè? :) Good day Sweet xxx,'* u wara ftit jidħol messaġġ bit-tweġiba.

*'Yes pls, iswed waħda zokkor! G-day pupa!'*

Imma mbagħad ftit ftit l-affarijiet inbidlu. Nibgħat SMS, u nirċievi tweġiba l-għada.

*'Sry, issa rajtu. Kont busy.'*

Mingħandha ma rċivejt qatt: dejjem kont nibgħat jien l-ewwel. Staqsejtha biex niltaqgħu, imqar nieħdu kafè xi mkien.

*'Ma nistax bħalissa. Imħabbta wisq,'* u t-tweġiba tiegħi, *'No prob, tkun darb'oħra.'*

U bqajt nipprova, ġimgħa wara oħra, xahar wara xahar. Sakemm qabżitli u qtajtha li ma nibgħatx aktar jien. Iddeċidejt li meta tkun tista', tibgħatli hi.

Imma qatt ma bagħtet. Ix-xogħol l-affarijiet inbidlu wkoll. Flok dawk li telqu ma daħal ħadd ġdid. Waqgħet apatija f'kull livell. Filli nikbru nikbru nikbru, filli daqshekk. Naħdmu b'li għandna. Ma kienx baqa' persuna sura ma' min tgħid kelma, wisq anqas ma' min tiftaħ qalbek. Kważi bdiet tinbet fija x-xewqa li nparpar jien ukoll, nibda folja ġdida f'ħajti, ninsa l-ħbieb li kelli u l-wegħdiet fiergħa li għamilna lil xulxin. Imma ma nafx, jien m'għandix kuraġġ. Moħħi jirraġuna li fejn qiegħda naf u fejn immur kollox ġdid u nispiċċa fl-istess rutina wara ftit.

Jien u nipparkja quddiem ix-xogħol iddeċidejt li kif nidħol u nagħmel kafè, nibagħtilha SMS biex nara kif inhi, forsi fl-aħħar jirnexxili nikkonvinċiha biex niltaqgħu darba. Indunajt x'nostalġija kienet ħakmitni bil-ħsibijiet kollha li ġewni jien u nsuq. Minn xħin kont rajt dik il-karozza tixbah lil tagħha. Kont qiegħda nħoss wisq in-nuqqas ta' Michelle.

Dħalt l-uffiċċju, qbadt il-kikkra, il-pakkett tas-sigarretti u l-*mobile* u tlaqt lejn il-kċina. Sakemm tagħli l-kitla bdejt se nikteb il-messaġġ imma laħqu daħlu żewġ ġuvintur, Chris u Noel, it-tnejn mid-dipartiment fejn kienu ħadmu Marcus u Steve, u kelli nieqaf biex ma jeħdulix il-misħun.

"Għandi bżonn kafè minn dawk il-qawwijin," kien qed jgħid Chris, "ma flaħtx inqum dalgħodu." Meta rani fil-kċina Chris sellimli. "Haw' bonġu, Anabelle."

Sellimtilhom lura u żammejt posti quddiem il-kitla.

"Mela sa xħin domtu? Jien wasalt id-dar ftit wara s-sagħtejn," dan kien Noel, u f'ħalqu kien għad kellu riħa qawwija ta' xorb li mliet il-kamra ċkejkna li konna fiha.

"Eh, naħseb kienu l-ħamsa daqqu," wieġbu Chris.

"Il-ħamsa!" stagħġeb l-ieħor. "Kien għad hemm in-nies?"

"Ippakkjat. U taf kif wassalnieh hux lil Marcus? Kellna noħorġuh mill-karozza fuq l-idejn u ndaħħluh għand ommu għax kien daħna. Baqa' jixrob sakemm intilef minn sensih!"

"Xorob tal-aħħar miskin!" qal bid-daħqa Noel, "issa daqshekk, mis-Sibt li ġej imsakkar se jibda jkun!"

Il-kitla faqqgħet, u bdejt inferra' bil-mod, attenta lejn id-diskors li kien għaddej wara dahri.

"Issa xarba oħra s-Sibt, u ħallih ħa jħabbat eh, Noel?"

"Le s-Sibt ma nixrobx ta jien. Se jkun hemm Claire miegħi, dik tibda teqred qrid kif tarani llegleg."

"Mela int agħar minn Marcus! Dak tgħid se jkun miżżewweġ, imma *man*, int għadek tibda, f'ġieħ Alla!"

Werżaqt dak il-ħin, u b'leħni ħsadt lilhom u nħsadt jien ukoll. Ma kontx intbaħt li l-kikkra mtliet u bqajt inferra' sakemm far għal fuq idi. Noel kien pront u kif induna x'ġara, fetaħ il-bieba tal-friża, ħatafli idi u daħħalhieli fis-silġ li akkumula matul is-snin u qatt ma tnaddaf.

"Issaporti naqra Anabelle," qalli, "għax inkella titlagħlek *blister*."

Wara ftit la l-uġigħ ma bqajt inħoss u lanqas idi. Ħriġtha minn ġol-friża u għalaqt il-bieba. "U le m'għandek xejn," qalli Noel wara li taha titwila. "Nagħmillek kafè ieħor?"

"Le, m'hemmx għalfejn," għidtlu, filwaqt li battalt ftit mill-kikkra għal ġos-sink. "Grazzi tal-*first aid*." Kont mejta biex nibqa' nisma' dwar Marcus, li issa kont fhimt li kien se jiżżewweġ u kienu għamlulu l-*bachelor's party*. Anqas biss kont naf li kien qed joħroġ ma' xi ħadd. Kont diġà se nibgħat messaġġ lil Michelle, ngħidilha b'din l-aħbar, imma żgur kienet tistaqsini aktar dettalji u aħjar kieku nkun ippreparata. U f'moħħi kelli għoxrin mistoqsija. Min kienet l-għarusa? X'kien jisimha? Minn fejn hi? Għaliex kien se jiżżewweġ daqshekk malajr? Jaqaw? Fejn kien sejjer jgħix? Imma għall-mistħija ma staqsejt xejn. Dort biex noħroġ mill-kċina, imma Chris waqqafni b'mistoqsija.

"U intom naħseb kellkom il-*hen's* ta' Michelle hux? Kif mortu?"

# Intir Lejn Mars

Lina Brockdorff

Aħjar ma nitlifx wisq żmien ...
infittex nikteb, bla dewmien,
ittra, messaġġ, telefonata
m'hemmx għalfejn tul fil-parlata.
Inħoss li fl-aħħar sibt xortija,
Intir lejn Mars! O! Xi sbuħija!

Dinja ta' ġmiel dik ta' hemm fuq,
żgur ftit mill-ġenna nibda nduq,
bla gwerer, ġlied, ebda fruntieri,
il-bniedem ħieles, bla kantunieri.
La arloġġi jkejlu l-ħin,
la liġijiet jassru l-bnedmin,
minn filgħodu sa tmiem il-jum;
iddur, titpaxxa, kemm trid iddum.
Infittex nitlaq, napplika żgur ...
Inkun minn tal-ewwel biex immur!

Ħaġa waħda tinkwetani, għax ...
jekk nies mid-dinja ser imorru
u magħhom kull inkwiet iġorru,
wara dil-kedda u l-battikata
nispiċċaw koppi u mhux xalata!

# Rajtni Kif Niftel?

Simone Inguanez

rajtni
kif niftel u ninqata', kemm insir ħafifa, nisker
ġwinħajja jperpru, irewħu, iperpru, jinku
sħab iħares ċass 'il fuq – jixxengel / fiż-żiffa bajda
ta' ġwinħajja, jibża' li nikinsu
qiegħa f'nifs
?

rajtu
is-sħab ċelesti – lelà – fidda matta skura
mmartellata, fej' jorqdu l-istilel ċkejkna
fej' jistaħba l-qamar, sa ma tegħja x-xemx
u taħtu l-frak – mikul u mgerrem – ta' għejjer
kafellatte – ħodor – suwed – griżi
imraqqa' dellijiet, xmajjar, nixxigħat, muntanji
inċanati, illimati, imnaqqxa, imżarrda
ffjuriti rqaq : fjuri jdejhom miftuħin
– merfugħa jxejrulna, jonkella
lesti ħa jilqgħuna
'k niżgarraw
?

# Please Do Not Disturb

Nadia Mifsud

Kull darba l-istess ritwal. Qabel biss tibda ddur biex tara jogħġobhiex xi ħaġa, tmur tiċċekkja jekk hemmx mera f'kull *changing room*. Inkella, taqbad u toħroġ 'il barra u qatt iktar ma terġa' tmidd saqajha f'dak il-ħanut. Jista' mhux ikollu ħwejjeġ sbieħ! Għala biebha! Mingħajr mera fiċ-*changing room*, m'għandekx ċans li se ġġarrablek imqar ġerżi jew ġakketta.

L-ispa ma tmurx, lanqas jekk sħabha jdumu jiffittawha mitt sena. Għalxejn joqogħdu jirrakkuntaw il-ħmerijiet kollha li jkunu qalu jew għamlu, xorta tibqa' ma titħajjarx. U jqarras kemm iqarras wiċċu Steve, il-baħar ma tħosshiex komda jekk ma tkunx liebsa flokk fuq il-malja jew għall-inqas jekk ma jkollhiex xugaman kbir imkebbeb magħha.

Ħwejjeġ issikkati qatt ma tilbes. Lanqas dbielet jew ilbiesi qosra. Tiġi taqa' u tqum kemm-il darba s-*salesgirls* jew anke sħabha jgħidulha: "Jaħasra, għandek *figure* bħal dak!" U 'l ħuha l-kbir tibagħtu jsaqqi l-ħass tal-Marsa kull darba li joħroġ b'xi kumment spjaċevoli bħal: "Illajs, x'naqra ta' liżar funky faqqajtilna llum!"

Lit-tobba ma taħmilhomx. Dik li mal-inqas tqaħqiħa jġegħluk tinża' biex taparsi jinviżtawk ma tistax għaliha. Allura tista' tkun marida mejta, imma tippreferi tagħmel tliet ġimgħat f'qiegħ ta' sodda milli tmur tara tabib!

Jekk tkun aljenata tagħmel xi ħaġa, u Steve jfettillu jmur ibusha wara għonqha jew fuq spallitha, ma tantx tieħu gost. Darba – fil-bidu nett nett li

bdew joħorġu flimkien – tant inħasdet li saħansitra nfexxet tgħajjat u lagħbitlu daqqa ta' ħarta li ħallietu qisu l-iskantat, isaqsi lilu nnifsu x'kien laqtu.

Trid toqgħod b'seba' għajnejn magħha xi tgħid fuq l-irġiel u n-nisa. Nofs il-ħbieb ta' Steve bilkemm għadha tkellimhom. Idejjaqha l-mod li għandhom kif iħarsu lejn it-tfajliet u kif jitkellmu dwarhom. Tirvilla meta tisma' kummenti bħal "Haw' ġisem!"

Ċerti films ibikkuha; oħrajn jirrabjawha. Titkexkex tisma' fl-aħbarijiet stejjer ta' tfajliet jew nisa li jkunu għosfru u mbagħad jinstabu mejta, ġisimhom imbagħbas, imtertaq.

Taqbel mal-piena tal-mewt f'ċerti każijiet.

***

Kull darba l-istess storja. Kull nhar ta' Ġimgħa. Il-ġlied m'ommha jibda waqt l-ikel. Kull nhar ta' Ġimgħa waranofsinhar, sħabha jmorru l-baħar. U hi tmur il-privat. Trid u ma tridx. Sħana jew le. Avolja xebgħet tgħidilha lil ommha li ħadd minn sħabha ma jmur il-privat waqt il-btajjel tas-sajf. Ma jimpurtahiex. Avolja marret pjuttost tajjeb fl-aħħar eżamijiet. Ma jimpurtahiex lanqas. U wisq inqas ma jimpurtaha lil ommha li das-Sir jagħti ħafna *homework*, li jaf ikun vera antipatku, li għandu ħabta jinkorla meta ma tagħmilx kollox eżatt kif jgħid hu.

Kull nhar ta' Ġimgħa, sħabha jmorru l-baħar. U hi tmur il-privat. Tista' mhux teqred u tibki u tgħajjat u ssabbat saqajha. Inutli tinqafel fil-kamra tal-banju taparsi għandha wġigħ ta' żaqq. Inutli thedded lil ommha li jekk se tibqa' tibgħatha, se taħrab mid-dar. Dejjem t'ommha tispiċċa tgħaddi. Allura, kull nhar ta' Ġimgħa, iddendel nervi ta' bagħal u geddum jiknes l-art, u b'ċertu sens ta' vendikazzjoni, meta jasal ħin l-ikel, tibqa' tiċċassa lejn il-platt mimli, għajnejha stinati mbullati bid-dmugħ, u lanqas tindenja ruħha tgħolli l-furketta minn postha biex imqar idduq dak li ommha tkun sajret.

Xħin fl-erbgħa neqsin kwart bumm, ommha twaqqafha eżatt quddiem il-bieb safrani biż-żebgħa kollha mqarqċa, tħoss saqajha jitqalu bil-mibegħda. Hi u tistenna fuq iż-żewġ tarġiet ta' barra, tibda titlob bil-ħrara li tfiġġ minn xi mkien xi karozza biex ommha ssuq 'l hemm u hi tkun tista' forsi tiżgiċċa wara l-kantuniera qabel ma jinfetaħ il-bieb. Imma, bħas-soltu, it-toroq baħħ dal-ħin u m'hemmx mod kif tiskappaha din tal-privat. Allura, ommha tibqa' wieqfa bil-karozza f'nofs it-triq sakemm jinfetaħ il-bieb u jixref fuq l-għatba

s-Sir, b'dik is-soltu daħqa faqmija fuq fommu, u s-soltu tislima b'idu bħal speċi ta' "Tħabbilx rasek, Sinjura, neħodlok ħsiebha, tista' tmur moħħok mistrieħ." Reġa' liebes il-flokk suppost-abjad-imma-mdennes tal-ġimgħa l-oħra, u s-soltu xorz aħmar. Il-leħja ma qaxxarhiex. Tħares lejn il-flokk u tħossha se tirremetti.

Il-bieb jingħalaq – klikk – warajha. It-tfal l-oħra għadhom ma waslux. Jagħmlilha sinjal b'rasu biex tgħaddi fil-kamra ta' ġewwa. Kamra għerja, għajr għal mejda kwadra kollha brix, erba' banketti żlugati u pjanu qadim. Il-pjanu mal-ħajt tal-lemin, faċċata tal-banketta fejn soltu tpoġġi hi. Mal-art ħdejn il-pjanu, telefown griż antik. Għadha qatt ma semgħetu jdoqq. Wisq probabbli ma jaħdimx.

Jgħidilha tpoġġi bilqiegħda. L-oħrajn dalwaqt jaslu, tibżax. Subgħajha ggranfati mal-basket. Tpoġġi bilqiegħda. Toħroġ lapes, gomma, u pitazz. Tiftaħ il-pitazz. Tibda taparsi tqalleb fih. Tisma' arloġġ xi mkien itektek. Il-bieb tal-bitħa miftuħ. Lanqas beżqa riħ. Tinstema' tarbija tibki; qattus inewwaħ.

Tħoss xi ħaġa bħal sajjetta tiġri ma' ġisimha kollu hekk kif idejh jinżlu jistrieħu fuq spallejha. "Trid tistaqsini xi ħaġa qabel ma jiġu l-oħrajn?" Tibqa' tħares lejn il-pitazz miftuħ quddiemha. Ixxengel rasha. Issa tinstema' ċara s-sekondiera tal-arloġġ ittektek maġenb widintha. L-oħrajn dalwaqt jaslu, tibżax. Abtha għasra. "Żgur li ma trid tistaqsini xejn?" Terġa' xxengel rasha. Taqbad il-lapes f'idha. Ħalqha xott qisu sponża.

Tħoss l-arloġġ kiesaħ jiżżerżaq taħt il-flokk kemxejn issikkat li liebsa. Tixtieq għandha mqar bra taħt il-flokk, imm'ommha ma riditx tixtrilha wieħed l-aħħar darba. "U ajma, x'tambih bra minn issa? Tilħaq mhux tilbes bra, binti!" Subgħajh ifittxu. Abtha għasra. L-istonku għoqda. Sħabha qegħdin il-baħar. Tixtieq qiegħda magħhom, tidħaq ma' dak, tgħaddas lill-ieħor.

Fuq ħaddejha, nifs sħun jerħi riħa antika ta' sigarretti. Nifs sħun, nifs jinten, jinżel jitqal għal fuq għonqha, imbagħad għal fuq spallitha. Il-leħja tniggeż. Il-leħja tobrox. L-oħrajn dalwaqt jaslu, tibżax. Nifsu f'widintha; qalbha ċuqlajta. Idha mgħaffġa bejn subgħajh. Tixtieq tista' ssakkar kuxxtejha b'xi mod. Ommha riditha tilbes dublett. Ġins? X'qed tivvinta, dis-sħana! Mela ma tafx x'qed tgħid, binti?

Qed tħoss il-kamra se tibda ddur biha. Issammar għajnejha fuq il-ponta mikula tal-lapes. Maqfula f'dik il-biċċa ponta hemm il-biża', ir-rabja, il-mibegħda kollha ta' tifla ta' tnax-il sena. Xi darba għad nużaha dik il-ponta. Tistħajjilha

nieżla ċċarratlu l-ġilda xierfa ta' jdejh, tistħajjel id-demm itir, itebba' l-ħitan, u hi tidħaq qisha l-imxajtna daħqa tfur b'ċertu sens ta' sodisfazzjon.

Qed tirtogħod. F'idha l-leminija, il-lapes. Idha x-xellugija mgħaffġa xi mkien wara daharha bejn subgħajh ħabrieka, jagħfsu ħotba sħuna qisha bezzun iebes taħt ix-xorts aħmar irqiq. L-oħrajn dalwaqt jaslu, tibżax. It-telefown jibqa' ma jdoqqx. Il-bieb jibqa' ma jinfetaħx. L-oħrajn m'hemmx li jaslu. Il-pjanu sar żlieġa.

Barra fil-bitħa, l-urieżaq iċarrtu s-skiet bil-kant iżarżar tagħhom. Iċ-ċurkett tat-tieġ qed iweġġagħha, jagħfas f'laħamha. Lil uliedu tafhom. Imorru l-iskola magħha. Jirkbu l-istess *private*. Waħda minnhom tamparha.

Il-ġimgħa d-dieħla hemm bżonn tara x'tivvinta biex ommha ma tibgħathiex il-privat. Imqar jirnexxilha taħbi ċ-ċavetta tal-karozza biex forsi tasal tikka tard.

Il-ġimgħa d-dieħla hemm bżonn ma tinsiex tittempra sew il-lapes.

# Meta l-Warda Toħrof

Celine Agius

Meta l-warda toħrof
tibqa' biss it-tifkira
ta' tifla darba innoċenti
tgħodd petala ...
petala.
Il-petali li darba fakkruha li kienet warda ...
iżd'issa, il-warda toħrof
niexfa, tinbex ix-xemx
u n-nies baqgħu jitħaddtu.
Insew li l-warda toħrof ...
fuq mitraħ tilheġ-tonfoħ ...
forsi, għax warda mara.
Insiet tgħid le, tneżżgħet
u ħarset madwarha, għerja
tgħodd petala ...
petala ...
u ġabret ħwejjiġha, li darba kienu tagħha ...
Imm'issa le, mhux iktar ...
Il-warda ndifnet fil-ħarifa,
intesiet, bla petali u fwieħa

minkejja, din l-eleġija siekta ...
Xort'hemm warda oħra toħrof,
tiċċassa lejn l-arloġġ
għal preludju ieħor tal-ħarifa!

# Il-Gżejra Mċajpra

Alex Vella Gera

F'nofs in-niżla hekk imsejħa Tas-Saqqajja, fejn l-art tispiċċa u jibda ċ-ċpar, id-Duttur kien qed jiġbor kampjuni għall-esperimenti tiegħu b'metodu interessanti permezz tal-użu ta' pompa tal-arja. Kien bakkar dakinhar, minn qabel is-sebħ, biex jgħaddi ġurnata twila jiġbor il-materjal ħalli jibda jindaga dwar teorija li ġietu f'ħolma xi jiem qabel. Iċ-ċpar kien beda jiskura dan l-aħħar, fenomenu li forsi kellu x'jaqsam mat-tniġġis bla spjegazzjoni tal-bjar li kien qed jinkwieta 'l kulħadd. Għad-Duttur, li jgħaddi ħajtu jaħseb u jixtarr dwar il-magħruf u l-mhux magħruf, din kienet problema li ma ħallitux jorqod billejl, għax kien hu li kellu jiddeċifraha u jsolviha. Ma kien hemm ħadd ieħor.

Ħin minnhom ħass il-bżonn li jistrieħ u mar ipoġġi għad-dell tal-istatwa tax-Xiħ. Kemm kien elokwenti l-misteru ta' dik l-id mgħollija tbierek u fl-istess ħin twaqqaf iċ-ċpar milli javvanza. L-antenati li kienu qiegħdu l-istatwa f'dak il-post x'riedu jgħidu biha? Li xi darba ċ-ċpar ma kienx fejn kien illum? Li forsi kien hemm żmien darba meta tabilħaqq ma kienx jeżisti ċ-ċpar jestendi sal-ibgħad bogħod? U jekk dan kien minnu, x'kien hemm minfloku? Il-pajjiż ta' taħt iċ-ċpar kien ħsieb ipprojbit u kienet għadha friska f'moħħu l-memorja tal-aħħar darba li sellmu lill-Verġni Magħżula. F'dan il-post eżatt kienet ħadet l-aħħar passi tagħha fuq din l-art, u dwew mas-sebat irjieħ l-ilħna mħeġġa jgħannu l-Innu tal-Imċajprin, iħeġġuha 'l isfel lejn iċ-ċpar, fejn għosfrot għal dejjem taħt il-wiċċ. Ħadd ma seta' jgħid fiċ-ċert xi jfettlilhom il-Fader u t-Tieni

Gwardjan, iżda t-tama li jdum ma jerġa' jgħaddi mill-martirju ta' tislima oħra kienet qawwija fih.

Instema' warajh il-qrid tar-roti ta' karretta qed tiġri b'pass kemxejn imħaffef. Ma dawwarx rasu biex jara min kien għaddej. Ma kellux għalfejn. Il-bidwi tas-Salib tal-Għolja, fi triqtu mis-suq tal-Imdina lura sar-raba' tiegħu. Fuq il-gżejra ftit li xejn jiġru ħwejjeġ mhux tas-soltu u r-rutina ta' kuljum hija parti minnu daqs il-qalb tħabbat f'sidru jew in-nifs dieħel u ħiereġ.

Minkejja l-espressjoni trankwilla fuq wiċċu, ħsieb mhux tas-soltu kien qed jagħmel ħerba minnu. Mnejn ġiet ma setax jgħid, il-memorja ta' jum, snin qabel, meta l-paċi tal-gżejra kienet tkissret, meta kienu tfaċċaw fosthom bnedmin li qatt ma fehmu min huma u mnejn ġew. *Miċ-ċpar*, kienu qalulhom, *minn hemm isfel ġejjin*, *mill-pajjiż ta' taħt iċ-ċpar. Intlifna u sibna ruħna hawn.* Kien tħawwad mhux ftit wara li sema' dal-kliem.

***

Huwa raġel liebes flokk taċ-ċingi mdennes, li ilu fuqu żmien. Għandu leħja li daqt issir baffi u l-bidu ta' ħotba, u jinsab bilqiegħda f'pultruna f'salott tipikament Malti. Iżda ħares fil-qrib u tinnota li dan mhuwiex salott tas-soltu. Il-kwadri li darba żejnu l-ħitan ma jidhru mkien. Baqa' biss it-tbajja' kwadrati li ħallew warajhom. Billi huwa salott Malti, it-tradizzjoni tiddetta li lanqas traba waħda ma titħalla titrabba f'dil-kamra, u li jdejn il-mara tad-dar ifarfru kull rokna tagħha bir-reqqa kollha ta' annimal imġewwaħ qed ifittex farka ikel, iżda f'dil-kamra t-trab ilu jinġabar, u l-arja hija tqila bih. Hemm erba' madumiet tal-art maqlugħin minn posthom, bit-torba mikxufa. U qed ixxommuha dik ir-riħa? Nazzarda ngħid li huwa dranaġġ. Qed jinstema' taptip kontinwu iżda mhux regolari mat-tieqa. Xita?

L-arloġġ tal-pendlu juri s-sagħtejn u nofs. Nassumu li ta' filgħodu peress li minn bejn ix-xaqq dejjaq tal-purtiera magħluqa jidher il-qatran oħxon ta' dlam il-lejl, milqugħ biss minn lampa tal-pitrolju mixgħula fuq mejda kbira u tonda mitluqa fil-ġenb tal-kamra.

Ir-raġel fil-pultruna għandu fuq ħoġru tifla ta' madwar sentejn. Hija rieqda. B'id waħda qed imellsilha nokkla minn xagħarha iswed tuta. Bl-id l-oħra, iva, qed taraw sew, qed iżomm fuq il-brazz ix-xellugi tal-pultruna sikkina tawwalija minn dawk tal-kċina. Jidher rieqed iżda l-ħin kollu għandu widna waħda

attenta għal kull ħoss ġej minn barra. Bħal kelb tal-għassa, jew qattus li anke meta jkun rieqed ikun imqajjem.

Ħin minnhom jgħolli għajnejh tqal u mnikkta u ħarstu taqa' fuq is-sufan quddiemu, fejn għall-ewwel darba nilmħu mara mimduda b'riġlejha mitwijin għaliex is-sufan huwa żgħir wisq għaliha. Stenna li jaraha rieqda, iżda minflok isibha mqajma, lesta għalih biex iħares lejha. Għajnejha jiltaqgħu ma' tiegħu, miftuħin beraħ, josservawh. Ha jkolli nerġa' nirrikorri għat-tixbiha tal-qattus, minħabba l-mod kif qed tħares lejh, suspettuża u mimlija devozzjoni, iż-żewġ emozzjonijiet jitwaħħdu mingħajr distinzjoni bejniethom fl-istess par għajnejn.

F'dan is-salott hemm xi affarijiet interessanti. Għidt qabel li m'hemmx kwadri mdendlin mal-ħitan. Żbaljajt. Fadal wieħed, mal-ħajt maġenb il-bieb. Mappa ta' gżira, li mal-ewwel daqqa t'għajn ma tintgħarafx. Qabdet sew il-moffa u nofsha diġà ttieklet u saret ċappa griża ħadranija tegħreq umdità leqqiena. Bid-dawl iteptep tal-lampa tal-pitrolju, il-kamra qed tieħu x-xeħta ta' għar, u l-familja li qiegħda fiha qegħdin nistħajluha familja Neandertali qed tistenna li l-evoluzzjoni tħassarha minn wiċċ id-dinja.

It-tifla tiċċaqlaq f'ħoġor ir-raġel, tfittex pożizzjoni iżjed komda mingħajr ma tqum. Tgedwed xi ħaġa li ma tinftehimx. Ir-raġel ma jitħarrikx. Qed jaħseb, fid-diqa u n-nostalġija, dwar id-dinja li ħallew warajhom bla ma kienu jafu kif u għala. Qed iġib quddiem għajnejh ix-xena li kien jara minn fuq il-bejt tad-dar fejn trabba, f'dinja li milli jista' jifhem ma teżistix iżjed taħt dak iċ-ċpar inspjegabbli u tal-waħx. Mill-bejt, nhar ta' Ħadd, il-qniepen kienu jinstemgħu jiżfnu ż-żifna kajmana tagħhom u seta' jara wkoll minn wara l-knisja l-aħħar linja ta' bini qabel ma jibdew l-għelieqi telgħin bħal rampa lejn is-smewwiet. Bir-riħ it-tapit ta' ħaxix kien jiskura, u s-sħab tqil u karg jitgerrex. Il-mara ma tkunx trid tisma' dawn il-ħwejjeġ, u għalhekk iżommhom għalih. Tgħidlu *li konna konna u issa li aħna aħna*.

Nipproponi ħarġa. M'aħniex marbutin mal-loġika tad-demm u l-laħam. M'aħniex kreaturi mortali maqbudin bħal insetti fl-ambra tal-preżent perpetwu tas-sekondiera. Nistgħu ngħaddu minn bejn il-ħitan, il-bibien, it-twieqi magħluqin. Nistgħu, jekk irridu, immexxu l-ħin lura, jew 'il quddiem. Mela ejjew ngħaddu mill-ħajt għal barra. F'ħakka t'għajn ninsabu fil-ġnien. Kif bsarna, qed jaħkem il-lejl. Dlam ċappa. M'hemmx żiffa. M'hemmx xita lanqas.

Qed jinstema'żanżin persistenti fil-widnejn. Tiftaħx ħalqek! Għatti wiċċek! Dan il-ġnien infestat bin-nemus! Kull waħda kbira daqs farfett. Miljuni minnhom, feroċi, maqbudin fiċ-ċiklu vizzjuż tal-eżistenza prekarja tagħhom. Madwar il-villa, mill-ġnien sal-bejt, qed iddur, sħaba nemus imdendla fuq il-villa. Qed jaħbtu mal-ħitan, mat-twieqi, mal-bieb, bil-għatx għad-demm sħun tat-tliet persuni bi kwiethom hemm ġew.

Id-dlam qed jinħall, qed idub fid-dawl taż-żerniq, u max-xefaq qed jinxterdu pinzellati vjola u roża, l-għoljiet qed jerġgħu jieħdu l-forma tagħhom, u jinżgħu l-mantell iswed tagħhom u jikxfu lwienhom, waqt li l-ajru jiġbed nifs 'il ġewwa, u minn wara l-villa x-xemx tittawwal u tiċċassa 'l isfel.

Nistedinkom issa togħlew miegħi dawk l-għaxar metri 'l fuq mill-art. Jirnexxilkom żgur. Moħħkom hemm. Temmnux fil-gravità. Isa! Rewwixta ta' malajr kontra l-liġijiet tan-natura, ħalli naqbdu t-triq! Uppp! Tlajna! X'taraw minn hawn fuq?

It-triq taħtna u maġenbha l-villa. Wara l-villa hemm għalqa abbandunata, u oħrajn, għelieqi bħal ċraret, ilbies mitluq, tajn niexef, ħajt tas-sejjieħ imġarraf. Nogħlew ftit ieħor – faċli issa – u ntiru minn fuq il-villa. Nilmħu fuq il-bejt ir-raġel li rajna qabel fis-salott. Issa li sebaħ qiegħed fuq, is-sikkina għadha f'idu. Qed jittawwal madwaru u nitħassruh għax minn hemm isfel jista' jara ferm inqas minna li rabbejna l-ġwienaħ. Ma jistax jara, perkażu, il-miġemgħa ta' għoġġieba riesqa lejn il-villa, bis-senters u armi oħrajn f'idejhom, u l-biża' u r-rabja jaħarqu f'għajnejhom.

Bħal f'ħolma issa taqbadna fil-kurrent tagħha fewġa arja li tgħollina iktar 'il fuq. Il-villa tiċkien, issir biss idea, u noqorbu lejn l-għoljiet. Qegħdin biżżejjed fil-għoli issa biex narawh, iċ-ċpar oħxon, safrani u griż li bħal baħar jifforma kosta madwarna u jestendi sax-xefaq, sieket u enigmatiku. Naraw l-Imdina fil-bogħod, bħal kastell imdawwar miċ-ċpar, u jiġik li tistħajjel li qegħdin intiru minn fuq xi belt imsaħħra fis-smewwiet 'il fuq mis-sħab.

Iż-żiffa teħodna magħha, fil-għoli għax l-art ma tixraqniex. Aħna spazji vasti rridu, sema bla qies, ċpar bla tmiem, nies ċkejknin taħtna bħal insetti, bini tal-pupi. Għajnejna jiflu x-xena, lesti għal kollox. Hemm sħaba quddiemna, tajjar ħafif. It-tentazzjoni li nidħlu fiha. Minn hawn fuq il-jum jinħass frisk. Għaddejjin minn fuq bosk li maġenbu hemm l-għelieqi fejn qed jiġu kkoltivati ringieli

ordnati ta' wċuħ ta' ħxejjex. Jidhru diversi figuri milwija ta' nies jaħdmu r-raba' u fuqhom għassa persuni lebsin uniformi li hija taħlita ta' libsa ta' patri Kapuċċin u l-kostum ta' bugħaddas. F'idejhom snieter tal-kaċċa.

Bil-mod! Qed nitilgħu wisq fil-għoli! Qed nitilfu d-dettalji. Għajnejna jaqbdu ma' xena li tispikka. Taħtna hemm wied ifur bil-ħdura u f'nofsu hemm palazz ċkejken imdawwar bi ġnien bis-siġar tal-frott. Kollox jidher miżmum tajjeb. Mal-grada ta' barra jidhru iktar minn dawk il-kapuċċini bugħaddasa, miġbura barra, jitħaddtu. Qed nitqalu, neżlin, resqin lejn il-bejt, hemm tieqa, miftuħa, nittawlu ġewwa, kamra mdawla, ix-xemx f'għajnejna, niġru qisna wirdien sar-rokna l-iżjed mudlama, u nistaħbew hemm wara l-arloġġ tal-pendlu. M'aħniex waħedna fil-kamra. Bilqiegħda fuq siġġu ma' mejda hemm raġel pjuttost anzjan liebes suttana u papoċċ bellusi lewn griż. Jidher persuna distinta, importanti. Anke mir-rokna tal-kamra fejn staħbejna nistgħu nxommu l-fwieħa ġejja minnu.

Tinstema' taħbita ħafifa fuq il-bieb u hekk kif ir-raġel anzjan jerfa' għajnejh u l-bieb jinfetaħ, imrieżaq ix-xemx jaqbdu xagħru abjad ileqq, u jilluminaw figura femminili bilwieqfa fil-bieb quddiemu, rasha 'l isfel.

***

Hija kamra arredata b'mod axxetiku u spartan. Għamara ftit li xejn, ħlief mejda u siġġu. M'hemmx purtieri mat-tieqa. L-uniku oġġett b'xi valur estetiku huwa arloġġ tal-pendlu jtektek bi kwietu f'rokna minnhom. Mas-saqaf iż-żebgħa qed titqaxxar ġmielha. Ir-raġel anzjan iħares dritt lejn il-mara, jew aħjar tfajla. Kemm seta' kellha? Sittax? Sbatax? Mhux iżjed minn tmintax. Xuxtha sewda tuta. Wiċċha jidher familjari, ifakkarna fit-tifla ta' sentejn li rajna ftit qabel fuq ħoġor dak ir-raġel. Forsi ommha?

Tieħu żewġ passi ġewwa l-kamra u l-bieb jingħalaq warajha mingħajr ħoss. Kien xjaħ mill-aħħar darba li ratu daqshekk mill-qrib, iżda ftakret qisu lbieraħ dakinhar tal-griżma, kemm kienet imwerwra minnu, kemm kien weġġagħha. Iżda t-trobbija tagħha fid-Dar tal-Anġelikani kienet serviet tajjeb. Is-Soru Omm kienet tatha parir jiswa mitqlu deheb. *Huwa raġel ġentili u ta' għerf kbir. Huwa b'saħħtu iżda jagħder. Jekk m'għamilt xejn ħażin, m'għandekx għalfejn tibża' minnu*.

Għaddejna mill-ħitan, tirna fl-ajru, qbiżna minn post għal post f'ħakka t'għajn, sirna bħal wirdien jistaħba kwiet kwiet fir-rokna ta' dil-kamra. Issa

nosservaw l-anzjan jibda jkellimha, b'ton awtorevoli iżda fl-istess ħin ħlejju, bħal żewġ ċagħqiet iċekċku fil-but ta' tifel imqareb.

"Taf għalfejn sejjaħtlek hawn illum, binti?"

"Le, Mulej."

"Xtaqt nistaqsik xi ħaġa."

Rasha għadha baxxuta, qed tipprova ma tiħmarx iżda iżjed ma tipprova, iżjed qed tħossha ruxxana.

"Trabbejt mal-Anġelikani, hux hekk?"

"Iva, Mulej. Sabuni fin-Niżla, rigal tax-Xiħ."

"Kemm għandek żmien?"

"Sittax, Mulej."

"U ma taf xejn dwar ommok u missierek?"

Għajnejha jinfetħu beraħ.

"Ma tafx jew ma tridx tgħidli?"

"Ommi? Missieri? Minn dejjem qaluli li jiena bint iċ-ċpar. M'għandix omm u missier."

"Ħares lejja," qalilha. Il-kmand kien ċar u obdietu. "Li kieku kelli ngħidlek li kellek omm, u li kellek missier, u li kienu huma li ġabuk hawn, miċ-ċpar …"

Tgedwed xi ħaġa li l-Fader ma jifhimx. Jidher se jitlef is-sabar. Il-mistħija ta' din it-tfajla ma tixirqilhiex, issa li ntgħażlet. Kif kien se jagħtiha l-aħbar u jispjegalha li kienet kollha ħrafa l-istorja ta' kif waslet fosthom?

"Għidli, binti, kif tħossok tgħix mal-bniet l-oħra fil-bejta?"

"Inħossni tajba, Mulej."

"U qatt ma ħassejtek *differenti*?"

"Le, Mulej."

It-tweġiba tagħha kienet wisq immedjata biex tkun sinċiera, ħaseb il-Fader.

"Teofanija, hux hekk jismek? Irridek tismagħni sew, b'attenzjoni. Li se ngħidlek huwa Kliem ix-Xiħ."

Għal dal-kliem it-tfajla bdiet ittaptap subgħajha ma' widnejha, il-penitenza mistħoqqa u meħtieġa kull meta jkun se jitlissen Kliem ix-Xiħ.

"Missierek u Ommok kienu bnedmin bħalna, bħalek. Tfaċċajtu fostna jum bħall-oħrajn. Inti ma tiftakarx għaliex kont għadek ħalib ommok fi snienek. Ma ridux jobdu l-Liġi, riedu jerġgħu lura mnejn ġew, mnejn *stqarru* li ġew. Tista' timmaġina, binti. Riedu jidħlu fiċ-ċpar, jinżlu taħt il-wiċċ u jeħduk magħhom.

Qed tifhem x'jiena ngħidlek?"

Rasha reġgħet tbaxxiet donnha rrassenjat ruħha għall-inevitabbli. Qalb il-Fader ħarġet għaliha, dit-tfajla b'destin kiefer.

"Binti, ix-xjaten jafu jitbissmu daqs, jekk mhux iżjed, l-isbaħ anġli. Missierek kellu tbissima qalila. Użaha biex jingannana, għal xi żmien. Salvajniek, tajniek l-opportunità li tgħix magħna, li tkun waħda minna."

Teofanija nfaqgħet tibki.

"Għadni niftakar qisu lbieraħ dik l-għodwa kiefra. Ix-xemx kienet għadha qed titmattar, is-sema għadu ma ċċarax għalkollox. Ħtafniek mill-għafsa ddisprata ta' dirgħajn ommok u niftakarni ngħid bejni u bejn ruħi, *Jista' xitan iħobb bl-imħabba ta' omm?*"

Wara xi mumenti ta' skiet min-naħa tiegħu, u l-ilfiq li ma setgħetx trażżan min-naħa tagħha, qalilha li tista' tmur. Kien iddeċieda li ma jgħidilhiex kollox għalissa. Il-mistura kuċċarina kuċċarina tingħata. Malli ħarġet mill-kamra qam mis-siġġu u mar sa ħdejn it-tieqa. Minn hemm stennieha toħroġ mill-bieb t'isfel u segwa b'għajnejh il-mixja tagħha bejn żewġ għassiesa tul it-trejqa sal-grada ta' barra u minn hemm sakemm għebu t-tlieta li huma wara l-kantuniera fi triqithom lejn il-ħabs ta' Verdala.

Teofanija ... Verġni Magħżula ... ħaseb il-Fader, li kieku kienet taf dak li jaħseb li jaf hu, forsi ma kinitx tibki bin-niket u l-biża' iżda bil-ferħ, li sa fl-aħħar kienet se terġa' lura fl-art ta' missirijietha. Forsi taħt iċ-ċpar tabilħaqq hemm pajjiż ieħor, fejn jgħixu nies oħra, nies taċ-ċpar, bħalma huma kienu nies tas-smewwiet.

Mar sal-bieb u sejjaħ lil Ġilormu, iżda ma kellux għalfejn. Ir-raġel qsajjar u mbaċċaċ, iħaffef lejh mit-tarf l-ieħor tal-kuritur, kien qed jgħajjat minkejja li nifsu maqtugħ:

"Mulej! Mulej! Dik hi?"

Il-Fader ħass bħal piż kbir f'moħħu jibda jeħfief.

"Iva."

"Ħaduha Verdala?"

"Għalissa."

"Mela dik hi li qed tavvelenalna l-bjar bil-maġija mċajpra?"

Il-Fader ma weġibx il-mistoqsija.

"Mur ibgħat lill-messaġġier għand id-Duttur. Għidlu jmur ifittxu u jieħdu Verdala minnufih. Wara mur għidilhom ilestuli l-kaless. U inti ġibli s-Suttana Vjola."

“Iva, Mulej,” qal Ġilormu ubbidjenti, bilkemm jaħbi l-eċitament li kien qed iħoss.

Il-Fader reġa’ lura sa ħdejn it-tieqa, u qagħad jittawwal barra, qisu tfajjel mingħajr l-ebda nkwiet f’ħajtu ħlief fejn se jmidd ħarstu f’dil-ġenna tal-art. Lil hinn mill-grada kien hemm it-trejqa mħarbta li twasslek qalb is-siġar u l-ħaxix sat-triq lejn ir-Rabat u l-Imdina. Ħaseb fit-Tieni Gwardjan, komdu fil-Katidral tiegħu l-Imdina, taħtu ċpar sax-xefaq, oċean ta’ ċpar griż safrani. Ma kienx kapaċi jgħix hekk kieku. Kien ikessħu dak iċ-ċpar, l-ilwien, is-silenzju tat-tebut, il-ħsieb li taħtu kien hemm misteru kbir daqs, jekk mhux ikbar, mis-smewwiet fuq rasu. Forsi l-ġenna tabilħaqq hemm tinsab, taħthom, oskurata, fantażma, u mhux fosthom, kif kienu jemmnu u kif dejjem emmnu minn żmien ix-Xiħ.

Dak il-ħin ħass xi ħaġa warajh, bħal żiffa ħafifa tpespislu xagħru, u għajnejh flew l-ispazju ta’ madwaru, ifittxu xi ħaġa li ma kienx konxju tagħha. Iżda kien tard wisq, għax aħna diġà tirna barra mit-tieqa u qegħdin fil-għoli, il-Palazz tal-Fader taħtna, tiċkien bis-sekondi, u riħ qawwi qed jonfoħ favurina dritt dritt lura lejn is-Saqqajja.

***

F’nofs in-niżla, fejn l-art tispiċċa u jibda ċ-ċpar, id-Duttur kien appik li jiġbor l-aħħar kampjun bil-pompa tal-arja meta reġgħu nstemgħu warajh ir-roti ta’ karrozzin misjuq mgħaġġel. Did-darba ħares ’il fuq xħin sema’ r-roti jieqfu fil-qrib u leħen li kien qed isejjaħlu b’ton urġenti. Għaraf il-messaġġier tal-Fader. Bil-pompa f’idu resaq sa ħdejn il-karrozzin.

“M’għandekx x’tambiha iżjed dik il-pompa,” qallu l-messaġġier. “Il-Fader sab min qed iniġġes il-bjar. Solvieha hu l-problema. Hu l-Mulej!”

“Se teħodni għandu?” staqsa d-Duttur, anke jekk ħaseb li kien jaf x’inhi t-tweġiba.

“Le, sa Verdala. Se jiltaqa’ miegħek hemm. Irkeb.”

Id-Duttur dar biex imur jiġbor l-affarijiet tiegħu mxerrda f’ordni preċiża mal-art taħt ix-Xiħ. Iżda l-messaġġier waqqfu.

“M’hemmx għalfejn. Tista’ tiġborhom wara. Ħadd mhu se jmisshomlok.”

Bil-pompa għadha f’idu d-Duttur tela’ t-tarġa u daħal fil-karrozzin, li ħa skoss jew tnejn u telaq fi triqtu. Mit-tieqa ħares barra lejn in-nies fit-triq jittawlu lejh u xtaq b’qalbu kollha li wara das-snin kollha ta’ studju kien jaf iżjed milli

kienu jafu huma, dwar iċ-ċpar, dwar ix-Xiħ, dwar is-sigrieti tal-Fader, il-ħsibijiet ipprojbiti, il-miġja tal-imċajprin, il-Parti Misħuta tal-Imġewwaħ, id-dehriet ta' Sa Anġelika fuq l-Għolja tas-Salib, u l-Ħażna Mqaddsa li kienu jgħidu li tinstab taħt il-kannierja tal-Katidral, fejn hemm midfun l-Ewwel Gwardjan u l-antenati tiegħu, dawk li kienu jqimu 'x-Xiħ, dawk li ndifnu flimkien mas-sigrieti u l-misteri tagħhom ... sakemm waslu Verdala u daħlu mill-kanċell il-kbir tal-kastell, u l-karrozzin għadda minn bejn is-siġar nexfin u mgħawġin sal-bieb prinċipali fejn sab hemmhekk jilqgħu 'l-Fader liebes is-Suttana Vjola tal-Qdusija Tiegħu.

# Notturn

Joseph Formosa

Ħarist fiss f'għajnejk
u rajt demgħa nieżla,
iġġelben ma' ħaddejk.

Rajt xufftejk xotti għatxana
għall-bews bla tmiem.
Missejt idek kiesħa silġ
u bqajt ma fhimtx l-għaliex.

Fil-ħemda ta' lejla ħerqana,
sejjaħtlek u staqsejtek
u int bqajt ma weġibtx.

# Xhud

Chardian Camilleri

"Ħa mmur nagħmel kafè għalija. Trid kafè?" staqsieh bi tbissima.

"Jekk jogħġbok ... waħda zokkor ... insomma, inti taf kif inħobbu jien," wieġbu sieħbu.

Vera kien jaf. Kienu ilhom jaħdmu flimkien l-isbaħ seba' snin u minn dejjem kienu jingwalawha b'mod tajjeb. Kienu t-tnejn jilbsu pulit, bl-ingravata dejjem differenti u qmis taqbel. Kellhom iktar minn libsa waħda għax it-tnejn kellhom il-passjoni tax-xiri tal-ħwejjeġ.

Kien hemm ħames snin differenza bejniethom: 37, George, u l-ieħor 32, Lawrence. Kienu ħadu l-istess kors l-università għalkemm fi żminijiet differenti u kienu ggradwati fl-istess qasam. Kienu ltaqgħu pjuttost b'kumbinazzjoni. Kellhom ħabib tagħhom komuni li kien organizza l-klassika żiblata Maltija t'għeluq sninu. Huma aktar marru biex ma jiksrulux qalbu milli biex jiddaħħnu. Ix-xorb inġenerali kien idejjaqhom, imma grokk *whisky* Skoċċiż ma jibdluh ma' xejn. Allura kienet inevitabbli l-ħaġa li dawn jiltaqgħu u jagħmlu ħbieb. Hekk kif kulħadd kien mixħut mal-art kważi mitluf minn sensih, għajnejhom iltaqgħu u qabdu jitkellmu minnufih. Qishom kienu ħbieb kbar.

Mhux hekk biss, George tant ħa gost bil-kumpanija ta' Lawrence, li wara li sar jaf li jaħdem fuq l-istess xogħol tiegħu, irrikmandah lil ta' fuqu mal-ewwel opportunita`. Pressa minn hawn, ġebbed minn hemm, agħmel pjaċiri lil dik u 'pjaċiri' lill-ieħor, irnexxielu jġibha żewġ u jdaħħlu fil-kumpanija. M'għandniex

xi ngħidu, ħassu obbligat lejh u ried jagħmel minn kollox biex ipattilu. Infatti qatagħha li jirsisti kemm jista' ħalli jirbaħ il-merti kemm għal sieħbu, kif ukoll għalih quddiem il-Bord u l-maniġers.

George kien diġà miżżewweġ iżda għal xi raġuni li mingħalih kienet moħbija imma li kien jafha kulħadd, tfal ma kellux. Il-ġirien ma qagħdux sa ma kixfu kollox u qagħdu jiddieħqu u jogħxew minn wara dahar il-mara bis-sigriet ta' żewġha ... għaliex hi qatt ma kienet taf, jew issuspettat sa dakinhar li seħħet it-traġedja. Traġedja li ġriet u rrakkuntawha l-ġurnali u l-istazzjonijiet tar-radju u tat-televixin elf darba. Sfortunatament minn hemmhekk kellha ssir taf il-verità. Ir-raġuni għala qatt ma tkellem ħadd ma jafha ħlief hu. Forsi għax beża' minn ilsien in-nies. Forsi għax ma riedx iweġġa' lil martu u lil familtu. Ħadd ma jaf eżatt il-għala.

Iżda Lawrence ma kellux irbit u kien għadu liberu u ferħan għax seta' jagħmel li jrid bla biża' ta' xejn. Barra minn hekk ftit kien jimpurtah minn dak li jgħidu n-nies. Hu kien dejjem jagħmel dak li hu skont il-kuxjenza tiegħu ġust u tajjeb u ma kienx iħabbel moħħu iżjed. Iżda sigriet kellu hu wkoll. Id-differenza kienet li hu kien jaf jaħbih sewwa u ma jħalli lil ħadd jinduna b'xejn. Arti li George ma kellux. Fl-aħħar mill-aħħar kollox kien ħa joħroġ fil-beraħ, fil-famuża traġedja li riegħdet din il-gżira insulari u qaddisa.

***

Biż-żmien, ir-relazzjoni ta'bejniethom dejjem kibret bil-mod il-mod. Minn ħbieb b'kumbinazzjoni, spiċċaw ħafna iżjed minn ħbieb. Imma kollox ħa ż-żmien tiegħu. Maż-żmien ukoll, il-kawtela li kellhom fil-bidu bdiet tisparixxi u bdew jagħtu ħafna iżjed fil-għajn. Fil-verità, kulħadd jaf x'kien qed jiġri imma kulħadd iddeċieda li joqgħod kwiet u ma jgħid xejn fuq ix-xogħol. Lilhom ma kinetx tagħmlilhom differenza, u kienu jħalluhom liberi. Ix-xogħol dejjem kien jibqa' tiela', qatt ma staġna u dejjem kien jingħata prijorità allura iżjed u iżjed ħadd ma kellu xi jgħid. Fl-aħħar mill-aħħar, din kienet il-problema. Il-kundanna. Għaliex kulħadd iddeċieda li jibqa' kwiet ...

***

George, wara dik ir-rakkomandazzjoni tista' tgħid perfetta li għamel, tgħidx kemm kabbar il-fiduċja u r-rispett tal-Bord tal-Maniġers. Barra

minn hekk, kien wieħed minn tal-bidu, intelliġenti, b'sens ta' tmexxija tajba ferm, responsabbli u ħafna kwalitajiet oħra li poġġewh fuq ir-radar tal-promozzjoni wara li rtira wieħed mill-maniġers. Fi proċess demokratiku fażull, ħarġu l-applikazzjonijiet għal din il-pożizzjoni l-ġdida u kulħadd seta' japplika għaliha, mill-kennies tal-kumpanija sal-akbar maniġer fil-kumpanija rivali. Mill-bidu nett kellhom f'moħħhom li ħa jagħżlu lilu, imma riedu jidhru taparsi trasparenti u demokratiċi quddiem id-dinja barranija.

Sal-aħħar tax-xahar kienu diġà qalulu li hu kien intgħażel u fl-uffiċċju seħħet ċelebrazzjoni żgħira b'erba' pastizzi u pizza maħruqin kemxejn. Meta wasal id-dar sab sorpriża oħra tistennieh. Jumejn qabel il-ħabib tiegħu kien ċempel lill-mara tiegħu u ftiehmu li jagħmlulu festin żgħir b'sorpriża. Infatti telaq qabel bi skuża mill-uffiċċju, wasal qablu d-dar u ppreparaw kollox malajr u bil-moħbi. Kellhom daqsxejn ħin mhux ħażin għaliex George kellu jdum ftit bis-sahra u barra minn hekk kienu ċerti li ħa jinqabad fit-traffiku demonijaku li jaħkem dawn il-gżejjer kawża tal-effiċjenza tat-trasport pubbliku u kawża wkoll tal-liġijiet futuristiċi. Hekk kif fetaħ il-bieb sabhom jistennewh bi tbissima mċarrta fuq wiċċhom. Qabdu jċapċpulu u jifirħulu, "Kemm aħna kburin bik!"

"Għaddi, għaddi qalbi. Jien u Lawrence lestejnielek ikla kbira ad unur tiegħek! Taf kemm inħobbok u kemm jiena kburija bik?" qaltlu wara żewġ bewsiet jaħarqu. Kien se jtir bil-ferħ! Fl-aħħar tal-ikla l-mara bi tbissima żgħira qaltlu, "Jiena sejra naħsel u nixxotta l-platti. M'hemmx għalfejn tiġi tgħinni llum ... ħaqqek tistrieħ! U xejn xejn toqgħod titkellem bil-kwiet mal-ħabib tiegħek." Bisitu u telqet fil-kċina. Lanqas laħqet telqet li sieħbu ma daħalx taħt il-mejda u nstema' kużakk jinfetaħ.

***

"Jaqaw tajtu xi daqsxejn kejk qalbi lil Lawrence?" staqsietu għax hekk kif daħlet fil-kamra ratu jimsaħ ħalqu.

"I ... Iva, pupa. Tgħidx kemm iħobbu, għalhekk" weġibha. Għal xi raġuni m'għamilx kuntatt b'għajnejh magħha.

"Sewwa għamilt. Aħjar milli kiltu kollu inti u toqgħod tiżżaqqaqli!" qaltlu b'ton nebbiexi u tegħmiża seduċenti.

Għal xi raġuni, dakinhar fis-sodda, ma kellux aptit jikkonsma żwieġhom b'sinjal ta' ċelebrazzjoni kif xtaqet il-mara. Ma setgħetx tifhem għala. Lanqas ħaqq il-bra l-ġdid li qagħdet tixtri.

***

Ovvjament, dan l-irtirar u l-promozzjoni l-ġdida ħolqu post vojt ieħor fil-kumpanija, jiġifieri, l-post li kellu George u dan kellu jimtela. Din il-pożizzjoni partikulari kienet il-ħolqa fil-katina bejn ħaddiema u maniġer. Huma kienu jsejħulha l-pożizzjoni tal-'Pont'. Ir-responsabbiltà ta' min kellu jimla din il-pożizzjoni kienet ta'George u n-nepotiżmu u l-proċess demokratiku li bih kien intgħażel hu stess affettwah. Ħareġ l-applikazzjonijiet kif suppost u kkonvinċa lil Lawrence biex japplika. Iżda ma kienx hu biss li applika mill-kumpanija tagħhom, għax applika raġel ieħor, Dimitry. Iżda hu kien ċert minn qabel qara s-CV tal-ieħor li ħa jagħżel lil sieħbu.

Sal-aħħar tax-xahar kient uffiċjali. Fuq l-avviżi kien hemm imniżżel min intgħażel għal din il-pożizzjoni. Lawrence feraħ, u feraħ b'ferħ sinċier għaliex ma kienx jaf bil-mekkaniżmu qarrieqi li kien intgħażel bih. Iżda hawnhekk kienet inqabżet linja. Fl-uffiċċju bdiet tielgħa t-tensjoni għaliex issa kienet ġrat ħaġa li mhux suppost tiġri.

Dimitry kien iddiżappuntat u rrabjat. Kien ċert li kien ikkwalifikat iżjed u jekk dak ma kienx biżżejjed kellu iktar esperjenza. Kien ċert li hu kellu jintgħażel iżda ma ntgħażilx għaliex huma kienu ħbieb. Anzi aktar minn ħbieb. Ipprova jkellem lill-Bord tad-Diretturi u anke lil avukat iżda kulħadd daħaq f'wiċċu u qallu li qed jagħmel hekk għax qed jgħir.

Id-dar waħdu ħares fil-mera, għajnejh ħomor bir-rabja u qal lilu nnifsu, u kkonvinċa lilu nnifsu, li min jidħaq l-aħħar jidħaq l-aħjar. F'dak il-ħin faqqset idea f'moħħu u daħaq. Daħaq bil-qalb daħqa ta' sodisfazzjon.

***

Waslet ix-xitwa. Il-kumpanija tagħhom kienet akkwistat biżżejjed injezzjonijiet kontra l-influwenza għal kull impjegat. Din it-tilqima kienet obbligatorja u kienet tiġri kull sena. Kienu jinġabru fl-uffiċċji ta' xulxin u jlaqqmu lil xulxin. Ovvjament, iż-żewġt iħbieb kienu dejjem jagħtuha lil xulxin.

"Ejja sabiħ, int imissek issa," qal Lawrence lil George. Xammar il-komma u kif qabad is-siringa daħlet is-segretarja biex tgħid lil Lawrence li kien hemm ommu fuq il-linja. Hekk kif ħareġ Lawrence daħal bilġri Dimitry.

"Għadek ma tlaqqamtx inti?"

"Le ta. Qed nistennieh ġej."

"Naħseb ħa jdum," qallu, "għax milli jidher problema serja. Trid inlaqqmek jien?"

"Aħjar mela, ħalli nkun nista' mmur ħdejh, nara li kollox sew."

"Nilbes l-ingwanti u ntihielek" qallu, huwa u jilbishom.

"Kollox sew," wieġbu.

"M'inti ħa tħoss xejn sieħbi."

"Naf naf ... drajt noħodha issa. Xorta niddarras naqra ta, imma insomma. Ejja ħa neħilsu." U tawwal idejh u ħares in-naħa l-oħra.

Żammlu idu soda u injettah bil-likwidu, dritt fil-vina. Eżatt kif lesta, daħal Lawrence jidħaq kemm jiflaħ.

"Prosit għalik x'ċajta għamiltli!" qal Lawrence lil Dimitry.

"Ċajta bejn il-ħbieb hux," qallu bi tbissima. "Żomm daqsxejn din is-siringa Lawrence jekk jogħġbok u armiha inti, grazzi."

"Mela le." Kif telaq mill-kamra dar fuq l-ieħor u semgħuh jgħajjat minn barra "Għalfejn għażilt lill-ieħor mhux lili? Għalfejn?!" u t-tisbita mal-mejda kienet evidenti hekk kif imbuttah fuqha.

Żewġ minuti wara ħareġ Lawrence wiċċu abjad karti u għarqan jgħajjat "Għinuni! Għinuni! Ajjut! F'daqqa waħda waqa' mal-art u mhux qed jieħu nifs!"

Ġimagħtejn wara Lawrence kien ħiereġ mill-uffiċċju bil-manetti madwar idejh.

"Mhux jien qtiltu! Mhux jien!"

***

Iżda għalxejn għajjat. Il-pulizija kellha provi kbar kontrih. Tmienja u erbgħin siegħa wara kien qed jidher quddiem il-qrati ta' Malta. Il-prosekutur kien qiegħed jitkellem u jħares lejn l-akkużat b'ħarsa mqita.

"Kont inti li qtiltu ... żgur! Motiv kellek u kif. Sħabek tax-xogħol kollha xehdu li semgħuk tgħajjat u taffrontah fuq għażla ta' partner ieħor ... kulħadd sar jaf bir-relazzjoni omosesswali ta' bejnietkom, u milli jidher qalibhielek.."

"Jaħasra kont qed ngħidlu hekk ..."

"Silenzju! Kompli Spettur."

"Grazzi, Sur Imħallef. Iva. Sirt taf li qalibhielek u ridt tpattihielu. Wara li għamilt tabirruħek li kkalmajt u li emmintu għidtlu biex tinjettah bit-tilqima tal-influwenza. Fil-mument li ħriġt mill-kamra biex taqbad it-telefown, bdilt is-sustanza u mlejtha bl-adrenalina minflok. U hawnhekk joħroġ kemm kien premeditat dan kollu. Użajt isem il-kollega tiegħek Dimitry biex tgħidilhom iċemplulek b'din iċ-ċajta, li ma kienet ċajta xejn iżda parti mill-pjan vili tiegħek, u ħallast kontanti ħalli ma jkunx hemm traċċi u tkun tista' faċilment twaħħal fih. Biex żgur ma jarawkx bgħatt il-flus bil-posta u ttajpjajt kollox bil-kompjuter fuq l-envelop u fl-ittra. Għażilt dak l-isem partikolari għaliex kont taf li hu seta' jiġi mixli b'għira u għaliex inti ħadtlu postu fil-pożizzjoni tant importanti fil-kumpanija.

U l-għażla tal-kimika mhijiex b'kumbinazzjoni lanqas. L-adrenalina, fi żmien tliet minuti twassal għal attakk tal-qalb. Kif xehdu sħabek inti ħriġt żewg minuti wara l-għajjat, jiġifieri fit-tieqa temporali tal-effett tal-adrenalina. Dan ifisser li inti kont taf bl-effetti tagħha. Mhux hekk biss, kont taf ukoll li l-paramediċi, hekk kif jaslu jissomministraw l-epineferina lill-pazjent li jkun qed isofri l-attakk tal-qalb. F'każ t'attakk tal-qalb leġittimu, din tgħin. Iżda f'każ bħal dan din twassal għal mewta sigura għaliex it-taħlita tal-adrenalina u din il-kimika toħloq velenu letali li joqtol f'sekondi ... Għall-kuntrarju tal-attakk tal-qalb din taħdem mill-ewwel u m'hemmx ċans ta' salvazzjoni hekk kif ikunu t-tobba stess li joqtluh!"

Għal dan il-kliem tnikket iżjed u iżjed u rrabja wkoll u b'saħna qam bilwieqfa u għajjat, "Imma mhux jien kont li tajthielu l-injezzjoni!"

Din l-istqarrija ġiet milqugħa b'daħqa sfurzata mingħand il-prosekutur. "Allura l-marki tas-swaba' tiegħek ġew hemm waħidhom? Bil-maġija? Missejtha s-siringa?"

"Iva, imma ... "

"Biżżejjed daqshekk! Ħa tkompli titfa' l-ġebla fuq sieqek? Mhux biżżejjed għamilt ħsara?"

***

Waqt li l-Imħallef ħabbar is-sentenza, dik t'għomor il-ħabs għal qtil premeditat, moħħu, f'dak l-istat ta' paniku u ġenn irnexxielu jagħmel il-matematika u jagħmel *flashback* profonda f'moħħu ... u rrealizza x'kien ġara fil-verità.

Dimitry kien ħallas lil dik il-kumpanija taċ-ċajt biex iċċempillu eżatt f'dak il-ħin, taparsi ommu. Fil-ħin li jkunu qed ilaqqmu lil xulxin. Ħallas għal ftit minuti biss, ħames minuti l-iżjed, kemm hemm bżonn biex hu, Lawrence, jillarga mill-kamra u jidħol hu minfloku. Hemmhekk weħel ftit imma f'mument t'immaġinazzjoni bħal ta' Will Graham ta' Hannibal ra dak kollu li għamel Dimitry. Pass pass.

Tah dahru u mill-but tal-qalziet ħareġ kontenitur. Battal is-siringa mit-tilqima tal-influwenza ġo tazza fil-qrib, u reġa' mela s-siringa minn ġol-kontenitur. Imbagħad battal it-tazza ġol-kontenitur li ġab miegħu u tefa' kollox ġol-but. Kollox fi żmien għoxrin sekonda. Kollox prattikat. Mekkaniku. Dar, ħares lejn l-arloġġ tal-polz bis-serqa biex jara kemm baqagħlu ħin mit-telefonata, u malajr malajr injettah.

# Il-Liżar ta' Ħajti

**Maurice Mifsud Bonnici**

Fi twelidi ġie infilsat
il-*video* ta' ħajti,
li tul is-snin li jġelben ġismi
jinfirex fuq liżar bajdani
li daqqa jiswied,
daqqa jidbiel, daqqa jiżdied
bla jien naf kif – jafu l-inkonxju
li jżewwaq ħajti biex nogħġob lilu
bi lwien premeditati f'moħħu
mwaħħla b'tappini tad-deheb
ma' ħajti biex nagħraf ngħożżhom,
jekk le, l-ilwien jintilfu
f'dagħbien sewdieni jinfirxu –
u hawn il-paradoss: għalkemm
dawn l-ilwien sbieħ tal-*video*
mistura fl-inkonxju mifruxa
fuq il-liżar ta' ħajti,
jien biss nista' nkompli nżejjinhom,
jew indallamhom,
u jibqgħu miegħi
bl-għożża tiegħi.

# Needles and Pins

**Trevor Żahra**

Malli saru jafu li kienu ġejjin Malta Mike Pender u Wayne Fontana , Dave Berry u Brian Poole, biex jagħtu superkunċert b'mużika tas-sittinijiet, minnufih iddeċidew li jaqtgħu biljett. Kif qatt setgħu jitilfu opportunità unika bħal din? Żgħożithom kienet qed issejħilhom miċ-ċpar tal-imgħoddi.

It-tinda kienet ippakkjata. Erba' fillieri lura minnhom lemħet lil xi ħadd ixejrilhom.

"Iii Madonna, lanqas kont għarafthom!" qaltlu wara li nxteħtu bilqiegħda. "Carmen u Frankie. Daqsiex saret!"

"Żgur li huma?"

"Mela min? Rajtu 'l Frankie kif tfartas għalkollox?"

"Bħali!"

"Anzi inti fadallek erba' żajbriet!"

Tinda tqila bil-piż ta' nofs seklu, b'arloġġ kbir itektek l-artrite. Tinda tostor irjus bojod qotna, qliezet *size* 58, u panċieri jitqanżħu għalxejn. Tinda li taf taħbi u tkennen. F'daqqa waħda nstemgħet mużika qawwija, id-dwal bdew iteptpu, il-palk imtela duħħan u minn ġoċ-ċpar tfaċċa raġel liebes l-iswed, xuxa bajda twila sa għonqu u żaqqu mqabbża 'l barra minn fuq iċ-ċintorin.

"*Hi there folks. I'm Wayne Fontana!*"

Ħatfet il-ktejjeb tal-programm minn idejn żewġha u bdiet tqallbu bil-ħeffa. Tfaċċa jitbissmilha Wayne Fontana *black and white* mill-abbiss ta' ħamsin

sena... Mike Pender u l-bqija. Imma tgħid għalfejn ġabu dawn ir-ritratti fil-ktejjeb? X'riedu juru sewwasew ... il-glorja tal-passat jew il-ħerba taż-żmien? Għalfejn fil-ktejjeb urewhom l-oriġinal waqt li fuq il-palk ippreżentawlhom karikatura? Għalqet il-ktejjeb bis-sabta u xeħtitu lura f'idejn żewġha. Iżda hekk kif semgħet l-ewwel versi ta' 'Love Potion no.9' ħasset għajnejha jinfetħu u qalbha tħabbat bil-għaġla. Iva, dan kien hu ... l-istess Wayne Fontana ta' żgħożitha. L-istess kisra fil-leħen. L-istess tnehida. L-arloġġ treġġa' lura f'salt u t-tinda dabet. Sabet ruħha fir-ringiela ta'wara nett tal-Upper Savoy idduq bewsa goffa b'taħlita ta' passjoni u paniku, meta ħassitu jaqbdilha sidirha minn fuq il-libsa ... imwerwra li ma jmurx jinduna bit-tajjar li kienet deffset fil-bra. Xorbot il-foga tas-sigarretti u l-ħoss tal-magna tat-*talkies* tqarmeċ fuq rashom. Kienu daqqewlhom 'Love Potion no.9' qabel ma beda dak il-film li għadha sal-lum ma tafx dwar xiex kien. U hu sab ruħu bilwieqfa fuq il-bankina fi Strada Rjali, sewwasew biswit il-Coliseum, flimkien ma' Freddie Sammut u Mike l-Landa, jaraw it-tfajliet jippassiġġaw quddiemhom, waqt li Freddie jinfexx jidgħi minn taħt l-ilsien għax Jane mhix tħares lejh.

Issa t-tinda qed tivvibra. Malli semgħu lil Brian Poole ikanta 'Twist and Shout' ilkoll qamu bilwieqfa u dawk fir-ringieli ta' quddiem ħarġu jiżfnu. Snin ilu kienu żifnuha jonfħu bl-eċitament. Hu kien żifinha b'nifsu maqtugħ bit-tama li waqt iċ-ċaqliq, Pat tkun tista' tapprezza l-ġakketta tal-*crushed velvet* li kien żanżan u l-qmis bil-frilli bħal ta' Brian Jones tar-Rolling Stones. U hi kienet għamlet imħatra ma' Kitty li toħroġ tiżfen ma' Lino li kien għadu kemm qata' xagħru bħal ta' Ringo Star. Qed tisma' t-tħaxwix tal-*mini-skirt italian pink* li kienet libset bil-moħbi t'ommha u t-*tights* b'disinji psikadeliċi, meta qaddha kien irqaq minn koxxitha l-leminija tal-lum. Issa reġgħu qed jiżfnu b'nifishom maqtugħ għax filgħodu hu nesa jieħu l-Amlodipine tal-pressjoni u hi waslilha l-ħin li tidlek koxxitha bil-Fastum Gel. Aħjar ikantalhom xi waħda slow bħal 'Someone.'

Tal-anqas wasal l-intervall u jistgħu jistrieħu. It-tinda kważi tbattlet ... imma wara l-bibien tal-latrini hemm kju ma jispiċċa qatt u t-tieni parti se jkollha tibda nofs siegħa tard.

Huma u sejrin lura d-dar qagħdu jgħidu lil xulxin li dik kienet mużika li ma tmut qatt, mużika tassew; li din tal-lum mhix ħlief kakofonija ta' ħsejjes u li lanqas biss taf x'inhi lirika. Minnufih hu nfexx ikanta:

*When I'm feeling blue, all I have to do*
*Is take a look at you, then I'm not so blue*
U hi weġbitu:
*When you're close to me, I can feel your heart beat*
*I can hear you breathing in my ear ...*
U flimkien komplew:
*Wouldn't you agree,*
*Baby you and me,*
*We've got a groovy kind of love!*

Waslu lura d-dar għajjenin u wara li hi dilket il-Fastum Gel u libset in-*net* f'rasha biex xagħarha jibqgħalha tajjeb sal-għada ... u wara li hu ħa l-Amlodipine li kien nesa filgħodu u poġġa d-dentatura ġo tazza ilma fietel flimkien ma' pillola Fizz-It, daħlu fis-sodda u trekknu ma' xulxin. Dawret driegħha ma' qaddu u pespsitlu:

"Ħadna gost illejla!"

"Ħadna gost," weġibha. U biesha fuq moħħha.

*Don't throw your love away* ... minkejja s-sider imdendel u d-dentatura fuq il-komodina. Minkejja li bilkemm fadal nitfa ġamar mill-ħġejjeġ ta' dari ... *dont' throw your love away*! Hu pprova jidħol fin-ngħas bil-ħsieb li l-għada kellhom imorru jieklu għand it-tifla għax iż-żgħira għandha l-*lucky birthday*. Tgħid jilbes il-ġakketta tal-*crushed velvet* u l-qmis tal-frilli u joqgħod ixejjer rasu 'l hawn u 'l hinn biex xagħru jmewweġ minn fuq għonqu għal quddiem għajnejh? *Needles and pins*. *Needles and pins*.

# Il-Jien Fik

Theresa Abdilla

bluhetek ġarritni f'intervalli morra:
għatxana ggranfajtek
sa ma ħarbattni fi lwienek.
mixħuta fik fi dramm ieħor
żarmajt il-jien iswed
sa ma baqbaq nirien,
imtela bi fwar ikħal imdellek.
minn wara l-kwinti
tħabatna f'xulxin
 sa spiċċajna fix-xejn.

bluhetek għadha tgħajjat.
jinxfu xufftejja
u jibjadu.
jinfetaħ is-siparju u jtajjar ħolmieti,
fi dramm solitarju
jċapċap għal ħtijietu.

# L-Għassies taċ-Ċimiterju

Sergio Grech

Uffiċjalment fir-raħal kulħadd kien jafu Pinu s-Surmast. Kien ġej minn familja ta' għalliema. Bosta antenati tiegħu kienu nġibdu lejn il-vokazzjoni ta' għalliem meta l-għalliema kienu tabilħaqq għalliema u meta ħarsa mingħandhom kienet biżżejjed biex twerwer u triegħed belt sħiħa.

Missieru sa anke kien laħaq *Inspector* u miegħu ma kont lanqas tipprova tiċċajta. Dejjem nadif xummiena b'dawk il-mustaċċi mibruma perfetti. Mhux ta' b'xejn li sħabu laqqmuh Bismarck. Tiegħu kienet kariga li tnissel ċerta seduzzjoni kemm fuq it-tfal kif ukoll fuq l-għalliema nfushom. Kien jistenna u jesiġi l-perfezzjoni perfetta mingħand ta' taħtu. Hu kien xempju tal-preċiżjoni. Il-pinna tiegħu kienet ħafifa u ma kienx jaħsibha darbtejn biex iċappaslek rapport ma' wiċċek u l-professjoni tiegħek tispiċċa fil-bir tas-skieken.

Ommu kienet tgħallem fi skola tan-nuna mmexxija mis-Sorijiet Franġiskani Missjunarji li kien hemm fir-raħal biswit is-suq. Kienet skola li tiġbor it-tfal ta' min seta' jħallas. Għall-bqija, kien hemm l-iskola tal-gvern.

Iz-zija Fawstina oħra. Kienet żiemel. Jew insomma, debba! Tgħallem l-ogħla klassi tal-primarja tar-raħal u min jidħol fil-klassi tagħha kienu jgħidu li kellu l-passaġġ lest, maqtugħ u assigurat għal-Liċeo. Magħha ma kienx hemm telf ta' ħin u ħadd ma kien jissogra jtellef. It-tfal kienu jaħdmu bla nifs biex jilħqu l-quċċata. Il-ġenituri kienu jiġġieldu biex uliedhom jispiċċaw

għandha. In-nies – għax l-hena tagħha tqassat, toħloq u tivvinta – kienu jgħidu li t-tfal li jmorru għandha kienu jintgħażlu minn qabel u ġieli ssemmew anke pressjonijiet, minn fuq u minn isfel, biex it-tfal jaslu għandha.

Il-laqam tiegħu Pinu s-Surmast baqa' jdur miegħu anke jekk kien ilu għomor li rtira mill-professjoni. L-aħħar skola li kien fiha, kien hemm fuq qalbu. Kellu ġenn kbir biex jispiċċa u jitlaq minn dak l-infern. Kien tilef il-gost ta' dari. Ma kienx baqa' l-mutur li ħafna kienu jafuh.

Dari kien iġennen lil kulħadd qabel ma tgħannaq mal-apatija. Kien ma jaħrablu xejn u attent għad-dettalji kollha. Ir-reġistri tal-għalliema kien idurhom wieħed wieħed, vers vers u kelma kelma, biex jara min kien qed ifalli l-iskola. Mhux darba jew tnejn ħataf lill-ġenituri li kienu jippreferu jibagħtu 't-tfal jaħdmu fl-għelieqi jew jiġbru l-bajd mill-irziezet flok jibagħtuhom l-iskola.

Lill-għalliema ma kienx jiddejjaq jidħol isegwilhom xi lezzjoni. Kien jiġbor xi pitazz ukoll biex jara min kien qed jagħmel xogħol *neat* u xogħol *careless* u ħoll xagħrek u ġib iż-żejt jekk xi fellusu kien jiftillu jikkummidjalu waqt it-talba jew waqt il-kant tal-Innu Malti. Kien itir vleġġa fuqu u jwerwru. Kien kap komplut. Werriet tal-valuri li emmen fihom ix-xiħ.

Imma l-aħħar skola li kien fiha nbidel għalkollox. Kien qed jagħmel kollox bilfors u l-inqas possibbli. Oġġett jekk seta' jiskartah kien jagħmel hekk bil-qalb u b'ċertu sodisfazzjon. Jiġu ċ-ċirkularijiet u dritt għal fuq l-ixkaffa. Apatija nobis. Lanqas biss jindenja ruħu jaqra t-titlu taċ-ċirkulari. Kien qed jaqdi biss id-doveri bażiċi amministrattivi ta' kap ta' skola u fejn jista' kien ifarfarhom fuq l-iskrivana li l-għalliema rġiel kienu jħobbu josservaw li sidirha kien jgħatti t-tastiera tal-kompjuter bi ġmielu.

Lilu li kien ġej minn familja ta' għalliema kienu bagħtuh surmast fi "skola tal-imqarbin u ż-żibel" bħala kastig wara li kien ħabat bl-ikrah mad-Direttur tal-Edukazzjoni li bit-tustaġni kollha kien talbu biex jaqla' student, bin il-kanvaser tal-"Ministru tal-Irwejjaħ," u jpoġġih fi klassi l-iktar tajba meta t-tifel ma kienx stilla u kien se jieħu post ħaddieħor li seta' jimxi iktar 'il quddiem. Imma hu ma riedx jobdi. Ma paxxihomx. Kien jemmen li hu l-kap u li fit-territorju tiegħu ma jidħollu ħadd. Lanqas id-Direttur. L-ebda alla.

Dakinhar li rċieva l-ittra tat-trasferiment kien riegħed skrivanija bil-ħalf u d-dagħa tant kemm ħadha bi kbira. Il-litanija li qal werwritha lil Filippa li dak il-ħin kienet qed taħsel l-uffiċċju tiegħu wara li għolla magg kafè fl-arja

tant kemm inħaraq. Imnalla telqet 'il barra u ħalliet il-mopp u l-barmil hemm weħidhom għax min jaf x'kien jiġri iktar dakinhar.

Id-Direttur kien refagħhielu fil-komma. Ried jurih li hu kien jikkmanda u mhux biċċa surmast kampanjol tal-ħabba gozz. Mill-glorja li kien fiha, imdawwar bil-ferħ, kien tefgħu fin-nirien tal-infern.

Jew mingħalih!

Għall-bidu, biex kollox jingħad sewwa, ħadha bi kbira u ħaseb biex jgħaddi bord imma b'għaqal tipikament Malti, iddeċieda li ma jaqtax il-linef biex jinki 'l-mara. Hekk u hekk l-età tal-irtirar bil-mod il-mod kienet tasal ukoll. Ma riedx ipaxxih lid-Direttur anke jekk xtaqu jikkriepa. Jekk xejn jieħu rikba mis-sitwazzjoni.

Wara kollox fi skola bħal dik kien 'il bogħod minn ras il-għajn u l-allat kienu jinsewk qisek ma teżistix. Il-Ministru ma kienx se jersaq 'l hemm għax dak imur fi skejjel li jista' jiftaħar bihom biex jieħu l-mertu hu.

Kien tgħallem jikolha u jagħmel xogħol mill-inqas. Hekk u hekk ħadd ma kien qed jistenna r-riżultati mill-istudenti tiegħu. Biżżejjed iżommhom maqfula hemm ġew sakemm jilħqu l-età obbligatorja li jħallu l-iskola. Xi kultant kien jimmaġinahom xadini maqfulin fil-gaġġa lesti għall-esperimenti xjentifiċi. Għalih kien irrilevanti joħorġux jiktbu jew le meta jagħlqu s-sittax.

Iż-żmien tgerbeb u wasal il-mument li seta' jaqta' darba għal dejjem kull kuntatt mad-dinja tal-iskejjel. Mal-aħħar ħarġa mill-kanċell tal-iskola, ħa nifs qawwi, bagħat 'id-Direttur u lil ta' fuqu bil-Ministru b'kollox jixxejru, u tefa' l-passat kollu fuq dahru.

"Issa jitħabat ħaddieħor jekk hu *bully*," gerger waħdu waqt li ħareġ 'il barra bla ma biss ta ħarsa warajh biex jara dik il-binja l-aħħar darba.

Issa li spiċċa mix-xogħol seta' jirtira bi kwietu. Jerġa' jibda ħajtu mill-ġdid. Waħdu. F'daru. F'tarf ir-raħal. Fejn ħadd ma kien jersaq. Fid-dar li ħallewlu ommu u missieru. Fid-dar li hu twieled fiha f'lejl mill-iktar umdu. Kemm kienet refgħetu u ħaddnitu magħha l-majjistra Bronja dakinhar. Kienet il-kuġina ta' ommu. Kienet kburija bil-piż tiegħu u fuq kollox wara ftit minuti ta' ħajja kienet qatgħetha li kien jixbah lin-naħa tagħhom u mhux lin-naħa tal-missier.

Wara l-mewt ta'ommu u missieru kien baqa' jgħix solitarju f'dak is-santwarju. Hu kien l-uniku wild li kellhom. Xi ħaġa stramba kif il-familji ta' żmienu kienu jfaqqsu t-tfal u hu kien baqa' waħdu. Ġieli kien jhewden dwar hekk imma qatt

ma sab tarf ta' x'seta' ġara. Sa fejn jaf la ommu u lanqas missieru ma kellhom storja ta' mard. Min jaf tagħhom kinitx xi forma ta' ribelljoni siekta kontra sistema li ridithom jegħrqu bit-tfal bi skuża li l-ulied huma grazzja mis-sema. Jiżżewweġ qatt ma ried. Kien jibża' li ma jsibx xorti. Għaldaqstant qatt ma interessawh in-nisa. *Donna danno* kienu jgħidulhom il-mużew. Kien jibża', għalkemm ma kienx jammetti, li bl-avvent ta' mara f'dik id-dar kien se jtebba' dak it-tempju ta' tifkiriet u taqlibhulu ta' taħt fuq. Mingħajrhom kien jgħaddi. Il-passjonijiet tal-ġisem kien tgħallem jieħu ħsiebhom.

Ipprefera jibqa' jgħix waħdu u solitarju mal-istramberiji tiegħu li minnhom kellu ruxxmata. Lista ma tintemm qatt. Stramberiji li ma kien jaqsamhom ma' ħadd. Għax kien jibża' li jgħadduh b'miġnun u forsi jaqfluh.

Id-dar tista' tgħid li baqgħet l-istess kif kienu organizzawha ommu u missieru fil-bidu nett tal-kapitlu tagħhom. Kostruzzjonijiet ġodda fiha ma sarux. Il-purtieri kienu saru mużew ta' trab fin. Kienu ilhom ma jieħdu ħasla sa minn meta għejiet l-omm u ma felħet tagħmel xejn iktar. Il-ħitan mhux żgur ħadu lagħqa żebgħa darba wara li ommu u missieru għaddew għall-ħajja l-oħra. Għamara ma bidel qatt. Il-moffa kienet qed taqdi dmirijietha wkoll u fejn jogħġobha kienet tagħtih pinzellata sewda jew griża skont l-aptit ta' dik il-ġurnata partikolari.

Il-librerija tax-xiħ kienet għadha intatta. Kif kien ħallieha hu. L-awturi favoriti ta' missieru kienu Petrarca, Dante Alighieri, Luigi Pirandello u Silvio Pellico. Xi drabi kien jaqbad ukoll lil Edoardo de Filippo għax kien jgħid li kellu għajn kritika fil-kummiedja tiegħu. Fl-iskrivanija kien għad hemm il-karti ta' missieru. Qatt ma kellu l-kuraġġ jarmihom minkejja li kien jaf li mhux ġej lura għalihom.

Kultant kurjuż kien joqgħod iqalleb qalb il-karti u jitpaxxa bil-kaligrafija ta' missieru. Kien għad hemm xi rapport li kien beda jħażżeż mitluq nofs leħja aktarx mibdi ftit qabel ma miet. Sa kien għad fadallu xi envelops bl-arma tar-Reġina Eliżabetta. Kull darba li kienu jiġu f'idejh kien jeħel ma' rasu Duminku Mintoff li keċċa 'l-Ingliżi 'l barra minn Malta.

Ħwejjeġ ommu u missieru kienu għadhom hemm fil-gwardarobba fil-kamra tas-sodda tagħhom dejjem lesta għalkemm is-sidien jew il-mistidnin qatt ma jaslu. Hu kellu l-kamra tiegħu, roqgħa għalih fejn jgħix mat-tifkiriet tiegħu. Id-dar kienet saret ċimiterju ta' silenzju fin fejn l-eki tal-lum u tal-bieraħ baqgħu jidwu jekk xejn ġo ruħu.

Kellu mħabba partikolari lejn ħwejjeġ li n-nies kienu jistkerrhu. Kważi kważi bi sfida. Ried jisfidahom. Ma riedx ikun bħalhom. Waħda minnhom li kien isib ċertu gost, serħan u paċi fiċ-ċimiterji. Min jaf minn fejn kienet ġejja n-namra? Fil-familja tiegħu, ma kien hemm l-ebda antenat li kellu dawn il-gosti. Kien l-għors tiegħu jżur dawn il-postijiet meta jsiefer.

Waqt li n-nies normali, kulħadd kien jobgħod dawn il-postijiet u aktarx imur bilfors, hu le. Kien espert fuq is-suġġett. Kien jaf bl-amment il-vokabolarju marbut maċ-ċimiterju, l-oqbra u t-twiebet. Sa kellu missal bil-Latin bir-ritwali tal-Knisja li kienu jsiru minn meta katavru jinħareġ mid-dar u jittieħed għad-difna. Ċimiterju kien jafu biċċa biċċa daqslikieku ppjantah hu.

Meta jsiefer kien ifittixhom iċ-ċimiterji. Kien ikun infurmat sal-inqas dettall fejn kienu u ma kinux u waħdu kien isib il-metodi kif jasal għalihom. Fost l-oħrajn kien żar iċ-ċimiterju tal-Lhud ta' Praga li laqa' fi ħdanu 12,000 katavru, dak ta' Campo Verano f'Ruma fejn indifen Alberto Moravia u l-famuż ċimiterju Le Bagneux ta' Pariġi fejn għal xi żmien indifen il-kittieb ribell Oscar Wilde.

Kellu roqgħa ta' kotba dwar il-mewt, artikli maqtugħa mill-gazzetti u l-*magazines* dwar in-nies li għalqu għajnejhom darba għal dejjem u *postcards* dwar ċimiterji barranin. Sa kellu wkoll kollezzjonijiet ta' *requiems* fuq *cassettes* li kien jixtri mingħand Brizzi tal-Belt.

Fil-fond ta' qalbu, kien konvint li ċ-ċimiterju kien il-pont li jgħaqqdu mas-saltna tat-tifkiriet. Ma'ommu li tant kien iħobb u ma' missieru li tant kien iżommlu imma li kieku ma kienx hu ma kienx jirnexxi u jilħaq fejn laħaq. Jekk xejn illum kellu pensjoni modesta u kien kuntent jgħix miegħu nnifsu jiftakar f'dari.

Kien hemm fattur li jista' jkun li għen biex din l-istramberija setgħet tikbes fih. Id-dar tagħhom kienet qrib iċ-ċimiterju u mill-kamra tiegħu, f'Novembru l-iktar, kien jara l-ilsna tan-nar tax-xemgħat jixegħlu. U dik il-ħaġa kienet taffaxxinah u tħallih lejl kollu jaħseb u jimmaġina.

Maż-żmien, iċ-ċimiterju kien sar l-ekviwalenti ta' Każinò għal xi ħadd lagħbi. Il-baħar għal sajjied. Paletta kulur għall-pittur.

Kien idur qabar qabar u joqgħod jifli l-lapidi u jfittex fil-memorja tiegħu jekk il-mejjet kienx jafu jew le. Jew kinux jafuh ommu jew missieru. Minn min kien jiġi. Fejn seta' kien joqgħod. Ma' min kien imħallat.

Ġieli qatta's-sigħat jindokra l-oqbra u jifli l-monumenti, il-fanali u l-aċċessorji li jżejnuhom. Kien jitħassar lil dawk li kienet tmisshom ix-xorti kiefra li meta

mietu kienu ndifnu fil-qabar tal-komun għax għada pitgħada, id-deffien kien ikollu bżonn l-oqbra biex jissokta bir-ritwal u l-fdalijiet tagħhom kienu se jintremew f'xi kannierja mingħajr l-ebda rispett.

"L-erwieħ ħaqqhom ir-rispett u l-qima," kien jisimgħu jgħid spiss lilu nnifsu. U ma stajtx tarmihom qisek qed tarmi biċċa ċarruta li ma ssibx użu iktar għaliha.

Kien jissimpatizza mal-oqbra maħmuġin u li ħadd ma kien jindenja ruħu jżurhom u jnaddafhom. Ġieli hu nnifsu ħa l-inizjattiva u daħal għall-biċċa xogħol li jnaddaf qabar mitluq u abbandunat. Kien jitkaża meta l-qraba kienu jinsew 'il-familjari tagħhom u kienu jinsew iġibu magħhom dik ix-xemgħa u dak il-bukkett fjuri. Il-ġenerazzjoni moderna ma kienx jista' għaliha. Ma kellhom rispett lejn ħadd.

Il-kwadru ttappan u kkomplika ruħu meta Pinu s-Surmast intlemaħ jitkellem waħdu u jmelles replika tal-*Pietà* ta' Michelangelo li kienet iżżejjen wieħed mill-oqbra li kien hemm fil-Punent taċ-ċimiterju. Kien qed isabbarha u jirraġuna magħha li lil binha kienu sallbuh għalxejn u kienet ħasra li tawh it-tisliba: l-agħar mewta tal-epoka. Minkejja kollox ħadd ma kien jafhulu dak is-salib li dendluh miegħu. Lilu wkoll, fi tmiem il-karriera, kienu ppruvaw isallbuh imma qatgħalhom l-għatx bil-perżut għax ma paxxihomx.

Darb'oħra rawh jirraġuna ma' Lippa tal-Moħriet li r-ritratt tagħha fuq il-lapida tal-qabar kien beda jiċċajpar u jitlaq mal-ilma. Kien qed jgħidilha li ommu selliet ħafna għaliha u talbitha toqtlilha fenek imdaqqas biex issajru l-Ħadd li ġej għall-festa tal-Konverżjoni ta' San Pawl. L-ilsna ħżiena sa kienu qed jgħidu fil-pjazza tar-raħal li darba minnhom rawh jongħos taħt il-ħarruba li kien hemm fit-Tramuntana taċ-ċimiterju.

Il-mannara waslet fuq rasu dakinhar li nqabad jiftaħ qabar li kien tkaħħal biss ftit sigħat qabel. Il-pulizija waslu eżatt xħin kien qed jipprova jiftaħ tebut taż-żingu abjad. Pinu s-Surmast instab imdawwar b'diversi għodod li għenuh fl-operazzjoni u fuq wiċċu kellu ħarsa stramba imma li fl-istess waqt kienet turi ċertu sodisfazzjon qisu għamel kisba kbira. Żewġ manigoldi fil-pront qabduh u sabbtuh f'ambulanza safra.

Dik kienet l-aħħar darba li Pinu s-Surmast deher f'raħal twelidu. Ċerti għejun kienu dawruha li "l- għassies taċ-ċimiterju kien rebħu hemm fuq."

# Stennejt

**Ġorġ Borg**

Minn fommok stennejt
kelma balzmu
li biha kont dejjem
tirfidni

u m'n idek stennejt
it-tmellisa
biex terġa' tfissidni ...

U l-kelma mixtieqa
bħal qisha
qatt aktar ma dwiet

u dik it-tmellisa
bħal donnha
qatt aktar ma ġiet.

# Qatra Qatra ...

Carmel G. Cauchi

Qatra qatra
mill-miżieb ta' ħsiebek għoli
qed jimtela l-vojt ġo moħħi
bla xejn ħoss.

Mewġa mewġa
f'wiċċ il-baħar profond tiegħek
qiegħda tfittex ġewwa ruħi
kenn u rdoss.

Kelma kelma
b'sebgħek jikwi hawn fuq qalbi
storja twila qiegħed tħożż.

Meta toqtor l-aħħar qatra,
meta tbatti l-aħħar mewġa,
meta tħożżli l-aħħar kelma
u niltaqgħu wiċċ imb wiċċ

forsi tkun tista' tfissirli
għala l-fjamma
li fuq rasi ridt tkebbisli
baqgħet baqgħet ma tkebbsitx.

# Il-Kitbiet Akkademiċi

# Differenzi Lessikali bejn il-Malti u l-Għawdxi

Keith Attard u Michael Spagnol

## Introduzzjoni

F'dan l-istudju nħarsu lejn il-mod kif il-lingwa tvarja skont fattur soċjolingwistiku tal-ġeografija. B'mod speċifiku, nistħarrġu l-varjazzjoni lessikali li nsibu fl-Għawdxi u fil-Malti Standard. Bl-"Għawdxi" qegħdin nifhmu l-varjetajiet djalettali użati f'Għawdex. Skont Camilleri-Grima (2009: 380), minkejja li l-Għawdxin jagħrfu d-differenzi bejn varjetà u oħra f'Għawdex stess – ngħidu aħna, bejn in-Naduri, ix-Xewki, is-Sannati, u l-bqija – huma jqisu dawn id-djaletti bħala varjetà waħda li jsejħulha "l-Għawdxi". Bil-"Malti Standard" qegħdin nifhmu l-varjetà li tipikament tintuża fil-pubbliku, fl-amministrazzjoni, fl-edukazzjoni, fil-mezzi tax-xandir, u l-bqija, u li għandha dizzjunarju, grammatika, letteratura u ortografija stabbilita. Brincat (2003: 216) jargumenta li l-Malti Standard hu bbażat fuq il-varjetà tal-inħawi tal-port, li sa minn żmien il-Kavallieri kienu ċentru soċjali u ekonomiku mill-aktar importanti. Minkejja dan, insibu fehmiet oħra, u l-kwistjoni dwar kif oriġina u żviluppa l-Istandard għadha miftuħa (ara Vella 2012: 5-6).

L-għan ta' dan l-istudju hu li niġbru numru ta' differenzi lessikali bejn l-Istandard u l-Għawdxi u li nivverifikawhom ma' kelliema ta' dawn iż-żewġ varjetajiet. Għall-kuntrarju ta' studji oħra dwar il-varjazzjoni lessikali, aħna ma

niffukawx fuq qasam semantiku wieħed partikolari, bħal tal-ħelu jew tal-għodda tal-biedja (ara Taqsima 2), iżda nanalizzaw ġabra ta' termini li:

- jirreferu għal oġġetti jew azzjonijiet ta' natura ġenerali, pereżempju l-ħabel tal-inxir, is-saqqu, il-karozza tal-linja u l-pettne;
- kellna indikazzjoni, minn sorsi differenti, li jvarjaw bejn l-Għawdxi u l-Istandard.

Biex nikkonfermaw li t-termini li ltqajna magħhom huma tassew differenzi lessikali, jiġifieri jinsabu fl-Għawdxi u mhux fl-Istandard, għamilna esperiment ma' sittax-il żagħżugħ Għawdxi u sittax-il żagħżugħ Malti. L-Għawdxin li intervistajna ġejjin minn disa' lokalitajiet differenti (Għajnsielem, l-Għarb, l-Għasri, il-Munxar, in-Nadur, ir-Rabat, Ta' Sannat, ix-Xagħra u x-Xewkija) u lkoll huma kelliema nattivi ta' xi djalett Għawdxi. Il-Maltin li intervistajna ġejjin minn tlettax-il lokalità differenti (Ħ'Attard, Birkirkara, Birżebbuġa, il-Furjana, San Ġwann, il-Gudja, Ħal Luqa, Pembroke, Tas-Sliema, il-Belt Valletta, Ta' Xbiex, iż-Żejtun u ż-Żurrieq) u lkoll intgħażlu fuq il-kriterju li normalment jużaw l-Istandard u li ma jitkellmux bid-djalett. Dan sar biex kemm jista' jkun joħorġu d-differenzi lessikali bejn l-Istandard u l-Għawdxi.

Dan l-istudju jinqasam f'erbgħa. F'Taqsima 2 nagħtu ħarsa fuq fuq lejn xogħlijiet oħra dwar id-djaletti tal-gżejjer Maltin, b'mod partikolari dawk li jittrattaw il-varjazzjoni lessikali. F'Taqsima 3 niddeskrivu l-metodoloġija tal-esperiment li għamilna mal-kelliema żgħażagħ. F'Taqsima 4 nippreżentaw ġabra ta' 55 terminu li jvarjaw bejn l-Għawdxi u l-Istandard imqassmin skont il-frekwenza tagħhom fost iż-żgħażagħ Għawdxin li intervistajna, u nagħtu tipoloġija tad-differenzi lessikali li sibna. Fl-aħħar taqsima niġbru l-konklużjonijiet ewlenin li ħarġu minn dan l-istudju u nsemmu xi spunti għal aktar riċerka f'dan il-qasam.

## Studji oħrajn

Inkiteb ħafna dwar id-djaletti Maltin u Għawdxin. Fost l-eqdem kitbiet insibu l-*Lexicon Melitense-Latino-Italum* ta' Mikiel Anton Vassalli (1796) li jaqsam

id-djaletti f'ħamsa: id-djalett tal-bliet, id-djalett tan-naħa ta' fuq, id-djalett tan-naħa t'isfel, id-djalett taċ-ċentru ta' Malta, u d-djalett ta' Għawdex. Tana wkoll deskrizzjoni ħafifa ta'kull varjetà. Dwar id-djalett ta'Għawdex jikteb hekk:

> Id-djalett tal-Gżira ta' Għawdex ftit li xejn huwa xort'oħra minn dak tal-irħula ta' Malta fejn għandu x'jaqsam it-tlissin, iżda fejn jidħol il-kliem għandu xi wħud li huma tiegħu biss u li f'Malta jew mhumiex magħrufin jew magħrufin biss f'xi nħawi tal-Punent. Hu wkoll imqassam fi djaletti żgħar, iżda li l-widna tista' tgħid ma taqbadhomx. [...] Jiena u nqalleb il-kitba li ħalla b'idejh is-Sur Kanonku Agius fil-Biblijoteka pubblika ta' Malta bl-isem Damma sibt xi ftit mijiet ta' kliem li ma kontx naf bihom, u li qatt ma kont smajthom qabel f'Malta. [...] F'din il-gżira inqas milli f'Malta huwa mħallat l-ilsien, u hemm xi kliem Għarbi qadim qatigħ, l-aktar fost ir-raħlin li jitkellmu kemxejn bħall-Għarbi. (trad. ta' Sammut 2002: 81-82).

Wara Vassalli, ħafna oħrajn kitbu dwar il-varjetajiet djalettali tal-gżejjer Maltin, fosthom Preca (1904), Stumme (1904), Schabert (1976), Borg (1977), Puech (1979), Aquilina u Isserlin (1981), Camilleri-Grima (1987, 2009), Azzopardi-Alexander (2011), u Borg (2011). L-istorja tad-djalettoloġija Maltija jiddokumentawha fid-dettall Fenech (1981) u Vanhove (1999).

L-istudju ta' Borg (2011), barra li jkopri numru ta' xogħlijiet importanti dwar id-djaletti Maltin u Għawdxin, iressaq l-argument li fil-kuntest lokali m'għandniex biss aċċenti, jiġifieri varjetajiet lingwistiċi li jvarjaw fuq livell fonetiku u fonoloġiku biss, iżda għandna djaletti, jiġifieri varjetajiet lingwistiċi li jvarjaw sistematikament fuq il-livelli kollha tal-analiżi lingwistika. Fi kliem ieħor, id-djaletti jvarjaw fuq livell:

- fonetiku u fonoloġiku, eż. [ˈdɪnjæ] fix-Xlukkajr, [tɪsˈjujr] fin-Naduri u [ˈdɪnjɐ] u [tɪsˈjiːr] fl-Istandard (Incorvaja 2007; Said 2007);
- morfoloġiku, eż. il-plural *kroroz* fl-Għawdxi u *karozzi* fl-Istandard (Agius 1992);
- sintattiku, eż. il-binja tal-progressiv fin-negattiv, *ma qedx jiekol* fl-Imġarri u *mhux qed jiekol* fl-Istandard (Camilleri-Grima 1987);
- lessikali, eż. *manuċċa*, *steringa* fiż-Żejtuni u *tajra, wadab* fl-Istandard.

F'dawn l-aħħar 25 sena nkitbu bosta teżijiet dwar differenzi lessikali f'oqsma semantiċi partikolari. Fost l-oħrajn, Busuttil (1989) tistħarreġ l-ismijiet ta' dsatax-il speċi ta' friefet endemiċi fost kelliema min-naħa ta' Ħal Safi, iż-Żurrieq, il-Qrendi u xi rħula oħra. Rapa (1995) tistudja l-qasam tal-ħelu f'għadd ta' rħula Għawdxin. Cassar (2013) tkompli tibni fuq l-istudju ta' Rapa u tqabbel il-lessiku tal-ħelu f'Għawdex mal-lessiku tal-ħelu fiż-Żejtun. Żewġ teżijiet oħra jittrattaw l-ismijiet tal-għodda tal-biedja: Curmi u Debono (1997) jiffukaw fuq id-differenzi lessikali f'diversi partijiet ta' Għawdex, u Chetcuti (2003) tanalizza l-lessiku ta' dan il-qasam f'Ħad-Dingli, Marsaxlokk, l-Imġarr, il-Qrendi u Ħaż-Żebbuġ. Busuttil (2013) tistħarreġ il-qasam lessikali tax-xagħar ma' numru ta' kelliema minn Birkirkara u minn Għawdex.

## Il-Metodoloġija

Il-punt tat-tluq ta' dan l-istudju kien il-ġbir ta' termini li dehrilna li jingħadu f'Għawdex u mhux fl-Istandard, jew li f'Għawdex għandhom tifsir differenti. It-termini nġabru minn fomm kelliema Għawdxin, minn kotba u artikli (Attard 1995; Briffa 2011), minn teżijiet (Rapa 1995; Xerri 2002; Said 2007; Farrugia 2010), minn dizzjunarji (Aquilina 1987-1991), u minn siti elettroniċi. Wara, fassalna esperiment biex nivverifikaw l-użu ta' dawn it-termini fost il-kelliema Għawdxin u Maltin bl-għan li joħorġu d-differenzi lessikali ta' bejniethom. Kull parteċipant intwera għadd ta' stampi ta' dawn it-termini u ntalab jgħid kif jirreferi għalihom. B'kollox ġbarna madwar 200 terminu u minnhom għażilna 55 li setgħu jiġu rrappreżentati bi stampa. Dawn l-istampi mbagħad intwerew lil 32 żagħżugħ ta' bejn it-18 u l-25 sena, nofshom Għawdxin u nofshom Maltin.

Qabel bdejna l-intervisti maż-żgħażagħ, għamilna studju pilota ma' erba' kelliema Għawdxin apparti. Dan l-istudju swielna biex intejbu xi affarijiet fl-istruttura tal-esperiment. Fost l-oħrajn, bdilna xi stampi li ma kinux ċari u, peress li fl-istudju pilota waħda mill-kelliema ħassitha skomda titkellem bl-Għawdxi quddiem kelliem tal-Istandard, iddeċidejna li l-intervisti jsiru f'pari biex, kemm jista' jkun, il-kelliema jħossuhom komdi jesprimu ruħhom bid-djalett. Wara li għamilna dawn l-intervisti, analizzajna t-termini u ġbarniehom f'tabelli kif jidher hawn taħt.

## Id-Differenzi lessikali

F'din it-taqsima nagħtu glossarju b'55 differenza lessikali bejn l-Għawdxi u l-Istandard imqassmin skont il-frekwenza tat-termini fost il-kelliema li intervistajna (Taqsima 4.1), u rressqu tipoloġija tal-varjazzjoni lessikali li sibna permezz tal-esperiment maż-żgħażagħ Maltin u Għawdxin (Taqsima 4.2).

### Il-Glossarju

Dan il-glossarju fih ġabra ta' 55 terminu li jvarjaw bejn l-Għawdxi u l-Istandard. It-termini qegħdin ikklassifikati f'erba' tabelli skont il-frekwenza tagħhom fost iż-żgħażagħ Għawdxin li intervistajna:

**Tabella 1**: Termini li jużawhom il-biċċa l-kbira taż-żgħażagħ Għawdxin li intervistajna
**Tabella 2**: Termini li jużawhom daqs nofs iż-żgħażagħ Għawdxin li intervistajna
**Tabella 3**: Termini li jużawhom ftit (jiġifieri, inqas minn ħamsa) miż-żgħażagħ Għawdxin li intervistajna
**Tabella 4**: Termini li ħadd miż-żgħażagħ Għawdxin li intervistajna ma jużahom

It-termini f'kull tabella qegħdin f'ordni alfabetika, skont it-terminu bl-Għawdxi. Għal kull terminu nagħtu:

- il-kelma bl-Għawdxi, bil-varjanti li ltqajna magħhom;
- it-tifsir bil-Malti Standard;
- eżempju tat-terminu bl-Għawdxi meħud minn kuntest naturali u kkonfermat ma' kelliema Għawdxin;
- kummenti dwar l-użu tat-terminu fost iż-żgħażagħ li intervistajna.

Tajjeb ngħidu li ġeneralment it-termini nagħtuhom bil-varjetà Standard, ngħidu aħna, niktbu *ċombin* u *kaħla*, u mhux b'xi forma djalettali bħal *ċumbujn* [ʧʊmˈbujn] jew *keħle* [ˈkɛhlæ] (Said 2007: 65, 72). F'każ li terminu Għawdxi jkollu xi varjant, l-ewwel wieħed li nagħtu hu dak li ntuża l-aktar miż-żgħażagħ li intervistajna.

**Tabella 1: Termini li jużawhom il-biċċa l-kbira taż-żgħażagħ Għawdxin li intervistajna**

| Bl-Għawdxi | Bil-Malti Standard | Kumment |
|---|---|---|
| **bankonċin(a), bankunċin(a), bonkonċin(a), bronkonċin** | pastina magħmula mil-lewż, b'ostja tal-karti fil-qiegħ u ġeneralment ikollha lewża fuq | *Ħadt bankonċina mat-te.* Il-kelliema tal-Istandard ġieli jużaw *biskuttini tal-lewż* jew *biskuttini tal-ostja*. Aquilina (1987: 71) jorbotha ma' Għawdex. Attard (1995: 89) jgħid li l-bankonċini huma ħelu tipiku ta' Għawdex u jiddeskrivihom bħala "*sweet biscuits consisting of white of eggs, sugar and ground parboiled peanuts.*" Skont Rapa (1995) fl-Għarb hemm min juża l-varjant *bronkonċin*. Għal aktar varjanti fl-Għawdxi u fiż-Żejtuni, ara Cassar (2013: 45). |
| **borża** | pakkett | *Xtrajt borża Twistees.* Waqt li f'xi partijiet ta' Malta (eż. Ħaż-Żebbuġ, iż-Żurrieq u ż-Żejtun) hemm min juża *borża*, f'Għawdex din il-kelma hi ħafna aktar mifruxa. Fil-fatt, miż-żgħażagħ Għawdxin kollha li intervistajna ħadd ma juża *pakkett*; kollha jużaw *borża*. |
| **buqqiegħa, boqqiegħa, baqqiegħa** | nuffata, boċċa, bużżieqa | *Telgħetli buqqiegħa f'sieqi.* Il-biċċa l-kbira taż-żgħażagħ Għawdxin jużaw *boqqiegħa* jew *buqqiegħa* għal nuffata jew bużżieqa fil-ġilda. Tlieta minnhom jużawha wkoll għall-pustumetta, jiġifieri ulċera fil-ħalq. Aquilina (1987: 76) jagħti l-varjant *baqqiegħa* u jfissirha bħala nuffata (*blister*). |
| **ċombin** | labra tal-inxir | *Waħħal żewġ ċombini max-xugaman.* F'Għawdex tintuża kemm għal-labar tal-inxir u kemm għall-għodda tal-bizzilla. |

| | | |
|---|---|---|
| **fesdaq** | neħħa l-ful mill-miżwed | *Tfesdaq il-ful.* Din il-kelma nstemgħet il-Mellieħa wkoll. Tnejn miż-żgħażagħ Maltin (minn Ħal Luqa u miż-Żurrieq) jużaw il-verb *fesaq*, eż. *tofsoq il-ful.* |
| **gejxa** | *band* tax-xagħar | *Sejjaħ lil dik it-tifla tal-gejxa blu ma' rasha.* F'Malta, *gejxa* ma tintużax għall-*band* tax-xagħar iżda għal dik il-libsa ħafifa li jilbsu n-nisa biex joqogħdu ġewwa. |
| **għakruxu** | bebbuxu (tal-art), l-isem xjentifiku *Helix Pomatia* | *Il-Bugħarwien tal-Bjar qisu għakruxu bla qoxra.* (*Luminaria*, ħarġa nru. 108, Marzu 2012, rivista maħruġa mill-paroċċa ta' San Pietru u San Pawl, in-Nadur). *L-istuffat tal-għekierex jogħġobni immens.* Uħud miż-żgħażagħ Għawdxin jużaw *bebbuxu* u xi wħud jagħmlu distinzjoni bejn il-bebbux li joħroġ fix-xita (eż. *irfist bebbuxu*) u l-bebbux li ssajjar (eż. *stuffat tal-għekierex*). Il-kelma *għekierex*, għall-bebbux li ssajjar, instemgħet ukoll f'Marsaxlokk. |
| **maħat** | issoffja | *Xi storbju! Kulħadd jisgħol u jomħot.* Waqt li f'Malta xi wħud jużaw *maħat*, din il-kelma f'Għawdex hi ħafna aktar mifruxa. Fil-fatt, il-maġġoranza taż-żgħażagħ Għawdxin jużaw *maħat*, mentri l-maġġoranza taż-żgħażagħ Maltin jużaw *issoffja*. Mill-banda l-oħra, jidher li l-verb *issoffja* ma jintużax Għawdex. |
| **mitraħ** | saqqu | *Intelaq fuq il-mitraħ.* Waqt li f'Malta xi wħud jużaw *mitraħ*, din il-kelma f'Għawdex hi ħafna aktar mifruxa. Il-biċċa l-kbira taż-żgħażagħ Għawdxin jużaw kemm *mitraħ* u kemm *saqqu*, iżda jidher li *mitraħ* hi aktar komuni. |

| | | |
|---|---|---|
| **moxt** | pettne,<br>ġieli xkupilja tax-xagħar jew *brush* | *Imxatt xagħri bil-moxt.*<br>Waqt li f'Malta hemm min juża *moxt*, din il-kelma f'Għawdex hi ħafna aktar mifruxa. Fil-fatt, iż-żgħażagħ Għawdxin kollha jużawha. Busuttil (2013: 429), f'esperiment li għamlet, uriet ritratt ta' pettne lil 30 mara Għawdxija, nofshom żgħażagħ u nofshom anzjani, u l-maġġoranza użaw *moxt*. Il-kelma *pettne*, mill-banda l-oħra, ftit li xejn tintuża f'Għawdex. |
| **nemusiera** | xibka tan-nemus | *Agħlaq in-nemusiera biex ma jidħlux insetti.*<br>Uħud miż-żgħażagħ Għawdxin isejħulha wkoll *bieba tan-nemus* jew *gużwajer* (mill-Ingliż *gauze wire*). |
| $^{i}$**nfaġar** | $^{i}$nfaraġ | *It-tifel qed jinfaġar.*<br>F'Malta jidher li l-forma l-aktar popolari hi *nfaraġ*, bil-metateżi tar-r u l-ġ. |
| **papoċċ** | papoċċ tas-sodda, *slipper*, *running shoes*, żarbun tal-futbol (tat-tappini) | *Tqattagħli l-papoċċ tal-futbol.*<br>F'Malta *papoċċ* xi wħud jużawha għall-papoċċ tas-sodda biss, waqt li oħrajn jużawha kemm għall-papoċċ tas-sodda u kemm għar-*running shoes* jew għaż-żarbun tal-futbol. Mill-intervisti li għamilna maż-żgħażagħ Għawdxin jirriżulta li *papoċċ* tintuża kemm għaż-żarbun ta' ġewwa (*papoċċ tas-sodda*) u kemm għal ta' barra (*papoċċ tal-futbol*, *papoċċ tal-ġiri*). Briffa (2011: 11) jgħid li "Għawdex il-forma popolari hija *papoċċ tal-futbol* filwaqt li f'Malta l-forma popolari hija *żarbun tal-futbol*." |

| | | |
|---|---|---|
| **pastizz tal-ġobon** | pastizz tal-irkotta | *Xtrajt żewġ pastizzi tal-ġobon.*<br>Iż-żgħażagħ Għawdxin kollha jużaw *pastizz tal-ġobon*. Għalkemm f'Malta ġeneralment jissejjaħ *pastizz tal-irkotta*, jidher li f'xi nħawi (eż. ir-Rabat) jużaw *pastizz tal-ġobon* ukoll. |
| **pinura,<br>pinula** | pinnola, pillola, pirmla | *Ħadt pinura għall-uġigħ ta' ras.*<br>Waqt l-intervisti maż-żgħażagħ Għawdxin ħarġet ukoll il-kelma *aspri*, li fost l-oħrajn tintuża r-Rabat u San Lawrenz. |
| **purtiera tal-qasab** | ħasira | *Tellajt il-purtiera tal-qasab.*<br>Waqt li f'xi partijiet ta' Malta (eż. il-Wardija, Ħaż-Żebbuġ, il-Mosta, Marsaxlokk u ż-Żejtun) hemm min juża *purtiera tal-qasab* ukoll, *ħasira* hi bil-wisq iktar popolari fost il-Maltin. |
| ***sausage*** | zalzett (mir-)roża | *Illum qlejt pakkett* sausages.<br>Uħud mill-Għawdxin ilissnu l-kelma *sausage* bil-vokali o mkarkra (*sōsiġ*). |
| ***solitape,<br>sellotape*** | *tape*<br>mit-trasparenti | *Tini biċċa* solitape *ħa nwaħħal il-karta mal-ħajt.*<br>Il-maġġoranza taż-żgħażagħ Għawdxin jużawha jew jafuha. *Sellotape* hija ditta tat-*tape*. |
| **tħaxxem** | [i]nqaras | *"Għaliex qiegħed tibki?"*<br>*"Għax tħaxximt mal-bieb."*<br>Il-biċċa l-kbira taż-żgħażagħ Għawdxin jużaw *tħaxxem* (u xi ftit jużaw *ħaxxem*) għal meta xi ħadd jagħlaq sebgħu ma' kexxun jew bieb. Aquilina (1987: 524) jgħid li f'Għawdex jintużaw il-verbi *ħaxxem* jew *ħaxkem* mentri f'Malta tintuża l-binja *għalaq sebgħu mal-bieb/ kexxun*.<br>Ara wkoll **ħaxxem** (Tabella 3). |

| | | |
|---|---|---|
| **zalzett** | zalzett tal-Malti | *Għamilt platt għaġin biz-zalzett.*<br>F'Malta *zalzett* tirreferi għal tipi differenti ta' zalzett (eż. zalzett mir-roża, zalzett tal-Malti, eċċ.) imma f'Għawdex tintuża b'mod speċifiku għal dak li f'Malta hu magħruf bħala *zalzett tal-Malti*.<br>Ara wkoll ***sausage***. |

**Tabella 2: Termini li jużawhom daqs nofs iż-żgħażagħ Għawdxin li intervistajna**

| **Bl-Għawdxi** | **Bil-Malti Standard** | **Kumment** |
|---|---|---|
| ***bonnet*** | *hood*,kappa, barnuża | *Tella' dak il-bonnet ħalli tiffranka naqra xita.*<br>Kważi nofs iż-żgħażagħ Għawdxin jużawha jew ġieli semgħuha. Aquilina (1987: 135) ifissirha bħala skufja jew għata tar-ras li tintuża għat-trabi u t-tfal żgħar, iżda mill-intervisti jidher li f'Għawdex tintuża wkoll għal *hood* jew kappa f'sens ġenerali. |
| **boxxla** | antiporta | *Ħalla l-bieb fuq il-boxxla.*<br>Nofs iż-żgħażagħ Għawdxin jużawha jew jafuha u l-bqija jużaw *antiporta*. Skont Borg (2011: 23), *boxxla* tintuża anke f'ħafna djaletti Maltin. Briffa (2011: 11) jgħid li tintuża n-naħa ta' Bormla. |
| ***bus*** | karozza tal-linja, xarabank | *Ħa mmur naqbad il-bus.*<br>Iż-żgħażagħ Għawdxin jużaw *bus* jew *xarabank*, mentri ż-żgħażagħ Maltin jużaw *(karozza) tal-linja*. It-terminu *(karozza) tal-linja* ftit li xejn jintuża f'Għawdex. |
| **fjura** | pastarda | Said (2007: 67) tgħid "apparti li tfisser 'warda', tintuża wkoll bħala sostituzzjoni għall-kelma *pastarda*." |

| | | |
|---|---|---|
| **ħafsa** | ponta, musmar | *Telgħetli ħafsa fuq imnieħri.*<br>Kważi nofs iż-żgħażagħ Għawdxin jużaw *ħafsa* u l-bqija jużaw *musmar*. F'Malta *ħafas* tirreferi għar-raxx, jiġifieri ponot ħomor irqaq li jitilgħu bis-sħana jew bl-umdità. |
| **kaħla** | koħħala, kuħħala, tbenġila | *X'kaħla għandi fuq koxxti!*<br>Nofs iż-żgħażagħ Għawdxin jużawha jew ġieli semgħuha. Aquilina (1987: 604) ifisser *koħħala* jew *kuħħala* bħala dabra kaħlanija li titrabba fuq il-ġilda wara xi daqqa. *Kaħla* ma jtihiex f'dan is-sens, iżda jtiha bħala l-Ġebla s-Safra (*Greensand*) u bħala sinonimu tal-għasfur daqquqa kaħla. |
| **mejdina** | mejda żgħira, tavolina | *L-amplifier kien jinsab taħt mejdina qrib l-artal maġġur.* (Meħud minn artiklu ta' April 2011 mis-sit tal-Bażilika ta' San Ġorġ tar-Rabat, Għawdex, www.stgeorge.org.mt). |
| **perċa** | ħabel tal-inxir | *Mur aqla' l-ħwejjeġ mill-perċa.*<br>Nofs iż-żgħażagħ Għawdxin jużawha jew ġieli semgħuha. Aktarx li hi marbuta mal-verb *perreċ*. Xi wħud, anke Maltin, *perċa* jużawha għal-lasta li fuqha jserraħ l-għasfur, ngħidu aħna, f'gaġġa (bl-Ingliż *perch*). |
| **smontor, smontra, żmontor** | *foil*, fidda | *L-ismontor tas-sigarretti.*<br>*Għattejt il-patata l-forn bl-ismontor.*<br>Nofs iż-żgħażagħ Għawdxin jużawha jew jafuha. |
| **vaska** | *toilet*, loki | Nofs iż-żgħażagħ Għawdxin jużawha jew jafuha. Il-biċċa l-kbira jużaw *toilet*. |
| **xenxel** | heżżeż, ġebbed | *Oqgħod kwiet għax inxenxlek.*<br>*Xenxel xagħar it-tifla.*<br>Nofs iż-żgħażagħ Għawdxin jafuha. Briffa (2011: 31) ifisser il-verb *xenxel* bħala "ġibed ix-xagħar". |

| | | |
|---|---|---|
| **xenxul** | għanqud | *Aqtagħli xenxul għeneb.*<br>Ftit inqas minn nofs iż-żgħażagħ Għawdxin jużawha jew jafuha. Il-bqija jużaw *għanqud*. Aquilina (1991: 1563) jorbot il-kelma *xenxul* ma' Għawdex. |

**Tabella 3: Termini li jużawhom ftit miż-żgħażagħ Għawdxin li intervistajna**

| **Bl-Għawdxi** | **Bil-Malti Standard** | **Kumment** |
|---|---|---|
| **bambaluna, bambonella, bambolina** | il-pasta r-roża, il-pasta tal-*coconut* | *Il-bambaluna hi l-pasta favorita tiegħi.*<br>Miż-żgħażagħ Għawdxin li intervistajna, ħamsa biss jużaw *bambaluna* jew *bambonella*. Rapa (1995) tagħti *bambolina* bħala varjant ieħor.<br>Għal aktar varjanti fl-Għawdxi u fiż-Żejtuni, ara Cassar (2013: 44). |
| **batbat** | paqpaq, daqq il-ħorn | *Batbatlu (il-ħorn)!*<br>Tnejn biss miż-żgħażagħ li intervistajna jafuha.<br>Ara wkoll **tawwat**. |
| **bokkla** | klippa tax-xagħar, klipp tax-xagħar | *Xtrajt bokkla ġdida tax-xagħar.*<br>Ħamsa miż-żgħażagħ Għawdxin jużawha jew jafuha. Il-bqija jużaw *klipp tax-xagħar*. Busuttil (2013) tgħid li xi ftit mill-Għawdxin li intervistat jużaw *bokkla* għal tipi differenti ta' klipep tax-xagħar. |
| **brika, bruka** | *lighter* | *Tini l-brika ħa nqabbad sigarrett.*<br>Fost iż-żgħażagħ Għawdxin, żagħżugħa waħda biss mir-Rabat tużaha. Aquilina (1987: 143) jgħid li nstemgħet il-Munxar. Skont Said (2007: 65), "illum il-maġġoranza jirreferu għaliha bħala *lighter* però [brika] għadha tingħad minn nies li huma mdaħħlin fiż-żmien." |

| | | |
|---|---|---|
| **forfra** | brija | Din il-kelma użata żagħżugħa waħda biss mix-Xagħra.<br>Ara wkoll **qxejra**, **kxejra**. |
| **ħaxxem** | għalaq,<br>qaras | *Ħaxximt subgħajja mal-kexxun.*<br>(Said 2007: 71).<br>Ara wkoll **tħaxxem**. |
| **nafad** | laħlaħ | *Nafad ix-xagħar mis-sapun.* (Said 2007: 75).<br>*Qabel l-ikel tajjeb li tonfod idejk.*<br>Żagħżugħa waħda biss min-Nadur tużaha. Din il-kelma tintuża f'xi nħawi f'Malta wkoll (eż. iż-Żurrieq u ż-Żejtun) għat-tlaħliħ, b'mod speċifiku, tal-ħwejjeġ. Briffa (2011: 12) jgħid li "In-nisa Żrieraq kienu jużaw il-verb *tonfod* (minn *nafad*) meta xi ħadd ilaħlaħ il-ħwejjeġ." F'Għawdex jidher li hi marbuta man-Nadur. Għall-kelliema tan-Naduri, dan il-verb ma jintużax għall-ħwejjeġ biss, iżda jintuża għal affarijiet oħra bħax-xagħar u l-idejn. |
| **patatija, patutija** | patata waħda | *Newwilli patatija għal ġol-borma.*<br>(Said 2007: 76).<br>Żewġ żgħażagħ biss jużawha, mix-Xagħra u Ta' Sannat. Fl-Istandard ma ssirx distinzjoni bejn *patata* fil-kollettiv (eż. *xkora patata*) u *patata* bħala nom tal-unità (eż. *ġibli patata waħda*). |
| **skritt** | pitazz | *Ġibli waħda l-iskritt minn fuq il-mejda.*<br>Nofs iż-żgħażagħ Għawdxin ġieli semgħuha mill-ġenituri jew min-nanniet, iżda l-maġġoranza jużaw *pitazz*. Said (2007: 80) tikkonferma li l-użu ta' *skritt* fost iż-żgħażagħ qed jonqos. |
| **tawwat** | paqpaq,<br>daqq il-ħorn | *Tawwatlu (il-ħorn)!*<br>(Said 2007: 82).<br>Erba' żgħażagħ Għawdxin jużawha jew jafuha. Din il-kelma tintuża f'xi nħawi f'Malta wkoll (eż. iż-Żurrieq u l-Imqabba).<br>Ara wkoll **batbat**. |

| | | |
|---|---|---|
| **tisjir** | minestra, ħaxix | *Illum tisjir hemm għall-ikel.* (Said 2007: 81). Żagħżugħ Għawdxi wieħed biss irrefera għall-minestra bħala *tisjir*. Aquilina (1991: 1272) jgħid li f'Għawdex tintuża fis-sens ta' "*vegetable soup*." |
| **werqa ta' dindja, werqa dindja** | pal tal-bajtar, werqa tal-bajtar, ċuplajs | *Iż-Żebbuġ hemm ħafna weraq ta' dindja.* Żagħżugħ Għawdxi wieħed biss jużaha. Il-biċċa l-kbira jużaw *weraq tal-bajtar (tax-xewk)*. F'Malta, in-naħa ta' Birżebbuġa u ż-Żurrieq instemgħet ukoll *pal tal-Indja*. |

**Tabella 4: Termini li ħadd miż-żgħażagħ Għawdxin li intervistajna ma jużahom**

| **Bl-Għawdxi** | **Bil-Malti Standard** | **Kumment** |
|---|---|---|
| farxa | xkaffa | *Poġġejt il-ħalib fit-tieni farxa tal-friġġ.* Said (2007: 67) tgħid li din il-kelma tinstema' fin-Nadur u hija aktar komuni ma' nies kbar. Fil-fatt, żagħżugħa waħda biss min-Nadur ġieli semgħetha iżda kienet inċerta mit-tifsira tagħha. Briffa (2011: 32) jagħtiha f'lista ta' kliem li kien għaddielu s-Sur Carmel Grima minn Ta' Kerċem. Juann Mamo, li kien minn Ħal Luqa, juża l-kelma farxa fin-novella 'Il-Maltin kienu iżjed fidili' tal-4 ta' Awwissu 1934: "Kont tilmaħ bħal farxa l-ħġieġ (vetrina) kollha għodod u fliexken." |
| **gawċa** | mgħarfa | Briffa (2011: 32) jagħtiha f'lista ta' kliem li kien għaddielu s-Sur Carmel Grima minn Ta' Kerċem. |

| | | |
|---|---|---|
| **kaħwiela** | lelluxa | Briffa (2011: 12) jgħid li xi studenti Għawdxin tat-tielet età kienu qalulu li fl-Għarb jużaw *kaħwiela* għal-lelluxa. Skont Aquilina (1987:605), *kaħwiela* nstemgħet fl-Għarb, f'Santa Luċija u f'San Lawrenz, u hi sinonimu ta' *lelluxa*. |
| **maħmuġ** | [i]mħawwar, mimli | *L-għaġin il-forn tiegħi kien aktar maħmuġ* (Lisa Frendo mill-Għarb, *Kollu Malti*, Campus FM).<br>Aquilina (1987: 492) jagħti din il-kelma minn lista ta' kliem li kien għaddielu Victor Galea mix-Xagħra u jfissirha hekk: "*to flavour spaghetti or rice baked in an oven with sauce and minced meat, maħmuġ tajjeb l-għaġin*". Din il-kelma nstemgħet ukoll f'xi nħawi f'Malta (eż. Ħal Kirkop). Sibnieha wkoll fil-menù ta' Gululu, restorant li jservi ikel tipiku Malti (*għaġin maħmuġ*). |
| **mergun** | żugraga | Aquilina (1991: 809) jgħid li nstemgħet ix-Xewkija. Briffa (2011: 32) jagħtiha f'lista ta' kliem li kien għaddielu s-Sur Carmel Grima minn Ta' Kerċem. Lanfranco (2012: 139) isemmiha u jgħid li kienet tissejjaħ ukoll *żugraga*, *pizzikajju* jew *vlontin*. Iżda ma jorbothiex ma' Għawdex. |
| **[i]mħadda** | trajbu tal-bizzilla | *Imħadda tal-bizzilla.* Aquilina (1991: 1171). Aquilina jorbotha ma' Għawdex u Briffa (2011: 32) jagħtiha f'lista ta' kliem li kien għaddielu s-Sur Carmel Grima minn Ta' Kerċem. |
| **[i]nsanja** | [i]ffirma | *Ħa mmorru għand in-nutar biex ninsanjaw xi karti.* (Said 2007: 75).<br>Said (2007: 75) tgħid li tintuża kemm mill-kelliema żgħar u kemm mill-kelliema anzjani tan-Naduri. Però, ħadd miż-żgħażagħ Għawdxin ma jużaha ħlief żagħżugħa min-Nadur li qaltilna li tafha użata mill-anzjani. |

| | | |
|---|---|---|
| **qxejra, kxejra** | brija | Aquilina (1991: 1161) jagħti *qxejra* minn lista ta'kliem li kien għaddielu Victor Galea mix-Xagħra. Briffa (2011: 32) jagħti *qxejra* u *kxejra* f'lista ta' kliem li kien għaddielu s-Sur Carmel Grima minn Ta' Kerċem.<br>Ara wkoll **forfra** (Tabella 3). |
| **$^{i}$sseħħem, $^{i}$ssaħħam** | $^{i}$ċċappas, tħammeġ, $^{i}$ddellek | *Ara kif isseħħimt biz-zalza!*<br>Said (2007: 79).<br>Ħadd miż-żgħażagħ Għawdxin ma jużaha, però waħda min-Nadur tafha. Aquilina (1987: 489) jorbot dan il-verb man-nom *ħama*. |
| **tuffieħ imqadded** | tadam imqadded | *Għamilt biċċa ħobż bit-tuffieħ imqadded.*<br>Il-biċċa l-kbira taż-żgħażagħ Għawdxin jużaw *tadam imqadded*, barra tnejn li ġieli semgħu *tuffieħ imqadded*. Jidher li f'xi partijiet ta'Malta (eż. il-Mosta u Birkirkara) it-tadam imqadded kien jissejjaħ *tuffieħ imqadded* ukoll.<br><br>Briffa (2011: 12) jgħid li xi studenti Għawdxin tat-tielet età kienu qalulu li x-Xagħra t-tadam imqadded jgħidulu *sniedaq*, il-plural ta'*senduq*. Aquilina (1991: 1292) jagħti l-frażi *senduq tat-tadam imqadded* u jfissirha bħala "*layers of dried tomatoes one over the other*". |
| **xqaqef, xqieqef** | ħafna platti, tazzi u borom għall-ħasil | *Dan għandi s'għada biex naħsel dax-xqieqef kollha!*<br>(Said 2007:83).<br>Said tgħid li din il-kelma aktarx tintuża minn familja partikolari min-Nadur, u li aktarx ġejja mill-kelma *xaqquf* jew *ċaqquf*. |

Mill-intervisti li għamilna nistgħu nbassru li l-fatturi soċjolingwistiċi tal-età u tal-ġeografija jaffettwaw il-frekwenza ta' wħud minn dawn it-termini. Ngħidu aħna, uħud miż-żgħażagħ Għawdxin qalulna li kelma bħal *skritt* huma ma jużawhiex, iżda ġieli semgħu lin-nanniet jew lill-ġenituri tagħhom jużawha. Dan ifisser li jekk l-esperiment jiġi rrepetut ma' kelliema Għawdxin anzjani jew

ta' mezzetà, il-frekwenza ta' xi termini jaf tinbidel. Hekk ukoll, mill-intervisti jidher li termini bħal *insanja*, *nafad* u *sseħħem* huma marbutin man-Nadur. B'hekk, li kieku kellna nirreplikaw l-esperiment ma' numru akbar ta' kelliema minn postijiet differenti, aktarx inkunu nistgħu nikkonfermaw jekk xi termini humiex tassew assoċjati ma' xi raħal partikolari.

## Tipi ta' differenzi lessikali

It-termini nistgħu nikklassifikawhom skont tliet tipi differenti ta' varjazzjoni lessikali. L-ewwel grupp fih termini li jintużaw f'Għawdex u li f'Malta jidher li ma jintużawx, bħal *bankonċina, brika, buqqiegħa*, *mejdina*, *nemusiera*, *perċa*, u *tħaxxem*. Naturalment, biex inkunu ċerti li dawn it-termini ma jintużawx f'Malta, inkunu rridu nagħmlu esperiment ma' aktar kelliema tal-Istandard u ma' kelliema ta' xi djalett Malti.

It-tieni grupp jinkludi ftit termini li jintużaw kemm f'Malta u kemm f'Għawdex imma b'tifsira differenti. Fosthom insibu *gejxa*, li f'Malta tfisser libsa ta' ġewwa tan-nisa u f'Għawdex tfisser *band* tax-xagħar, u *ċombin*, li f'Malta tfisser l-għodda li biha tinħadem il-bizzilla u f'Għawdex tfisser kemm l-għodda tal-bizzilla u kemm labra tal-inxir.

Fit-tielet grupp insibu termini li jintużaw kemm f'Malta u kemm f'Għawdex imma huma aktar frekwenti fost l-Għawdxin, fosthom *borża*, *maħat*, *mitraħ,* u *moxt*. Din id-differenza ħarġet ċara ħafna mill-intervisti. Ngħidu aħna, iż-żgħażagħ Għawdxin kollha jużaw *borża* u *moxt*, u kważi kollha kemm huma jużaw *maħat* u *mitraħ*. Mill-banda l-oħra, il-maġġoranza taż-żgħażagħ Maltin jużaw *pakkett*, *pettne*, *issoffja* u *saqqu*.

## Konklużjoni

F'dan l-istudju ppreżentajna ġabra ta' 55 terminu li jvarjaw fl-Għawdxi u fil-Malti. L-użu ta' dawn it-termini ġie vverifikat permezz ta' esperiment li sar ma' 32 żagħżugħ. Irriżulta li xi termini (eż. *gejxa*, *moxt*, *pastizz tal-ġobon*, *pinura*) huma mifruxa sew fost iż-żgħażagħ Għawdxin, filwaqt li xi termini oħrajn

(eż. *brika*, *skritt*, *tisjir*, *weraq ta' dindja*) jidher li qed jinqatgħu fost iż-żgħażagħ. Mill-analiżi ħareġ ukoll li dawn it-termini jaqgħu taħt tliet kategoriji differenti:

- termini li jintużaw f'Għawdex biss, eż. *nemusiera, tħaxxem*;
- termini li jintużaw f'Malta u f'Għawdex iżda għandhom tifsir differenti, eż. *ċombin, gejxa*;
- termini li huma aktar popolari fl-Għawdxi milli fl-Istandard, eż. *maħat*, *moxt*.

## Għaliex insibu din il-varjazzjoni lessikali bejn l-Għawdxi u l-Istandard?

Hemm tliet differenzi importanti fil-perċezzjoni u l-attitudni lingwistika f'Malta u f'Għawdex. L-ewwel differenza hi li f'Għawdex kważi kulħadd jitkellem bid-djalett, u ħafna drabi d-djalett ikun l-ewwel lingwa tagħhom. F'Malta, mill-banda l-oħra, mhux kulħadd jitkellem bid-djalett; xi Maltin jitkellmu bl-Istandard biss, oħrajn jitkellmu bl-Istandard u bid-djalett, u xi ftit jitkellmu bid-djalett biss.

It-tieni differenza hi li f'Malta kulħadd mistenni juża l-Istandard fil-pubbliku u f'kuntesti formali. Id-djalett, ġeneralment, jintuża mal-qraba u ġieli mal-ħbieb. F'kuntrast, f'Għawdex id-djalett jintuża kemm f'sitwazzjonijiet formali, bħall-iskola, il-knisja u l-amministrazzjoni, u kemm f'sitwazzjonijiet informali, mal-qraba u l-ħbieb (Camilleri-Grima 2009). Ngħidu aħna, Xuereb (1996) jgħid li l-omeliji ħafna drabi jsiru bl-Għawdxi, u jikkwota qassis mir-Rabat jgħid, "*I code-switch to dialect during sermons. In this way I feel more relaxed and sure that I am establishing a bond between me and the listeners*" (Xuereb 1996: 29).

It-tielet differenza hi li ġeneralment f'Malta l-Istandard hu l-varjetà l-għolja ("il-pulit") waqt li d-djalett hu l-varjetà l-baxxa ("l-imgħawweġ"). Min-naħa l-oħra, l-Għawdxi f'ċerti kuntesti jgawdi minn prestiġju, tant li għadd ta' studji li saru fuq l-użu tal-Għawdxi fl-edukazzjoni (Xuereb 1996; Buttigieg 1998; Casha 2006; Xerri 2009) juru li xi għalliema jużawh fil-klassi mal-istudenti (Xuereb 1996: 29; Casha 2006: 98) u li xi studenti li fl-iskejjel Għawdxin jitkellmu bl-Istandard jitwarrbu minn sħabhom:

> Ġie osservat il-fatt li fi klassi B kien hemm żewġt itfal li kienu jitkellmu l-M[alti] S[tandard] fil-klassi, wieħed għax kien Malti u l-ieħor għax il-ġenituri tiegħu kienu jitkellmu MS id-dar, u fil-fatt il-bqija tat-tfal f'din il-klassi kienu jaqbdu ħafna ma' dawn iż-żewġt itfal minħabba dan il-fatt [. . .] dawn ġew osservati maqtugħin waħedhom speċjalment fil-ħin tal-*break*, meta ħadd ma kien ikun irid joqgħod magħhom jew jilgħab magħhom. (Casha 2006: 81)

Dawn id-differenzi fil-perċezzjoni tad-djalett jinħass l-effett tagħhom anke fil-lessiku. Peress li l-Għawdxi ġeneralment hu l-varjetà l-għolja li tgawdi l-prestiġju tal-kelliema, xi forom djalettali li jinsabu kemm f'Malta u kemm f'Għawdex, f'Malta jibdew jinqatgħu, iżda f'Għawdex jibqgħu jintużaw, anke miż-żgħażagħ. It-teżi ta' Busuttil (2013) fuq id-differenzi lessikali fil-qasam tax-xagħar tikkonferma din l-osservazzjoni. Minn dan l-istudju joħroġ li f'Għawdex kelma bħal *moxt* tintuża mill-maġġoranza tan-nisa żgħażagħ u anzjani li intervistat, iżda f'Malta, f'Birkirkara, tintuża biss minn tliet nisa anzjani. Il-kumplament tan-nisa Karkariżi li intervistat jużaw *pettne* u xi ftit jużaw *comb* (Busuttil 2013: 429). Mill-intervisti tagħna joħroġ riżultat simili, jiġifieri li ż-żgħażagħ Għawdxin kollha jużaw *moxt*, u ż-żgħażagħ Maltin kollha jużaw *pettne*, ħlief tnejn li jużaw *comb* u wieħed mill-Gudja li juża *moxt*.

## Spunti għal aktar riċerka f'dan il-qasam

Biex ikollna stampa aktar ċara tal-varjazzjoni lessikali bejn l-Għawdxi u l-Istandard jeħtieġ li:

(a) l-istudju jsir ma' kampjun ikbar ta' kelliema Maltin u Għawdxin biex jissaħħu r-riżultati miksuba f'dan ix-xogħol;

(b) id-differenzi lessikali l-oħra li ġbarna (madwar 150) jiġu vverifikati f'esperimenti simili;

(ċ) inqisu fatturi soċjolingwistiċi oħra, ewlenin fosthom il-ġeografija u l-età, ġaladarba mill-intervisti rriżulta li xi termini huma assoċjati ma' rħula partikolari, waqt li oħrajn huma komuni mal-anzjani imma mhux maż-żgħażagħ.

*Nirringrazzjaw lil Ruben Farrugia, Samantha Grima, Josette Portelli u lil Mary Joyce Said tal-għajnuna tagħhom, u liż-żgħażagħ Maltin u Għawdxin li ġew għall-intervisti u għall-interess li wrew fir-riċerka tagħna.*

## Biblijografija

Aguis, Dionisius. "Morphological alternatives in the Gozitan dialect of Maltese." *Materiaux Arabes et Sudarabiques (Nouvelle Serie)* 4, 1992: 111-161. Stampat.

Aquilina, Joseph. *Maltese English Dictionary. Volume one A-L*. Malta: Midsea Books Ltd Malta. 1987. Stampat.

Aquilina, Joseph. *Maltese English Dictionary. Volume two M-Z*. Malta: Midsea Books Ltd Malta. 1990. Stampat.

Aqulina, Joseph u Benedikt S. J. Isserlin. "A survey on contemporary dialectal Maltese. Volume 1: Gozo." Leeds, Publisher B.S.J. Isserlin. 1981. Stampat.

Attard, Anton F. "The folklore of an island." L. Briguglio u J. Bezzina (ed.) *Gozo and its Culture*. Proceedings of the 1995 Lowenbrau Seminar, Formatek Ltd. 83-96. 1995. Stampat.

Azzopardi-Alexander, Marie. "The vowel system of Xlukkajr and Naduri." Sandro Caruana, Ray Fabri u Thomas Stolz (ed.), Variation and Change. *The Dynamics of Maltese in space, time and society*. Akademie Verlag, 235-253. 2011. Stampat.

Borg, Albert. "Lectal Variation in Maltese." Sandro Caruana, Ray Fabri u Thomas Stolz (ed.), Variation and Change. *The Dynamics of Maltese in space, time and society*. Akademie Verlag, 11-31. 2011. Stampat.

Borg, Alexander. *Reflexes of pausal forms in Maltese rural dialects, in: Israel Oriental Studies* 7, 211-225. 1977. Stampat.

Briffa, Charles. *Il-Varjetajiet tal-Malti*. Malta: Pubblikazzjonijiet Indipendenza. 2011. Stampat.

Brincat, Giuseppe. *Malta. Una storia linguistica*. Genova: Le Mani. 2003. Stampat.

Busuttil, Carmen. "L-ismijiet popolari tal-friefet u d-distribuzzjoni ġeografika u soċjali tagħhom." Teżi tal-B.Ed. (Unuri), l-Università ta' Malta, 1989. Stampat.

Busuttil, Liza. "Il-Qasam Lessikali tax-Xagħar." Teżi tal-B.A. (Unuri), l-Università ta' Malta, 2013. Verżjoni diġitali.

Camilleri-Grima, Antoinette. "Language, Education and Socialization in Imġarr." Teżi tal-B. Ed. (Unuri), l-Università ta' Malta, 1987. Stampat.

Camilleri-Grima, Antoinette. "Diglossia. Variation on a theme." Comrie, Bernard, Ray Fabri, Elizabeth Hume, Manwel Mifsud, Thomas Stolz, u Martine Vanhove (ed.), *Introducing Maltese Linguistics*, 379, 91. Amsterdam u Philadelphia: John Benjamins. 2009. Stampat.

Cassar, Franciana. "Varjazzjoni djalettali fil-qasam lessikali tal-ħelu." Teżi tal-B.A. (Unuri), l-Università ta' Malta, 2013. Verżjoni diġitali.

Curmi, Edel u Marthese Debono. "Il-lessiku: differenzi djalettali f'qasam magħżul." Teżi tal-B.Ed. (Unuri), l-Università ta' Malta, 1997. Stampat.

Farrugia, Ruben. "Aspetti soċjolingwistiċi fid-djalett ta' Sannat u s-sistema vokalika tiegħu." Teżi tal-B.A. (Unuri), l-Università ta' Malta, 2010. Verżjoni diġitali.

Fenech, Edward. The Study of Maltese dialects in the past. Aquilina, Joseph u Benedikt S. J. Isserlin (ed.), *A survey of contemporary dialectal Maltese. Volume 1: Gozo*. Leeds: Publisher B.S.J. Isserlin, 1-32. 1981. Stampat.

Incorvaja, William. "Ix-Xlukkajr: Is-sistema vokalika u differenzi lessikali." Teżi tal-B.A. (Unuri), l-Università ta' Malta, 2007. Verżjoni diġitali.

Lanfranco, Guido. *Drawwiet u Tradizzjonijiet Maltin*. Malta: Pubblikazzjonijiet Indipendenza. 2012. Stampat.

Preca, Annibale. *Malta Cananea ossia investigazioni filologico-etimologiche nel linguaggio maltese*. Malta: Tipografia del Malta. 1904. Stampat.

Puech, Gilbert. "Les parlers maltais. Essai de phonologie polylectale." Teżi tad-Dottorat, l-Università ta' Lyons II, 1979. Stampat.

Rapa, Josette. "Il-lessiku: differenzi djalettali f'qasam magħżul." Teżi tal-B.Ed. (Unuri), l-Università ta' Malta, 1995. Stampat.

Said, Mary Joyce. "In-Naduri: Is-sistema vokalika u differenzi lessikali." Teżi tal-B.A. (Unuri), l-Università ta' Malta, 2007. Verżjoni diġitali.

Sammut, Frans. *Lexicon ta' Mikiel Anton Vassalli*. Malta: Sensiela Kotba Soċjalisti. 2002. Stampat.

Schabert, Peter. *Laut-und Formenlehra des Maltesischen anhand zweier Murdarten*. (Erlangen Studien 16). Erlangen: Palm Enke. 1976. Stampat.

Stumme, Hans. *Maltesiche Studien. Eine Sammlung prosaischer und poetischer Texte in malesis cher Sprache nebst Erlauterungen*. (Leipziger semitische Studien I, 4). Leipzig Hinrichs'sche Buchhandlung. 1904. Stampat.

Vanhove, Martine. La dialectologie maltais et son histoire, in: *Revue d'Ethnolingistique* (Cahiers du LACITO) 8, 171-191. 1999. Stampat.

Vassalli, Mikiel Anton. *Ktieb il-kliem Malti mfisser bil-Latin u bit-Taljan*. Ruma: A. Fulgoni. 1796. Stampat.

Vella, Alexandra. Languages and language varieties in Malta, in: *International Journal of Bilingual Education and Bilingualism*, DOI:10.1080/13670050.2012.716812, 1-21. 2012. Stampat.

Xerri, Raymond C. "Gozo in the world and the world in Gozo." Teżi tad-Dottorat, Europe-Australia Institute Victoria University of Technology, 2002. Stampat.

Xerri, J. "Deskrizzjoni tas-sitwazzjoni lingwistika fi skola primarja statali f'Għawdex." Teżi tal-B.Ed. (Unuri) l-Università ta' Malta, 2009. Verżjoni diġitali.

Xuereb, John. "A sociolinguistic analysis of select linguistic features in Gozo." Teżi tal-M.A., l-Università ta' Malta, 1996. Stampat.

# Il-Qabża Poetika Kunfidenti ta' Henry Holland
## Pinzellati ta' Natura Kritika dwar *L-Artist tat-Trapiż*

Olivia Borg

### Introduzzjoni

Henry Holland (t.1957) huwa wieħed mill-aktar awturi vibranti u inċiżivi li għandna. Il-ġabra ta' poeżiji *L-Artist tat-Trapiż*, ippubblikata fl-1996, tipproponi stil ġdid ta' kitba, tant li f'xi waqtiet donnha li l-lingwa informali tal-bar sabet ruħha fil-poeżija biex iġġeddidha. Adrian Grima jsostni li "Ix-xogħol li jimmarka l-bidu tal-mewġa l-ġdida fil-letteratura Maltija hija l-ġabra żgħira ta' poeżiji ta' Henry Holland, aktarx mhux daqshekk magħrufa, *L-Artist tat-Trapiż*" (Grima, *Maltese Literature – The New Writing*).

B'mod simplistiku, il-letteratura Maltija tinqasam f'żewġ epoki distinti: l-epoka ta' qabel l-Indipendenza, li kienet dominata mil-letteratura Romantika b'Dun Karm bħala l-esponent ewlieni, u l-epoka ta' wara l-Indipendenza, li rreaġixxiet għall-forom riġidi użati mill-epoka preċedenti u rreaġixxiet ukoll għall-idealizzazzjoni tan-nazzjon. Hemm ukoll din il-mewġa l-ġdida ta' awturi, b'numru sostanzjali minnhom nisa, li bdiet tagħmel ħoss fid-disgħinijiet u għadha tiffjorixxi, sew lokalment u anke internazzjonalment u qed tipproduċi letteratura rikka u kumplessa b'temi soċjali u anke b'influwenzi ta' kittieba Maltin li għexu barra. Naturalment, il-klassifikazzjoni hi biss mezz faċli kif aħna nispjegaw l-attività letterarja mgħoddija u preżenti u spiss ikun hemm ħafna ħoloq bejn kategorija u oħra.

Grima jsostni li f'din il-ġabra ta' Holland u anke f'poeżiji oħrajn tiegħu, il-qarrejja jsibu "vuċi letterarja li wieħed ma jistax ipoġġiha qalb dik tal-awturi stabbiliti" (Grima, *Maltese Literature – The New Writing*). Hija ġabra innovattiva b'vuċi friska, b'lingwaġġ sinċier waqt li fl-istess ħin mhux tas-soltu.

## Awtoskavi

Holland sikwit jiskava l-memorja biex isawwar awtoritratt. Fil-fatt, jispikka l-użu rikorrenti tal-ewwel persuna. Wieħed mill-preġji tal-poeżija tiegħu hu li tgħid dak li hu, anke jekk forsi hu dak li ma nixtiqux jew ma rridux nisimgħu. Fiha hemm bniedem jikwi bl-intensità emottiva li jħoss il-ħtieġa profonda li jagħti forma artistika lit-tiġrib biex forsi jasal biex jifhem u jaċċetta lilu nnifsu u jissaffa fi vjaġġ katartiku waqt li jkompli jissaħħaħ. Oliver Friggieri jisħaq li "Jekk il-letteratura hi mbiegħda mill-ħajja, hi aljenazzjoni li tissokta tkabbar il-problema tal-bniedem biex jifhem lilu nnifsu u d-dinja li ġie fiha" (Friggieri, *L-Idea tal-Letteratura* 6). Waħda minn dawn is-sitwazzjonijiet skomdi li jesprimi Holland huma l-biża' mill-mhux magħruf, sikwit simbolizzat mid-dlam jew mis-silenzju. Xhieda ewlenija ta' dan hi 'Corrida' li tieqaf ħabta u sabta biċ-ċiklist li madankollu ma jaqtax qalbu u jibqa' "jaqdef għal ġod-dlam" (Holland 1).

Holland jiġi wiċċ imb wiċċ mal-eżistenza u minflok jaħrabha, ironikament, jissaħħaħ spiritwalment u jsib il-kuraġġ biex jerfa' l-ankri u jkompli l-vjaġġ, anke meta ffaċċjat bir-realtà tal-mewt kif jidher f''Mentor' meta jpoġġi quddiemna l-protagonist li "Ħassu ħażin kien tiela' t-taraġ" (2) u jikteb "Ħtafnieh sew jien u xi tnejn oħra - / Għadni nħoss it-tregħid tremend / Ta' laħmu jirvella u l-karba mrażżna" (2). Bħal f'ħafna mix-xogħlijiet tiegħu, jirnexxilu joħroġ is-senswalità tal-kliem billi anke jnissel kliem ġdid meta pereżempju jgħid "U jbellahni kif kien kapaċi jerġa' jitteffel" (2) b'referenza għall-protagonist vulnerabbli, li bħal tifel, jiddependi minn ħaddieħor. Din is-saħħa interna tidher anke f''Infern' bil-poeta konxju li "se tasal, / is-sabta inevitabbli" iżda "Wara kollox / kollox hu xejn" u hu xorta waħda jħoss il-bżonn li jkompli "l-mixja għamja" (29). L-effett ewlieni li juri d-determinazzjoni tal-poeta jintlaħaq permezz tal-anadiplosi jiġifieri "ir-ritorn, fil-bidu ta' vers jew ta' frażi, lejn kelma li tagħlaq il-vers jew il-frażi ta' qabel" (Friggieri, *Dizzjunarju ta' Termini Letterarji* 43) u l-paradoss

jiġifieri "stqarrija li minn barra tidher kontradittorja, waqt li għandha sens li jorbot flimkien liż-żewġ elementi opposti" (540). L-istess saħħa tispikka wkoll f''L-Alla tas-Snuker' meta jikteb "U x'nagħmel Jien? / Nibki Jien? / Inċedilu le;" frażi li l-poeta jużaha anke bħala ritornell (Holland 22).

Lill-poeta, ir-realtà aħħarija tal-mewt la trażżan l-attitudni tiegħu u lanqas il-lingwaġġ li juża. Pereżempju, 'Kantiku *(Lil David)*' tiftaħ b'allużjoni impliċita għal 'The Collar' ta' George Herbert (1593-1633) li wkoll hija lment li ħiereġ mill-vuċi ta' ruħ li qed tiġġieled kontra r-restrizzjonijiet li jxekkluha.

*I struck the board and cried, "No more;*
*I will abroad!"*

Ma jistax isib sabar fi ħdan dawn ir-restrizzjonijiet li jikkaratterizzaw il-ħajja umana u għalhekk jiftaħ b'ġest drammatiku u anke b'sens ta' ftaħir u b'ton kollokjali għax lil dawn ir-restrizzjonijiet donnu rnexxielu, imqar għal ftit, jegħlibhom.

Xbajt u ddejjaqt!
Iffirmajt u tlaqt 'il barra – (Holland 24).

F'din il-poeżija kontinwament juża l-kelma "Glorja" biex jevoka dan is-sens ta' ħelsien.

U Glorja lil David,
Li llum ma marx skola, bħali,
U waqt li nilgħab miegħu, xħin ifettillu,
Iħares lejja u jinfexx jgħannaqni u jbusni,
Hekk, għalxejn b'xejn! (Holland 25).

Madankollu, hawn ifiġġ paradoss għax waqt li l-poeżija ta' Holland tipprovoka l-intellett, irid juri wkoll li m'għandux ikollna soluzzjoni għal dak kollu li jiġri u lanqas il-letteratura ma tinsab hemm biex toffri s-soluzzjonijiet. In-nuqqas ta' ideoloġija huwa preċiżament dak li jkisser ir-riġidità. Wara kollox "Jekk il-ħajja hi dinamika u kuntrastuża, hekk hi, jew għandha tkun, il-letteratura" (Ebejer ix).

Ħafna mill-personaġġi li jiffullaw dawn il-poeżiji huma proprju erwieħ

li sikwit għandhom kilba kbira biex jimlew il-vojt ta' qalbhom għalkemm, ironikament, donnhom li ma jsibu serħan imkien, lanqas f'Alla. Madankollu, ma jaqtgħux qalbhom u għax huma determinati, iħossuhom komdi "bla dmugħ" (Holland 29). Waħda minn dawn l-erwieħ mitlufa, li ħadd ma jaf biha, hija dik tal-poeta Irlandiż fil-poeżija bl-istess isem. Dan "Ma kienx, żgur, minn dawk il-famużi, tajbin" u daħal f'dan il-bar "b'ħarstu kiebja" iżda l-poeta stess jirrikonoxxi t-talent ta' din ir-ruħ modesta u kważi jgħir għall-ħila poetika ta' dan ir-raġel meta jikteb "Li kieku mhux għax xrobt kont naħlef / li fil-mera mtappna wiċċi ħdar" (18). Min-naħa l-oħra, il-kelma "ħdar" jista' jkun ukoll li hi traduzzjoni letterali ta' '*green*' jiġifieri 'mingħajr esperjenza.' L-idea wara din l-espressjoni ġejja mill-fatt li meta frotta tkun għadha ħadra, ifisser li mhix misjura. Jista' jkun li l-poeta, minkejja li kien xorob u f'moħħu kellu "tagħsida sħiħa," qed jagħraf kemm hu bla esperjenza u immatur meta mqabbel ma' dan il-poeta Irlandiż, anke għax iġġudikah mal-ewwel daqqa t'għajn (18). Din l-ambigwità fit-tifsir jissuġġeriha Holland stess bl-immaġni tal-"mera mtappna" li ma tirriproduċix dehra ċara u preċiża.

Il-poeżija li tagħti t-titlu lil din il-ġabra tixhed eżattament il-missjoni ta' Holland, dik li bħall-artist tat-trapiż jixtieq li "għal darba jtir!" (15). Jixtieq li [j]imraħ u [j]għanni mal-erbat irjieħ! (15). Jixtieq li jħaddem l-elastiċità tal-lingwa. Bħall-artist tat-trapiż, Holland hu dak li jirriskja u jiddubita qabel jieħu l-qabża finali.

Minkejja li dawn il-poeżiji spiss jieħdu l-forma djarjistika ta' rakkont ġewwieni u li biex tifhmu jrid ikollok il-privileġġ li tkun fuq ġewwa u anke ta' ġewwa, xorta għandhom dak l-element ta' universalità li jeħodhom lil hinn minn sempliċiment vrus konfessjonali ta' ħsus u ġrajjiet waqt li jibqgħu miftuħa għal għadd ta' interpretazzjonijiet.

## "Maal-ta! Maal-ta!"[1]

Fattur li jispikka ħafna fil-poeżija ta' Holland hu l-parodija u l-ironija bil-versi patrijottiċi tal-poeti tal-ġenerazzjonijiet preċedenti. Pereżempju, 'Déjà Vu' tiftaħ b'allużjoni espliċita għal 'Jum ir-Rebħ' ta' Rużar Briffa. Briffa jeħodna f'Marzu tal-

1 Kwotazzjoni meħuda mill-poeżija 'Déjà Vu' (Holland, *L-Artist tat-Trapiż* 12).

1945 meta Malta lagħbet kontra l-Hajduk Split, klabb Jugoslav, u ndaqq l-Innu Ingliż minflok l-Innu Malti. Holland ukoll jirreferi għall-partita li Malta lagħbet kontra l-Italja fis-6 ta' Diċembru tal-1986 meta dakinhar Malta tilfet "tnejn b'xejn" (12). Holland jagħmel anke referenza għall-qtil ta' Raymond Caruana fil-Gudja l-lejl ta' qabel u jfakkar b'sarkażmu li fid-19 ta' Diċembru 1992 Malta kienet se terġa' tilgħab kontra l-Italja iżda dakinhar xorta reġgħet tilfet bl-iskor ta' tnejn b'wieħed favur l-Italja. Donnu li Holland irid jgħid li bħala poplu, aħna dejjem kellna nbaxxu rasna għall-qawwa ta' ħaddieħor f'kull qasam bit-titlu ta' din il-poeżija jkompli jindika dan.

F''Jum ir-Rebħa' mbagħad jirreferi għall-firda li l-politika dejjem ġabet fostna waqt li jfakkar li "Aħna Maltin!" u b'element ta' dispjaċir jgħid "Illum neżlin ħerqana fit-triq li m'għadhiex tagħna" (11). Ir-rima interna f'dan il-vers tkompli turi x-xenqa tal-poeta għall-għaqda nazzjonali waqt li tkompli tenfasizza xenarju, li sfortunatament, għalkemm hu negattiv, hu realistiku għall-aħħar. Anke f''Każ Mentali,' il-poeta jikkritika l-ambjent Malti li hu mimli pretensjonijiet u li jekk tfittex li tkun int, tingħadd b'miġnun. Hekk ġralu l-protagonist f'din il-poeżija tant li sal-aħħar naqraw li "Ċemplu ta' Mount Carmel. Ġejjin għalih" (16). Hawn naraw li Holland uża l-korsiv bi skop; donnu biex jagħmel distinzjoni bejn ix-xewqa tiegħu li jirrenjaw l-oriġinalità u l-awtentiċità u r-realtà kiefra li toħnoq kulma hu differenti. L-idea jaċċenna għaliha wkoll Donata, "il-mazzarell żagħżugħ" li jistieden lil Gezzu, "il-brimba għaqlija" fil-ħrafa allegorika għall-kbar ta' Alfred Buttigieg bl-istess isem, biex jivvjaġġa miegħu 'l bogħod ħalli jkun jista' jwettaq il-ħolm tiegħu. Fi kliem Donata, "Imsejknin ħuti, m'għandhomx moħħ biex jiddubitaw. Għalhekk jibqgħu mwaħħlin mal-post fejn twieldu, irrassenjati li jtemmu ħajjithom f'xitwa qalila" (32). Gezzu "kien imsawwar b'għerf li seta' jgħollih mill-bqija ta' ħutu" (7) u bħal ħafna mill-vuċijiet preżenti fil-pinna ta' Holland "ma kellux ħajta fi lsienu" (9). Il-poeżija 'Każ Mentali' b'mod mill-aktar sinċier u b'ton ta' protesta tiġbor fiha l-problemi li mhux biss iħabbat wiċċu magħhom l-individwu kreattiv u b'inizjattiva iżda anke dawk li kultant qed tħabbat wiċċha magħhom il-letteratura Maltija, anke fi żmienna, li ssib min jordomha jekk tkun se xxellef difirha mal-*istatus quo*. Jista' jkun ukoll li din hi waħda mir-raġunijiet għaliex dan il-ktieb stess, qatt ma ngħata l-attenzjoni li tixraqlu.

Leħen oriġinali rrid insib. Jew niskot.
Mank fqir, itemtem jew beżgħan.
Ma rridx inżid mal-paroli mħaxxna
Bil-meraq tas-sentimentaliżmu rħis
Fuq patrija, reliġjon, lingwa (Ħaqq il-patrija!
Ħaqq ir-reliġjon! Ħaqq il-lingwa!); Kalandra
Tal-medjokrità u l-moraliżmu faċli; Stupru
Tal-verità mistura u l-ħsieb fittiex –
Aħjar kontradittorju, belhan, imħawwad,
Milli oraklu minn fuq xi sedja mbewqa
Bid-dud ifaqqas taħt il-verniċ tas-sofistrija
(Ħaqq il-Gvern! Ħaqq l-Oppożizzjoni! Ħaqq il-psewdo-
Intellettwali jippontifikaw fuq il-mezzi tal-komunikazzjoni!)
Espressjoni mneżżgħa mir-retorika tiegħi stess irrid:
[…]. (Holland 16).

Holland hu dak l-awtur "ġenwin" li ma jiġġilidx kontra ċ-ċensura iżda kontra l-irrilevanza, kontra dak li drajna u li għax drajnieh, iħallina indifferenti u jaqtgħalna l-għatx malajr. Holland hu d-differenti, ir-ribell persważ; "Ir-Rinnegat" kif tixhed il-poeżija bl-istess isem, li jirrifjuta l-konvenzjonalità u għalhekk ikanta "stunat" iżda jkollu jħallas prezz għal dan għax madwaru qed jisma' "Sebgħa u sebgħin leħen f'kor wieħed tarraxi: / 'Ġuda! Ġakbin! Viljakk!'" (31). Dawn il-versi huma mgħobbija bl-ironija għax fil-kuntest bibliku n-numru 77 ifisser perfezzjoni spiritwali, totalità jew kompletezza. Holland donnu jrid jistaqsi, min verament huwa l-ġenwin: hu, li "Fl-aħħar, Mill-aħħar" (Holland 31) u minkejja n-nuqqasijiet preżenti fih qed jagħmel l-almu tiegħu biex jibni relazzjoni ma' dan Alla jew l-oħrajn intolleranti li qed jiġġudikawh u jimbarrawh, sempliċiment għax differenti?

Imbagħad Pietru resaq lejh u qallu: "Mulej, xi kemm-il darba jrid jonqosni ħija biex jiena naħfirlu? Sa seba' darbiet?" "Ma ngħidlikx sa seba' darbiet," wieġbu Ġesù, "imma sa sebgħa u sebgħin darba." (Mt 18: 21-22).

F''Is-Salvatur,' ippubblikata fi *Ktieb għall-Ħruq* minn Inizjamed fl-2005, Holland jitkellem dwar il-Perit Mintoff u l-mit tiegħu u l-famuża distinzjoni li min mhux magħna kontra tagħna waqt li jorbot il-politika partiġġjana mad-

devozzjoni lejn is-santi ta' Kristu Redentur.

> Ziti ġibditni minn widinti. Imm'għala?
> Temmgħatli santa tar-Redentur:
> "Busu! Dak is-Salvatur!" (46).

Iz-zija tirrappreżenta l-istaġnar fil-fehmiet u toħnoq il-mistoqsija tat-tifel innoċenti li stagħġeb kif Mintoff m'għaddiex minn quddiem id-dar tagħhom. F'din il-poeżija titħaddem it-teknika tal-paronomasja; "l-effett tal-għażla ta' kelma li għandha żewġ tifsiriet differenti," teknika li hija aktar magħrufa bħala "*pun*" jew "logħob bil-kliem" (Friggieri, *Dizzjunarju ta' Termini Letterarji* 551). Il-kelma "Salvatur" tirreferi kemm għall-Perit Mintoff li twieled proprju fil-festa tas-Salvatur, nhar is-6 t'Awwissu 1916, u li kellu dan il-laqam għax kien qed jaħdem għall-ħelsien ta' Malta u allura kien meqjus bħala l-eroj tagħha u s-Salvatur tan-nazzjon kif ukoll għal Kristu li skont it-tagħlim Nisrani huwa s-Salvatur tad-dinja. Hawn insibu referenza anke għall-karattru ta' Mimì mid-dramm *L-Interdett taħt is-Sodda* ta' Clare Azzopardi li wkoll qed tistenna s-Salvatur, iżda din id-darba qed tistenna lil dak divin wara li f'ħajjitha appoġġjat lis-Salvatur uman u minħabba f'hekk spiċċat mingħajr ebda mezz ta' identifikazzjoni fuq qabarha.

F''Sirena,' bħal f'ħafna mill-poeżiji tiegħu, Holland juża vokabolarju multidimensjonali jiġifieri vokabolarju mgħobbi bit-toqol tat-tifsir u għalhekk miftuħ għal interpretazzjonijiet differenti. Bi frak ta' influwenzi tematiċi minn 'Lil Malta tal-Lum u ta' Għada' ta' Dun Karm, Holland isostni:

> Malta mara Alla jberikha,
> Fuq riġlejha godlin samma fir-raxx;
> B'id waħda l-libsa tross bejn kuxxtejha,
> Bl-oħra żżomm ħdejha 'l uliedha jilagħbu fil-baxx (9).

Għandna immaġni kunfliġġenti ta' Malta: fuq naħa Malta "Alla jberikha," Malta onesta u moralment tajba li "l-libsa tross bejn kuxxtejha" waqt li bl-id l-oħra "żżomm ħdejha 'l uliedha jilagħbu fil-baxx." Il-frażi "fil-baxx" tista' tinftiehem li Malta hi protettiva, qed tibża' għalihom għaliex il-baxx mhux perikoluż. Iżda

jinftiehem ukoll Malta hija statika, konformista, li "żżomm" lil uliedha għax hija l-omm possessiva li tinsab komda tara lil uliedha jinħlew fil-ħmerijiet jew jaqgħu fil-vulgarità.

Dan il-vokabolarju b'tifsiriet differenti li jinseġ il-poeżija f'armonija jwassal biex jinħolqu l-qarrejja impenjati; aspett imfittex ħafna mil-letteratura kontemporanja. Il-qarrejja jitħallew jaslu għall-konklużjonijiet waħidhom, l-interpretazzjoni tat-test miktub tkun soġġettiva u allura l-qari jsir esperjenza kreattiva għax it-test la hu fiss u lanqas magħluq (Micallef viii, xi).

## Il-Logħba Amoruża

Suġġetti li għall-poeti tradizzjonali kienu forma ta' ħarba, bħall-imħabba, hawn ifissru wġigħ jew ma jagħtu l-ebda sodisfazzjon. Holland jiddefamiljarizza l-immaġni u jirrendihom oriġinali. F''Ċiċri' ir-relazzjoni mas-sess oppost ukoll twassal għad-dubju għax tirriduċi r-relazzjoni f'logħba li tħalli lil waħda mill-partijiet inċerti meta jsostni "Sraqt tnejn fil-but - / Noffrihomlok għada" (4). F''Gotika' għandna l-poeta ddispjaċut li qatt ma rnexxielu jlaħħam din ir-relazzjoni u issa hemm biss "Friefet il-lejl fl-irkejjen ta' kamart[u]" li hi "kripta, kiesħa, kiesħa silġ!" (5). Għandna l-bniedem li jixtieq ireġġa' l-arloġġ lura ħalli jagħraf il-wiċċ "sfukat" (5).

Anke f''Il-Milied tal-Għażeb' il-ġuvni solitarju jgħaddi l-lejl tal-Milied jitqalleb, imtaqqal mill-mistoqsija "Żbaljajt?" meta jiġi wiċċ imb wiċċ mar-realtà ta' azzjonitu (6). Huwa jinsab "'Il bogħod mill-għagħa u l-ħamba tan-nies" u jakkumpanjawh hemm biss "il-konsenturi ta' mal-ħajt" (Holland 6). F''Il-Lezzjoni tal-Letteratura' Holland ifakkar lill-mara reżistenti għall-avvanzi tiegħu fid-"dud tal-qabar" (8) u għalhekk, b'allużjoni ċara għall-poeżija *carpe diem* jiġifieri poeżija li tħeġġeġ lil dak li jkun jgħix il-mument mingħajr ma jaħseb wisq fuq il-futur ta' Andrew Marvell (1621-1687) *To His Coy Mistress,* iħeġġiġha biex ma tirrifjutahx għax skontu, l-imħabba biss tgħinu jgawdi kemm kemm iż-żmien qasir li għandu fuq din l-art. Anke f''Forsi,' Holland isostni:

Li minkejja l-Mewt tħuf madwarek,
il-qtigħ il-qalb jherrilek
is-sinsla ta' dahrek, l-Imħabba kollox:
*'Nothing more, nothing less ... only Love.'*
(*Ktieb għall-Ħruq* 45).

F''Irdum,' Holland jenfasizza kemm iż-żmien jaf ikun wieħed mill-akbar għedewwa tal-bniedem. F'din il-poeżija, b'allużjoni forsi remota għal 'Żagħżugħ ta' Dejjem' ta' Dun Karm, jissaħħar bis-serenità fin-natura waqt li l-aktar li jaffaxxinah hu:

Il-mewġ iħaxwex it-taħnina antika
Ta' min qatt ma jixjieħ –
Tgħirux għalih; jekk għandkom ruħ,
Ħalluh! (13).

Holland jippreżentalna l-bniedem inċert, kontradittorju u impulsiv, forsi kultant anke kapriċċuż kif jidher minn 'Il-Ġarra':

Kull meta l-ġarra bdiet timtela,
Ma' kull xita nieżla qliel, darba fill;
Jew nieżla rxiex, xahar sħiħ;
Jew kull filgħodu, in-nida ...
Kont fis-sakra mejjet.

Issa l-ġarra tqila ġebel
U l-ilma ċar iddardar

Għandi l-għatx. (17).

Din il-poeżija hija mibnija fuq il-paradossi, il-kuntrasti jew l-opposti li ilhom jikkaratterizzaw il-bniedem sa mill-bidu tal-ħolqien għax meta l-poeta kellu l-ilma kollu għad-dispożizzjoni tiegħu, huwa ma kienx għatxan iżda kien imxebba'. Mill-banda l-oħra, malli l-ilma tħammeġ, simbolu anke tal-ħajja li mhux dejjem tidħqilna, il-poeta kien għatxan, xewqan għall-ħajja.

## Konklużjoni: Tentazzjoni Letterarja

Holland ma jikkonfoffax mas-silenzju u l-kompromess iżda hu parti mill-kuxjenza personali tiegħu u ta' ġensu u għalhekk dan il-ktieb jipprova jqanqal u jsaqsi. F'din il-ġabra, xejn mhu interpretat skont kriterji stabbiliti. Ħarsa lejn il-versi ħielsa u l-versi projettivi li jiddominaw dawn il-poeżiji hija biżżejjed biex wieħed jinduna b'dan. Barra minn hekk, Holland, l-awtur-kummentatur, jinqeda ħafna bin-nixxiegħa tal-kuxjenza fejn xejn mhu ovvju għax fil-mument li int taħseb li se taħfen ix-xogħol letterarju f'idejk, tinduna kemm kont żbaljat għax huwa proprju f'dak il-mument li jseħħ dak li ma kontx qed tistenna.

Għal xi qarrejja, l-esperimenti lingwistiċi u letterarji ta' Holland jafu jdarrsu jew jinħassu eċċessivi għaliex sikwit nippretendu li l-funzjoni tal-letteratura hija moralistika jew didattika u mhux kontestatorja jew interrogattiva. Għaliex f'ħajjitna, il-ġdid, id-differenti, dejjem iħassibna u jinkwetana. Holland stess hu konxju minn dan meta jistaqsi lili u lilek "kif ma nħsadtx?" (Holland 26). Fl-aħħar mill-aħħar, letteratura li ma tħassibniex b'dak li tgħid u bil-mod kif tgħidu, x'rilevanza u x'valur għandha? Naturalment, ma jfissirx li dak kollu li hu ġdid u rivoluzzjonarju huwa tajjeb. Ifisser li letteratura tajba trid tfittex dak li hu ġdid billi tkun hi. Għal Holland m'hemmx definizzjoni fissa tal-lingwa letterarja Maltija imma hemm bosta possibbiltajiet li hu jesplora u li faċilment iġibu rivoluzzjoni fis-suġġett stabbilit. B'rabta ma' dan, Julia Kristeva (t.1941) tistqarr li "*The text is a practice that could be compared to political revolution: the one brings about in the subject what the other introduces into society*" (17). Huma poeżiji li jiġbdu l-attenzjoni tagħna lejn il-lingwa, lejn is-sbuħija tal-kliem f'relazzjonijiet sorprendenti u lejn ħsejjes li jdoqqu għal widnejna.

Din hija letteratura li tattira u dan ifakkarna f'dak li jgħid iċ-Ċilen Luis Sepúlveda (t.1949) li "Ma tista' tagħmel xejn fil-letteratura jekk ma titlaqx mill-premessa fundamentali li tikteb biex tisseduċi lill-qarrejja" (36). F'dan is-sens pożittiv, tisseduċi tfisser li twaqqagħna għat-tentazzjoni li tipprovoka l-ħsieb, li tistaqsi "GĦALIEX?" u tkompli tisħaq fuq "dil-mistoqsija li titlajja / Sakemm għaddejja l-ġrajja" (19).

## Biblijografija


Buttigieg, Alfred. *Gezzu.* It-2ni ediz. Malta: Klabb Kotba Maltin, 2010. Stampat.

Ebejer, Francis. "It-Turġien tal-Poeżija". *Turġien*. Ta' Rena Balzan et al. Malta: Gulf, 1983. ix-x. Stampat.

Friggieri, Oliver. *L-Idea tal-Letteratura*. Malta: Bugelli, 1986. Stampat.

Friggieri, Oliver. *Dizzjunarju ta' Termini Letterarji*. It-3et ediz. Malta: PEG, 2000. Stampat.

Grima, Adrian, ed. *Ktieb għall-Ħruq*. Malta: Inizjamed, 2005. 45. Stampat.

Grima, Adrian. "Maltese Literature – The New Writing." *The Drunken Boat* 7.3-4 (ħarifa/xitwa 2007). Internet. 27.12.13.

Herbert, George. "The Collar." *Poets.org. Academy of American Poets.* Internet. 2.1.14.

Holland, Henry. *L-Artist tat-Trapiż.* Malta: Gutenberg Press, 1996. Stampat.

Kristeva, Julia. *Revolution in Poetic Language*. Trad. Margaret Waller. New York: Columbia University Press, 1984. Stampat.

Micallef, Bernard. "s-Sensibilità Femminili bħala Djalogu mal-Ieħor". *Iżda Mhux Biss.* Ta' Maria Grech Ganado. Ed. Toni Cortis. Malta: Printwell, 1999. vii-xxxvii. Stampat.

Sant, Karm. *Il-Bibbja.* It-2ni ediz. Malta: Għaqda Biblika Maltija, 1996. Stampata.

Sepúlveda, Luis. *Raccontare, Resistere. Conversazioni con Bruno Arpaia.* Parma: Guanda, 2002. Stampat.

# John Cremona: Poeta li Jfittex iċ-Ċarezza

Charles Briffa

## It-Tliet Fażijiet tal-Poeta

Il-karriera poetika ta' John Cremona (t. 1918) tinqasam fi tliet fażijiet. Il-fażi Taljana meta, qabel il-Gwerra, kien jikteb il-poeżiji bit-Taljan: meta tkellem fuq din il-fażi, Peter Serracino Inglott qal li mill-bidu Cremona kellu xejriet moderni.[1] It-tieni fażi hija dik Ingliża li tinfirex fuq l-aħħar sitt diċennji tas-seklu 20; f'din il-fażi kiteb biss poeżiji bl-Ingliż u meta eżamina din il-fażi, Serracino Inglott ma qagħadx ilaqlaq meta ddikjara lil Cremona bħala l-aktar poeta Malti li jikteb tajjeb bl-Ingliż.[2] It-tielet fażi hija l-fażi tal-Malti: fil-bidu tas-seklu 21 qiegħed jikteb bil-Malti. Serracino Inglott kien ilu jgħidlu sabiex jipprova jikteb bil-Malti, imma Cremona kellu jistenna għal waqt intimu li ġie wara l-mewt tal-għażiża martu.[3]

1 Ara l-introduzzjoni għal *Mas-Sebħ Għasafar*, p.5: "John Cremona kien diġà kiteb poeżiji (bit-Taljan) li fihom wera li kien assimila r-rivoluzzjoni teknika tal-età moderna, mingħajr qatt ma tilef il-mużikalità li minn dejjem kienet il-qofol tal-versi tradizzjonali jew waqa' f'eżerċizzi purament ċerebrali."

2 Ara l-introduzzjoni ta' *Malta Malta*, p.vii: "the Maltese poet who has written most successfully in English."

3 Cremona ħareġ ukoll ġabra bit-tliet lingwi: *Poesie, Poems, Poeżiji* (2009).

## Xi Prinċipji tal-Poeżija Moderna

L-Ewwel Gwerra Dinjija ġabet qasma kulturali fl-esperjenza ta' bosta Ewropej, għax biddlet darba għal dejjem il-mod kif dawn kienu jaraw lilhom infushom, lil għajrhom, u l-forom ta' setgħa kollettiva li kienet taffettwa d-dimensjonijiet intimi tal-ħajja. Parti minn din il-bidla kienet li l-għajn kulturali dawret il-ħarsa tagħha mill-kollettività (eż. ekonomija u rikostruzzjoni) għall-individwalità (eż. relazzjonijiet personali bejn is-sessi). Cremona huwa prodott ta' din il-bidla u jibda l-karriera poetika tiegħu f'deċennju ppolitiċizzat u l-poeżiji li kiteb dik il-ħabta kellhom diġà t-togħma u l-bixra tal-moderniżmu kif normalment jinftiehem hawn Malta.

Serracino Inglott fis-sittinijiet analizza fid-dettall il-poeżiji ta' Cremona, u attribwielu l-bidu tal-poeżija moderna f'Malta wara li eżamina l-poeżija 'Mezzanotte' (1933) miktuba bit-Taljan. Jgħid: "Kienet din – għandi naħseb – l-ewwel poeżija moderna li nkitbet minn Malti" (*Ekwinozju* 10). Imbagħad fl-aħħar isejjaħlu "l-missier tal-poeżija moderna f'Malta" (23). Interessanti li Serracino Inglott jgħid "f'Malta" u mhux "bil-Malti" biex ħadd ma jaħseb li Cremona fit-tletinijiet kien jikteb bil-Malti.[4]

Fil-poeżija ta' Cremona nsibu, fost oħrajn, it-tliet prinċipji mxandra minn Ezra Pound bħala karatteristiċi tal-poeżija l-ġdida tal-ewwel deċennji tas-seklu 20. Fil-*Poesie, Poems, Poeżiji* nsibu trattament dirett tas-suġġett (ara, b'eżempju, l-għanqud poetiku ta' seba' xogħlijiet li semmieh 'Il-Poeżiji ta' Beatrice'), ekonomija ta' kliem (bħal, ngħidu aħna, f''The Little Things' fejn kull kelma tagħmel xi ħaġa), u sekwenza ritmika (bħalma nsibu f''La Vecchia Casa' fejn ir-ritmu jiċċarġja l-lingwa b'intensità emozzjonali). Dawn il-karatteristiċi huma parti mit-teknika tiegħu li kien iħaddem fit-tletinijiet u għadu jħaddem sal-lum, għax il-moderniżmu mġedded għadu jsibhom konvenjenti.

## Ir-Relazzjoni mad-Dinja

Għal Cremona l-poeżija hija mezz li bih jegħleb esperjenza. Ir-realtà umana tikxiflu l-eżistenza, u hu jaħtaf dik il-kixfa fil-lingwa ekonomika tal-poeżija.

4 Allura l-mistoqsija tiġi waħedha: min kiteb l-ewwel poeżiji moderni bil-Malti? Din il-mistoqsija titlob riċerka għaqlija sabiex kulħadd jieħu postu, speċjalment poeti bħal Rużar Briffa (1906-1963) u Wallace P. Gulia (1926-2000).

Għandu fiduċja sħiħa fil-poeżija. Jemmen fil-potenzjal tal-poeżija u jafda fiha għall-interpretazzjoni tal-esperjenzi. It-tifkiriet (f'*Poesie, Poems, Poeżiji*) jimlew il-poeżiji sax-xifer b'assoċjazzjonijiet miżjuda u b'lingwa figurattiva li tibni realtà interna. Għax Cremona jiddependi ħafna fuq il-lingwa figurattiva fil-proċess ta' retifikazzjoni tal-esperjenzi.

Il-poeta jħossu meħtieġ fir-relazzjoni mad-dinja. Ngħidu aħna, f''Ħanut tal-Kotba Użati, Richmond', jagħti ħajja lix-"xwejħa tas-soltu": fin-narrattiva tiegħu juri kif f'dan il-ħanut it-tnejn li huma kienu jinjoraw lil xulxin imma mbagħad żviluppaw relazzjoni ħiemda li wasslitu jifhem ftit il-ħajja privata tagħha. Il-poeta jħossu essenzjali fir-relazzjoni ta' dak li ħoloq hu, u dak li joħloq hu jiġi mid-dinja ta' madwaru. Bil-poeżija (li lix-xwejħa tatha ħajja), Cremona bena l-wisa' bejn l-ewwel persuna singular u x-xwejħa: ingaġġa ruħu f'att ta' komunikazzjoni. U f'għajnejh, ħaġa żgħira kibret f'monument ('The Little Things') li qanqal biċċiet ta' lingwa li saru "*frozen marble statues/ in a locked corridor*." L-interpretazzjoni ta' esperjenza ssir tifsira solitarja għax kull ħsieb huwa frott tal-perspettiva tiegħu: kull proċess komunikattiv huwa att individwali ta' interpretazzjoni u l-poeżija ssir donnha "*the persistent echo*" li jibqa' jidwi f'lok solitarju ('lone corridor').

Semmejt in-narrattiva għax fil-konċiżjoni ta' kitbietu Cremona jirrakkonta ġrajjiet bħal dik tal-kelb mejjet "*in a knotted sack*" midfun f'"*shapeless hole*" ('Requiem for a Dog'). Dawn iż-żewġ frażijiet jagħtuna dehra tar-rispett li bih indifen il-kelb li jqum minn qabru biex fl-ispirtu tal-ħaġar tal-Imnajdra jintilef fil-baħħ tal-baħar fi tmiem il-jum. Fi Cremona rridu nidraw insibu l-ħafna fil-ftit.

Fost it-temi frekwenti ta' Cremona nsibu l-mara u l-mewt. 'In Morte di Donna' tgħaqqadhom flimkien dawn iż-żewġ temi. Il-mewt ta' mara ġġib qerda ta' ġmiel ħaj. Ġmiel il-mara jitfisser fil-ħajja mimlija ħsejjes u movimenti li jqanqlu l-fantasija li tħaddan sħaħar jixegħlu u jtiru. Imma meta x-xemgħa tintefa, il-ġmiel isir vittma tal-waqfien u tal-ħemda bħal nixxiegħa sigrieta taħt l-art. Il-kuntrast bejn il-ħeġġa, il-ħsejjes, u d-dawl fil-ħajja u l-waqfien, il-ħemda, u l-ħabi tal-mewt jgħaddina (lilna l-qarrejja) minn tqanqil ħaj ta' fantasija għal tifi ta' ħajja f'dak li jsir moħbi. Il-memorji li jħufu 'l barra mill-"*earth cubicle*" ('The Little Things') isiru "*odd phrases*" li hu (li għadu ħaj) iqishom monumenti. Imkeffna "*in un canto nascosto*", il-mejta ma tisma' xejn.

Lanqas il-kelb fidil li jmut ma jisma', avolja l-poeta jrid jibqa' jsejjaħlu: "*and I called you by name and/you did not hear*" ('Requiem for a Dog') għax il-mewt tneżża' l-identità ta' dak li jkun. Però, fil-mewt ta' ħaddieħor jagħraf il-limiti tiegħu nnifsu ("*the last/limits of me*").

## Espożizzjoni u Simboliżmu

Il-poeżija moderna tiddependi fuq l-esperjenza, l-istantanjetà, u l-partikularità u mhux wisq fuq l-astratt. Il-poeżija ta' Cremona tevita l-astratt u tiffavorixxi l-partikularità tal-ħajja umana; u spiss jinqeda bil-forom tal-vers ħieles. Fl-istil tal-imaġiżmu, Cremona (f'*Ekwinozju*) mhux jitkellem fuq esperjenza tas-sensi imma jagħżel li jippreżentaha quddiemna. Wara 'Kedda', 'Salvu', u 'Ir-Ramla l-Ħamra' kollha jimxu mal-metodu imaġista li jippromwovi xbieha bħala l-qofol tal-poeżija. Cremona jfittex iċ-ċarezza fl-espressjoni billi jinqeda bi xbihat preċiżi bħala elementi bażiċi.

F''Wara Kedda', poeżija qasira ta' erba' versi, iqiegħed ħdejn xulxin ir-rabja u l-maternità. Ix-xbieha ċentrali hija tal-poeta rrabjat li jiltaqa' ma' qattusa kuntenta tredda' lill-frieħ tagħha fix-xemx. L-interpretazzjoni ta' din il-poeżija ddur fuq il-frażi "b'xortija" li tagħti problema lit-traduttur. Għax jekk bil-frażi "b'xortija" aħna nifhmu "kont ixxurtjat li rajt lill-qattusa tredda'", din il-poeżija qasira ddawwar enerġija negattiva f'esperjenza pożittiva u ottimista; jiġifieri, ir-rabja umana tixxejjen mad-dehra tal-annimal jieħu ħsieb lill-frieħ tiegħu. Imma, jekk il-frażi "b'xortija" ninterpretawha b'mod sarkastiku, allura t-tifsira tal-poeżija tinbidel għax tpoġġi l-umanità f'qagħda redikola li tgħid: "Ara daqsxejn, il-bniedem irrabjat u l-annimal kuntent" – u din tkun sitwazzjoni li tkattar il-qagħda ta' kedda fil-poeta.

Bosta drabi Cremona jitkellem fuqu nnifsu. Il-poeżiji tiegħu, għalhekk, huma mimlijin b'sentimenti personali u Serracino Inglott, minħabba f'hekk, ilaqqam il-poeżija ta' Cremona "awtobijografija lirika". Forsi kien ikun aktar jixraq li jsejħilha "ħatfiet liriċi ta' awtoritrattist" għax m'hemmx narrattiva kontinwa ta' personalità u lanqas ma hemm xi preżentazzjoni sistematika tal-karattru ta' Cremona. Dawn il-ħatfiet jew dehriet liriċi (mgħobbijin kultant b'xi stqarrija) joħolqu muntaġġ li kull biċċa fih tkun awtonoma u ma toffri ebda stennija.

Imma mbagħad meta naqraw il-ġabra sħiħa, ix-xogħol jidher b'tiżwiqa ta' esperjenzi differenti li jagħmlu sens, ukoll meta naqraw poeżiji li jużaw il-ġustapożizzjonijiet anakronistiċi bħal 'Il-Ballata ta' Via Margutta', 'O Venezia Venezia', u 'Ittra lil Heimo Kremsmayer'. B'mod ġenerali nistgħu ngħidu li l-poeta – minkejja li jgħabbi l-versi tiegħu b'ħafna sentimenti personali – jikkontrolla t-tbaqbiq tal-impenn personali għal xi sentiment, għax jippreferi l-kalmezza li b'mod umli jżejjinha bil-qawwa deskrittiva tiegħu. Fid-deskrizzjonijiet tiegħu juża lingwa konċiża ħafna u dan il-fattur jgħinu biex iżid il-kalmezza, il-kontroll, u s-sabar. U hekk ir-rażan emozzjonali jbiegħed is-sentimentaliżmu. Imma nħoss li fil-versi tiegħu hemm titnikker traċċa ta' Romantiċiżmu Ingliż l-aktar fl-għadd ta' poeżiji ddedikati lil Beatrice.

It-tqabbil deskrittiv li juża Cremona jiġbed l-attenzjoni tal-qarrejja għall-kuntest jew għat-tema. F''Ħaġar Qim', pereżempju, l-art tidher bħala "omm qadima" tilheġ "bħal sider ħaj"; f''Imriegħda l-Korda' l-korda tivvibra u tippenetra r-ruħ "bħal vleġġa/xemx tikwi"; f''Ġiżirana tal-Kristall' it-tifkiriet isiru ġiżirana li tifni lill-bniedem; u f''Il-Loġoġ Trasparenti tal-Memorja' t-tifkira ta' martu tinħall f'demmu "bħall-melħ ġol-ilma baħar". Cremona huwa immaġinattiv, perċettiv, u ma tobsorx biex ikun ħiereġ. Jivvinta dan it-tqabbil deskrittiv minn dak kollu li jara f'ħajtu u jilmaħ fir-relazzjonijiet tiegħu; u dan biex joħloq impressjonijiet li jrid jesebixxi fil-pubbliku. Ma joqgħodx jirrifletti fuq l-analoġiji imma jinkludihom donnhom minn dejjem kienu hemm, parti minn ħajtu.

It-tnikkir Romantiku fi Cremona jidher fil-ħarbiet li jagħmel fil-poeżiji meta jesponi t-tifkiriet ta' żgħożitu f'Ruma mal-ħbieb li kellu u tar-relazzjoni li kellu ma' martu l-maħbuba. It-tifkiriet għalih isiru ħarba miż-żmien kontemporanju. Imma l-poeżiji tiegħu jippreżentaw perċezzjonijiet u qagħdiet mentali ta' waqtiet partikolari, u b'hekk iħaddnu r-realtà. Ma' dan inżidu ngħidu li Cremona għandu tendenza li jfittex il-valuri f'esperjenzi partikolari. F''Ittra Tixgħel minn Ġewwa' hemm ċerta onestà kalma waqt li jgħid lil ibnu li x-xjuħija xorta trid tħabbat wiċċha mar-realtà avolja tixxennaq għal dawk it-tifkiriet sbieħ fuq il-ħbieb tal-imgħoddi. Din il-kwalità ta' sinċerità tolqotna ħafna fil-poeżiji għal Beatrice u fl-użu spiss ta' xbihat li jintrabtu ma' xulxin tas-sebħ, tas-sema, tax-xemx, tal-baħar, u tal-wiċċ – kollha jagħtihom effetti speċjali.

Bħala poeta u awtoritrattist, Cremona jikxef ruħu biex jgħidilna min hu, mhux x'għamel. U s-sinċerità tgħinu biex jiżgiċċa min-narċisiżmu u fl-istess

waqt ma jħallix l-awtoritratt isir xi miżbla kulturali ta' żmienu. Mhux dak li jiddiskuti, imma dak li jkollu jħabbat wiċċu miegħu li huwa importanti: bħall-intimità, il-ħbiberija, l-imħabba, u l-eżistenza. U dak li jitfaċċa minn dan kollu huwa l-individwu modern, kultant waħdu, imma mdawwar bil-kultura komuni li fil-qalba tagħha toffri stabbiltà u sensibbiltà. Ir-referenzi spissi għas-sema, ngħidu aħna, (f'poeżiji bħal 'Sema u Ilma', 'Sabiħa kontra s-Swied', 'L-Ikħal tas-Sema', 'Dijadema, u Ilma Ġieri fir-Ramel') huma interessanti għax is-sema jassumi funzjoni poetika: isir simbolu ta' għarfien. Il-poeta jpoġġi l-esperjenzi u l-kisbiet tiegħu kontra s-sema jarahom qishom aspirazzjonijiet umani. U permezz tax-xemx, jitfaċċaw ir-realtà u l-verità fuq in-natura umana u fuq id-dinja – u jekk ikun hemm xi illużjoni, tgħib. Bit-tidwil tax-xemx il-poeta jiffaċċja lilu nnifsu. (Tista' x-xemx, anke simbolikament, tikxef il-misteri tal-ħajja?) Ix-xemx tqawwilu l-perċezzjoni għal-limitazzjonijiet tiegħu u tipprovdilu t-tama, anke jekk din it-tama kultant tidher fraġli ('Ibqa' Żagħżugħa').

Is-simboliżmu huwa fattur sinifikanti fil-moderniżmu, u f''Ekwinozju' s-simboli jassumu rwol tematiku. Ma jitħallewx fl-astratt imma l-funzjoni tagħhom hija li jagħġnu l-ġeografija mal-istorja u n-natura. L-ideat magħsura fil-"Lvant imkebbes" jintrabtu mad-dinja fiżika (id-dawl jiġi mil-Lvant għax minn hemm titla' x-xemx) u mal-firxa storika (il-vjaġġi lejn il-Lvant kienu tiftix għal tidwil kulturali). Simbolikament il-Lvant jirrappreżenta l-ispiritwalità, l-għerf, il-ħajja kontemplattiva, u l-metafiżika. Bħall-bidu tad-dawl, il-Lvant jikkorrispondi mar-rebbiegħa: id-dehra tal-ġid ("jikber qamħ u silla", "l-mara l-kbira", "l-ħolqien kollu", "sidirha jfur"). L-ekwinozju (dak iż-żmien meta l-jum u l-lejl ikunu ndaqs), għalhekk, jingħaqad mal-prinċipju femminili u s-sider isir simbolu ta' maternità ("ħolqien"), kumdità ("ħanin"), sigurtà ("mrekken"), u ġid ("jfur"). Jiżviluppa fil-kult Malti tal-mara l-kbira, b'forma kbira, u fattizzi kbar. U allura l-ekwinozju li jġib ir-rebbiegħa jirrappreżenta t-twaħħid tat-tidwil mal-fertilità f'ambjent Malti.

## Poeżija Ħabrieka

F'poeta, vera, dejjem hemm ħafna x'tiskopri. Il-poeżija 'Il-Kantiku tax-Xagħra' hija poeżija li (biex nissellef kliem Nietzsche) ma tagħtix fatti imma

interpretazzjoni għax il-ħsieb – kull ħsieb – huwa għamla ta' perspettiva. Hija poeżija b'perspettiva interna għax tinvolvi l-ħsieb u s-sentiment fil-fokalizzazzjoni tagħha. Pereżempju, fil-perspettiva tiegħu l-Belt hija ħaġa ħajja li tfittex li "tiftaħ qalbha" ma' xi ħaġa li mhijiex hemm: il-ħerqa għas-sinċerità tixxekkel bin-nuqqas ta' xi ħadd. F'għajnejh il-kwiekeb jarahom itaqqbu l-lejl "b'timplor tal-fidda" – dik il-kelma "fidda" hija prezzjuża għalih għax twasslu biex jagħraf li l-bidliet tan-natura ma jġibu ebda firda. F'moħħu Marsaxlokk isir "xatt joffri l-ilwien", il-Ġnien tal-Milorda "riħa ta' għodwa fuq/ wiċċ il-ħamrija", is-sema f'Sant'Anton jidher "liżar/ stirat imperreċ/għax-xemx", ir-raħal mimli "djar jitgezzu flimkien", u Ħal Tarxien "ikkonsagrat fiż-żmien". Id-dehriet joħorġu mill-konxju tal-poeta u jġagħluna niffokaw fuqhom.

U fuq l-iskrin tal-perspettiva tiegħu nilmaħ poeżija li tħabrek ġmielha fil-ħsieb tat-tfulija – ħsieb li jikxiflu ruħu. Għax xi tfisser li jkollok bniedem xiħ (Cremona twieled fl-1918) b'perspettiva fuq it-tfulija? F'din il-ġabra nsibu poeżija ffullata bit-tfal: subien "inaqqru b'subgħajn ħfief/ ċiċri minn qatta"; "tfal żgħar/ jilagħbu bil-ballun"; "Tifla/ tiġri glorjuża b'bajda"; "Tfal żgħar jilagħbu l-passju"; "tifel b'xemgħa f'idu"; "il-kurżità tat-tfal"; "Tfal/ jiġru jwerżqu" f'Sant'Anton; it-tfal joħorġu l-pasturi; tifel jiġri fix-xita b'enerġija li jaħsad lill-bankina; il-logħob tat-tfal fil-baħar. U daqqa jitkellem fuq tfulitu mal-ħamrija (hu tifel), fuq ħuh ċkejken tarbija (hu ħu xi ħadd), kultant fuq ir-rigali kbar u rari ta' bintu ċkejkna (hu missier), u drabi oħra fuq ulied uliedu (hu nannu). Insib 'il fuq minn għoxrin referenza diretta għat-tfal jew għat-tfulija f'din il-ġabra. Fil-perspettiva tiegħu t-tfulija tidher għandha "dawl tari" u "bla tifkiriet il-ħajja" u ħafna minn dak li se ngħid fuq enerġija u ħajja fit-tfulija huwa magħsur fil-poeżija tiegħu ta' definizzjoni 'It-Tfulija'.

It-tfulija normalment hija simbolu tal-futur u x-xjuħija tissinjifika l-passat. Imma t-tfulija hija wkoll simbolika ta' dak l-istadju tal-ħajja meta x-xiħ ikun trasformat u jikseb sempliċità ġdida. Il-kunċett tat-tfulija f'din il-poeżija ħafifa donnu xi ċentru mistiku: donnu xi qawwa ta' qawmien żagħżugħ. L-enerġija poetika hija (b'assoċjazzjoni) bħall-ħeġġa ta' tfal ħafjin li "qabel itellqu" f'Diċembru arahom "jonfħu/ nifs sħun ġo ponn magħluq" u minkejja l-"Grigal ġo wiċċhom" li jqanfdilhom xagħarhom ħaddejhom isiru "vampa nar bl-għajta tat-tluq". Il-ġustapożizzjoni ta' Diċembru (simbolu tax-xjuħija)

mal-enerġija sħuna tat-tfulija tikxef aspett ta' ruħ ta' tifel erojku lest li jillibera lid-dinja minn xi mostru. Huwa tlaqqigħ li jtellagħna mill-individwu għall-kollettività u jistaqsi għaliex il-ħeġġa tat-tfulija m'għandhiex tibqa' fix-xjuħija?

It-tfulija tisfida lir-riħ u l-poeta jerġa' f'post ieħor idaħħal it-tfulija f'ambjent ta'riħ: "ir-riħ itellaq/mas-subien fil-pjazza" u fl-istess poeżija nsibu "żewġ subien żgħar" li jistkennu wara ħajt (jiġifieri, jinjoraw ir-riħ) ħalli jżeffnu ballun "fuq il-ponta mittiekla/ta' żarbun". Ir-riħ jaħdem fuq l-adulti (jimbotta "żewġ sorijiet/ jaqsmu") imma mat-tfal irid jikkompeti ("itellaq/ mas-subien"). Ir-riħ huwa arja attiva u kultant vjolenti (Grigal), u bħala arja attiva jiġi assoċjat man-nifs kreattiv – fil-ħsieb bikri ta' niesna tinsab rabta (kważi spiritwali) bejn *riħ* u *ruħ*. Jiġifieri, ir-riħ huwa kkreditat bil-qawwa ta' riġenerazzjoni u fertilità, u allura meta l-poeta jassoċjah mal-enerġija tat-tfal ikun hemm kompatibbiltà bejn it-tfulija u r-riħ. Għax hemm qawwa fit-tfulija. Biżżejjed kelba tħares "b'ħarsa/ waħda biss/t'għajnejn tifla raħlija" ħalli tiġbed qalb il-bniedem. It-tfal fi Cremona jidhru qawwa formattiva tal-inkonxju li jrid ikun attiv u (forsi) protettiv.

Fil-poeżija tiegħu jfittex li jkun hu nnifsu: l-anzjan li jħobb it-tfulija u lil martu mejta, u jixtieq iżomm il-memorja ta' dawn it-tnejn ħajja f'qalbu. It-tfulija u martu huma esperjenzi li għadda minnhom u meta llum, tal-età tiegħu, jixref ġo fih innifsu jsib xenqa kbira li jqajjem l-imgħoddi. Imma f'din il-ġabra mhux l-esperjenzi biss jurina imma l-kwalità wkoll ta' dawn l-esperjenzi hu u jikteb fuq il-ħajja personali u kontemporanja u fuq dak li jogħġbu u li jinteressah. U f'dan it-tiġrib isib il-lingwa biex iwassal l-esperjenzi: irrid ngħid, togħġbu l-lingwa u jilgħab bil-possibiltajiet tagħha ħa jgħaddilna dak li jrid.

Il-poeżija tiegħu, għalhekk, hija ftuħ għall-esperjenzi. Jinqeda bil-poeżija mhux biss biex jagħmel sens mill-esperjenzi tiegħu imma l-aktar bħala mezz biex jinfetaħ għall-esperjenza. U aħna naqrawh biex naraw xi tkun għamlitu lill-poeta l-esperjenza. Nieħdu l-poeżija 'Rabta'. Qed jitkellem fuq xi ħaġa astratta (ir-relazzjoni tiegħu ma' martu u wliedu) permezz ta' deskrizzjoni. Ma *jgħidilniex* x'kienet tfisser għalih din ir-rabta, imma *jurina* x'kienet tfisser: "int jien u t-tlett itfal/żgħar għadhom qriemeċ" imdawrin b'ambjent sielem u sempliċi b'Karmnu "jixwi l-vopi", "Kemmuna bix-xemx fuqha", u l-"Fliegu mimli". Ħarġu jimxu "taħt sema wiesa'" u bir-riħ f'wiċċhom. U f'dan l-ambjent ir-rabta ssir soda u dan il-fattur jispjegah bħala aqwa minn dik ir-rabta li t-tiben ikollu mal-ħamrija.

Bid-dehriet li jagħtina jħalli l-poeżija tgħidilna dak li trid hi – u meta jurina (flok jgħidilna) ikun qed jirrispetta l-intelliġenza tagħna. Il-poeżija tiegħu hija għalhekk, fl-istess ħin, esplorazzjoni jew tiftixa aktar minn xi opportunità biex jivversifika xi ħaġa li nafu diġà. U min-naħa tagħna l-poeżija rridu niskopruha. Cremona jagħġinha b'mod għaqli u bis-sengħa bħalma jagħmel, pereżempju, fil-bidu ta' 'Rabta': l-ewwel żewġ kelmiet ("Konna morna") mill-ewwel juru l-għaqda u l-poeta jaf li aħna se nifhmuhom hekk.

Bosta minn dawn il-poeżiji (li bihom Cremona jesplora l-immaġinazzjoni tiegħu) jiġbduna lejn punt fokali (eż. 'Għalqa Mibnija', 'Tfal Wara l-Għawm',' Weraq f'Ħawt') u jagħtu tiżwiqa ta' ħlewwa u tenerezza u qawwa fir-riflessjoni tiegħu. Kultant inħoss li l-poeżija tiegħu hija ċelebrazzjoni ta' relazzjoni ma' martu. Fl-interpretazzjoni tiegħi wkoll insib tifsir ta' solitudni mxerred f'diversi postijiet, u meta t-tifsir jinġema' u jitlaqqa', jitfaċċa stil mentali ta' poeta b'sentiment intensiv li jeħtieġ il-kreattività u li jaf kif jinnormalizza l-esperjenza. F'idejh il-poeżija ssir esplorazzjoni jew att ta' sejbien b'ħila li jwassal id-dettall fil-qosor u jħalli l-figurattiv jitkellem permezz tad-dettall.

## Wirt

Il-moderniżmu poetiku – li kien suċċess bħala revoluzzjoni – għadu jinfluwenza l-kitba letterarja. Għadu jiġbed lil dak li jkun. Akkademikament sar aspett importanti tal-istudji Maltin mill-iskola sekondarja sal-università. Imma li rridu nirrealizzaw huwa li l-poeżija moderna saret wirt għall-poeżija kontemporanja. Daħlet fi tradizzjoni – tradizzjoni li bdiet snin ilu u għadha titwettaq.

## Biblijografija

Il-poeżiji ta' Cremona jinsabu f'dawn il-ġabriet:

Cremona, John J. *Ekwinozju*. Malta: Klabb Kotba Maltin, 2006. Stampat.

____ , *Eliotropi*. Malta: John J. Cremona, 1937. Stampat.

____ , *Il-Kantiku tax-Xagħra*. Malta: Klabb Kotba Maltin, 2012. Stampat.

____ , *Malta Malta*. Malta: Klabb Kotba Maltin, 1992. Stampat.

____ , *Mas-Sebħ Għasafar*. Malta: Klabb Kotba Maltin, 2004. Stampat.

____ , Poesie, Poems, Poeżiji. Malta: Klabb Kotba Maltin, 2009. Stampat.

____ , *Songbook of the South*. Malta: John J. Cremona, 1940. Stampat.

# Il-Problematizzazzjoni ta' Ġwann Mamo Bħala Riformatur Soċjali – Il-Preżenza tal-Grottesk f'*Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka*

Stephen Bonanno

## Bejn riformatur soċjali u osservatur ċiniku

Evidenza bbażata fuq analiżi xjentifika maħruġa mill-Ewrostat f'Diċembru tal-2013 donnha tistidinna nirrealizzaw kemm l-interpretazzjoni ta' *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka* bħala għajta għar-riforma soċjali tista' tkun żbaljata ladarba tixhed biss faċċata waħda tal-munita (Eurostat Press Office). Kuntrarju għall-konvinzjoni tal-kittieba soċjorealisti li ġew wara, li emmnu bis-sħiħ li l-edukazzjoni ġġib l-emanċipazzjoni, Mamo fir-rumanz joħroġ id-dubji tiegħu dwar kemm il-proġett politiku li jwettaqha kien possibbli. L-evidenza mill-istatistika donnha tikkorrobora l-intuwizzjoni ta' Ġwann Mamo 'l fuq minn 80 sena ilu li l-problema ewlenija li xxekkel lill-klassi tal-ħaddiem Malti milli jemanċipa ruħu tista' ma tkunx biss ta' bixra soċjopolitika.

Il-korroborazzjoni tistrieħ fuq il-fatt li r-riċerka tal-Ewrostat ittella' fil-wiċċ preokkupazzjoni ċentrali fil-viżjoni mressqa mir-rumanzier, jiġifieri li l-problema tal-injoranza mnissla min-nuqqas ta' edukazzjoni għandha t-tendenza li tintiret minn ġenerazzjoni għall-oħra.[1] Fl-istatistika pprovduta

1 It-tema tal-eredità tinħass sa mill-għażla tat-titlu, bir-referenza ġenealoġika għan-nanna li tevoka l-passaġġ mill-ġenerazzjoni tagħha għall-ġenerazzjonijiet ta'wliedha u ta'wlied uliedha. B'hekk tinfilsa ruħha l-idea deterministika li ftit jew xejn m'hemm lok għall-bidla ladarba kollox predeterminat, għax it-traċċi anċestrali jibqgħu jintirtu minn ġenerazzjoni għall-oħra. Il-motiv tal-wirt jestendi ruħu tul ir-rakkont, bħal fl-eżempju tal-qorq li jilbes Gajton deskritt bħala "minn dawk li xedd il-biżbiżnannu ta' biżbiżnannuh, Adam" (Mamo 212).

joħroġ il-fatt li 73% ma rnexxilhomx jisbqu l-livell baxx ta' edukazzjoni tal-ġenituri tagħhom, l-ogħla persentaġġ meta mqabbel mal-bqija tal-istati membri fl-Unjoni Ewropea. Fid-dawl ta' dan in-nuqqas ta' mobilizzazzjoni huwa ġustifikat li wieħed jistaqsi x'qiegħed jimpedixxi lis-sistema edukattiva Maltija milli tkun effettiva fl-emanċipazzjoni ta' parti mill-popolazzjoni? It-tentattiv li titwieġeb se jintrabat ma' qari differenti tar-rakkont ta' Mamo. Iktar milli l-espressjoni tal-ħerqa favur ir-riforma soċjali, ir-rumanz se jinftiehem li hu mnebbaħ mir-realizzazzjoni tal-impossibbiltà tat-twettiq ta' dak mixtieq, imsarrfa narrattivament fil-viżjoni ta' bixra grotteska ppreżentata tul ir-rakkont.

Fl-istess binarju ta' xettiċiżmu rigward is-sistema edukattiva Ġużè Stagno f'*What Happens in Brussels Stays in Brussels*, rumanz li jista' jinqara bħala l-estensjoni ta' *Ulied in-Nanna Venut* lejn is-seklu wieħed u għoxrin, iressaq it-teżi li s-sitwazzjoni llum għadha l-istess bħal fi żmien Mamo (Stagno 150). Minnha nnifisha l-idea ta' estensjoni fiż-żmien diġà tindika l-persistenza tal-problema. Kif josserva l-karattru ta' Gustav, li jista' jitqies l-ekwivalenti ta' Feliċ, il-karattru kolt fost ulied in-Nanna Venut, is-sitwazzjoni baqgħet l-istess minkejja "sittin/sebgħin sena ta' edukazzjoni 'obbligatorja'" (150). Il-problema titwessa' fid-dimensjoni tagħha hekk kif tiġi ssuġġerita l-improbabbiltà li titwettaq l-emanċipazzjoni, li kif se jargumenta dan l-istudju hija preokkupazzjoni li r-riperkussjoni li tħalli tikkostitwixxi l-qofol tar-rakkont ta' Mamo. Fir-rumanz ta' Stagno dan jiġi rreġistrat għax barra mill-affermazzjoni tal-falliment tar-riforma soċjali ppropagat mill-kittieba soċjorealisti, Gustav jikkonkludi li "ebda pajjiż qatt ma rnexxielu joftom tassew lill-klassi tal-ħaddiema mill-injoranza ... wisq inqas iwassalha għall-emanċipazzjoni" (149-150). Iżda minkejja x-xebh apparenti bejn iż-żewġ rumanziera, il-viżjoni tagħhom tibda titbiegħed mat-tentattiv ta' approfondiment. Filwaqt li Stagno jibqa' fil-wiċċ tal-problema u l-karattru tiegħu jiddikjara li m'għandux idea għal soluzzjoni, Mamo jirnexxilu jfannad fil-qigħan l-aktar profondi tal-karattru Malti identifikat minn Mark Vella bħala 'l-Malti aħħari', li jappartjeni lill-faxxa tal-qiegħ fl-iskala soċjali (Vella xvi). Jekk Mamo jirnexxilu jintegra l-karatteristiċi tipiċi li jiffurmaw il-karattri li jqaxxar f'viżjoni dwar il-kundizzjoni umana, Stagno ma jagħmilx dan. Għaldaqstant Mamo mhux biss jantiċipa l-problema, imma saħansitra jindika l-għeruq tagħha. Fid-dawl ta' din il-kisba tinftiehem aħjar il-ħtieġa tar-

riviżitazzjoni tat-tikketta ta' riformatur soċjali mogħtija lil Mamo r-rumanzier. Dan l-istudju se jfittex li jikkoreġiha billi janalizza dawk l-elementi li jixħtu dubju dwar l-asserzjoni li l-awtur kellu fiduċja li l-bidla tista' tiġġarrab.

Ir-rikonoxximent tat-tlaqqigħ tal-elementi diskordanti jitlob li jiġi indirizzat l-iżbilanċ maħluq mill-orjentazzjoni tal-interpretazzjoni tat-test lejn naħa waħda biss tal-faċċati opposti li jippreżenta Mamo. Uħud mill-vuċijiet dijametrikament opposti għal xulxin issikktu sabiex titla' biss fil-wiċċ dik li tafferma l-verżjoni mixtieqa. Kuntrarju għall-impressjoni mogħtija minn diversi kritiċi, Mamo donnu ried li jfittex li jrażżan, u saħansitra jiddestabbilizza l-ħerqa tiegħu stess għall-bidla soċjali billi jnawwar l-istess bażi li minnha titnissel. Tul ir-rakkont il-mumenti li fihom in-narratur jintervjeni direttament sabiex iressaq il-messaġġ politiku, aktarx il-mumenti dgħajfa fir-rakkont, huma bbilanċjati minn waqtiet oħra li fihom jispikkaw ir-rabja u d-disprezz lejn il-klassi soċjali li l-awtur tant kien iħobb. It-ton ċiniku li bih jittratta l-karattri li jirrappreżentawha, kuntrarju għal dak li jisħaq Oliver Friggieri,[2] donnu jikxef l-uġigħ tal-qtigħ il-qalb imġarrab minnu. L-entużjażmu favur l-emanċipazzjoni bħal donnu jitbandal bejn it-tama u d-diżillużjoni li l-għan qatt jista' jintlaħaq. Mamo jinqabad għalhekk minn naħa jinħass iħabrek fl-insistenza tiegħu li jipponta sebgħu lejn min imexxi talli m'għamel xejn biex jifdi 'l-Malti aħħari, u mill-oħra jattakka l-ottimiżmu għall-ħerqa għall-bidla billi jitfa' dubju fuq jekk wara kollox hemmx redenzjoni għall-karattri li joħloq. Hija d-dilemma ta' bniedem li ġenwinament fittex li jemanċipa lil ulied in-Nanna Venut, kif jixhdu l-pubblikazzjonijiet tiegħu, konxju fl-istess nifs mill-possibbiltà jekk mhux probabbiltà li l-emanċipazzjoni mhix wara kollox possibbli. Id-dubju jissarraf f'viżjoni li fiha l-inklinazzjoni lejn in-naturaliżmu, ikkaratterizzata fost l-oħrajn mit-tema tal-eredità kompromettenti, tippreżenta stampa mill-aktar sewda tal-umanità.[3] Fil-perkors mittieħed, il-qofol tat-trattament ta' Mamo tal-karattri ċertament li mhux il-"għadab imsarraf f'komiċità" kif

2 Friggieri jipprova jinnewtralizza t-ton ta' kundanna billi jenfasizza li l-awtur jispiċċa jibni relazzjoni affettiva mal-karattri li joħloq, kif tixhed il-kwotazzjoni meħuda minn programm radjufoniku fuq Mamo: "Finalment jiena niddubita ħafna kemm kien qiegħed jikkundanna, għax sikwit jidher li qiegħed jikteb tant b'mod pjaċevoli, tant qed jieħu pjaċir jikteb, li jispiċċa biex jieħu pjaċir ipinġi dak li qed ipinġi." Il-ħolqa għall-programm hi: http://campusfm.um.edu.mt/pages/webcastspages/Autumn_10/amerka_mamo.htm

3 It-tema tal-eredità f'*Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka* ttrattajtha f'"Mir-Riforma Soċjali għall-Investigazzjoni tal-Bniedem: Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka Bħala Allegorija tal-Kundizzjoni Eżistenzjali Umana', *Symposia Melitensia*, Numru 9 (2013).

isostni Friggieri (28).[4] It-tfigħ ta' wlied in-Nanna Venut fl-abbissi eżistenzjali ta' bixra grotteska, ikkaratterizzat mir-rigress lejn il-primittiv, l-annimalesk u l-organiżmi l-aktar bażiċi, flimkien mal-identifikazzjoni tal-karattri permezz tal-motiv skatoloġiku, huwa r-rappreżentazzjoni narrattiva tal-pożizzjoni ċinika li jaddotta Mamo.

## Ir-rigressjoni fl-iskema evoluttiva

Jekk l-impatt imħolli mit-tikketta ta' 'riformatur soċjali' żbilanċja u faqqar lil *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka*, Mario Cassar kien l-ewwel wieħed li indirizza l-problema billi wera possibbiltajiet oħra ta' interpretazzjoni. Hu jassoċja t-test ta' Mamo man-naturalisti, li mill-viżjoni bijoloġika li kellhom kienu jħarsu lejn il-bniedem bħala 'ħlejqa li trid taqdi bosta funzjonijiet naturali, bħala konsumerista aktar milli bħala spirtu' (Cassar 36-37). Il-qari tal-karattri ta' Mamo, fid-dawl tad-distinzjoni li Cassar jislet bejn il-qadi tal-funzjonijiet naturali bħala konsumeristi u mhux bħala spirtu, jikkomprometti l-entużjażmu kollu fl-interpretazzjoni ta'min fittex li jorjenta t-test lejn is-sejħa għar-riforma soċjali. Il-qari fid-dawl naturalista jpoġġi f'dubju l-asserzjoni jekk l-emanċipazzjoni hix wara kollox possibbli għal min hu nieqes mill-ispirtu. Id-deskrizzjoni ta' Gajton, bl-enfasi fuq it-tixjin minnu tar-'ruħ ħajja', tikkonferma l-orjentazzjoni naturalista li jistabbilixxi Cassar:

> Ħażen u għaqal kellu, imma tax-xadin ta' kif jisraq il-ġewż u jieklu, jew tal-ġurdien meta jniżżel denbu fil-kus taż-żejt u jilagħqu. Pjaċir fis-sensi kellu, imma tal-qattus fix-xahar ta' Jannar. Għaxqa tar-ruħ ħajja xejn. Jitkellem jaf, imma dejjem bl-istess vereb (għeruq ta' kliem) bħal ta' *tiekol*, *tixrob*, *torqod*, *tqum*, *tqalfat*, *tisraq*, *taħrab*, *tiġri*, *tmaxtar*, *tlewwet*, *tbagħbas*, *taħ..a*, *t..x..*, *eċċ*. (Mamo 213).

Mifhuma minn x'jagħmel minnha l-aktar Aristotli, ir-ruħ titqies fattur fundamentali li jiddistingwi ħlejqa minn oħra għax hi responsabbli għal

4 Huwa veru li Mamo stess jiddikjara diversi drabi li hija l-intenzjoni tiegħu li jgħallem billi jdaħħaq, imma fil-postskritt donnu jantiċipa reazzjoni bħal ta' Friggieri u lill-qarrej iwissih "tiħux kollox biċ-ċajt, u la taħsibhomx kollha bi ħmerijiet għax ħmar tkun int" (Mamo 464).

"mental or psychological functions like thought, perception and desire, and is the bearer of moral qualities" (Stanford Encyclopedia). It-tixjin tagħha fil-karattru ta' Mamo jġib miegħu għalhekk it-tneżżigħ tal-karatteristiċi li jiddistingwu 'l-bniedem minn ħlejjaq oħra, u tqarrbu lejhom kif jixhed it-tixbih kontinwu tal-karattru mal-annimali fis-silta. Hija din il-funzjoni li taqdi l-litanija ta' azzjonijiet attribwiti lil Gajton fis-silta u lill-biċċa l-kbira tal-karattri tul ir-rakkont. Mamo, fil-mod kif jirrappreżentahom bħala nieqsa minn kwalunkwe ħjiel tal-fakultà analitika jirrendihom mejtin ħajjin, il-verżjoni Maltija tal-*morts vivants*, imneżżgħa minn kull ħjiel ta' individwalità, konċepiti bħala 'Girgorijiet, Kalanċijiet u Masijiet' (Mamo 244). Is-suspett li l-ispirtu jista' ma jkunx rekuperabbli jġiegħel lir-rumanzier jaqta' qalbu li l-emanċipazzjoni qatt tista' tirrealizza ruħha. Il-*leitmotif* tal-falliment tal-proġett, kif muri fil-falliment ta' diversi proġetti tul ir-rakkont, jista' jevoka l-falliment tal-proġett soċjorealista.[5] Ix-xettiċiżmu li s-sistema edukattiva qatt tista' tikseb l-emanċipazzjoni jinħass aċċentwat fis-silta li fiha Indrì jiftakar it-twissija ta' Galantom Twajjeb li "'L uliedkom aħjar tibagħtuhom jiġbru l-bżar (skużi ż-żibel) milli tgħallmuhom l-iskola'" (Mamo 193).[6] L-istess xettiċiżmu jissarraf fil-viżjoni deġenerattiva b'għeruq fil-grottesk daqskemm fir-realtà, paradoss li kif għad irid jintwera jkompli jikkonferma l-orjentazzjoni naturalista tat-test li identifika Cassar. Il-viżjoni timmanifesta ruħha b'mod partikolari fil-proċess ta' rigressjoni, imnebbaħ mit-twemmin Darwinista li Mamo jgħaddi lil ulied in-Nanna Venut minnu.

It-tlaqqigħ mingħajr skossi tal-elementi tan-naturaliżmu mal-grottesk fit-test ta' Mamo, li jistgħu jidhru dijametrikament opposti minħabba l-appartenenza għar-realiżmu tal-wieħed u l-viżjoni sikwit fantastika tal-ieħor, jista' jinftiehem fid-dawl tal-osservazzjoni ta' V.L. Parrington: "From much study of inner drives of low-grade characters the naturalist is in danger of creating grotesques ... From much emphasis on animal impulses the naturalist may turn man into an animal" (Samala 188). Huwa l-iffukar fuq ir-rappreżentazzjoni ta' karattri tal-'anqas grad' li ppermetta l-grottesk jitqarreb

5 Mal-falliment tal-proġett tal-emigrazzjoni lejn l-Amerika hemm ukoll il-fallimenti tal-proġetti ta' Luretu Nullo, ta' McHmairy, ta' Xmun u Armaużarma u tal-Proġett Ebejer.

6 Mario Cassar infurmani li l-'bżar' li jirreferi għalih Mamo fis-silta kkwotata mhux dak li nużaw fl-ikel, iżda d-demel li jintuża bħala fertilizzant. Fid-dawl ta' dan, l-assoċjazzjoni tiegħu maż-żibel fil-kwotazzjoni tikseb aktar sens.

lejn in-naturaliżmu billi jitnissel mill-ħajja ta' kuljum. Ir-rappreżentazzjoni karatterjali hi kkaratterizzata, kif josserva Cassar, minn "deskrizzjonijiet moqżieża, b'enfasi fuq ġesti oxxeni [u] pastażati", ilkoll dettalji li jevokaw il-grottesk (Cassar 37). L-utilizzar tal-effett tal-*unheimlich*, is-sensazzjoni tal-familjari daqskemm għarib, jinnewtralizza l-impatt li l-inseriment tal-grottesk seta' ħalla fuq ir-referenzjalità tar-rakkont.[7] Għalhekk permezz tat-"trasgressjoni tal-konfini kategoriċi" (Pertulla 26) marbuta mal-grottesk, il-linja ta' demarkazzjoni li tifred lill-bniedem mill-annimal setgħet tkun sfidata u destabbilizzata.[8] B'kuntrast man-narrattiva tradizzjonali Maltija, li fi ħdanha l-karattru tipiku kien stilizzat u mnoqqi minn kwalunkwe difett li seta' tebba' l-idealizzazzjoni tiegħu, fit-test ta' Mamo jiskatta dak li Bakhtin jiddeskrivi bħala l-"*lowering of all that is high, spiritual, ideal, abstract*" (Bakhtin 20).

Interessanti wieħed jinnota li Mamo jirreġistra r-rigressjoni fi ħdan il-qafas tat-teorija evoluttiva Darwinjana. Filwaqt li l-kunċett ta' evoluzzjoni normalment jevoka l-idea ta' progress, ir-rumanzier Malti xorta waħda jirrealizza d-deġenerazzjoni tal-karattri tiegħu u jeħodhom lura flok 'il quddiem. Kienet il-bijoloġija post-Darwinjana li aċċentwat l-idea ta' deġenerazzjoni billi sfruttat is-sinjali ta' rigressjoni f'Darwin kif tisħaq Alexandra Warwick: "*although Darwin had concluded optimistically that 'all corporeal and mental endowments will tend to progress towards perfection', that optimism is shadowed throughout the* Origin *by the forms of regression and extinction*" (Warwick 162). Ir-rikonoxximent tal-forom ta' rigressjoni u estinzjoni mill-post-Darwinjani kienu determinanti sabiex jinħoloq ambjent, skont Markku Salmela, fejn "*a strict, physiologically based division between the human and the nonhuman was becoming increasingly difficult to enforce*" (Salmela 189). Id-diffikultà fid-distinzjoni bejn l-uman u l-mhux uman ippermettiet riviżitazzjoni u bidla drastika fil-kunċett ta' evoluzzjoni. Warwick issostni li "*the question of the direction in which change was moving had become central and the dominant sense was of backward movement: regression, decadence and degeneration*" (Warwick 162). Mamo jiddakkar sew minn dan iż-*zeitgeist*, kif tixhed is-sitwazzjoni fejn biex jgħaddi ġudizzju

7 Fuq l-*unheimlich* ara N. Royle, *The Uncanny* (Manchester, 2003).

8 Carroll jasserixxi li "*the governing structural principle of the grotesque is the violation of our standing concepts and categories, our expectations concerning the natural and ontological order*" (Salmela u Toikkanen 7).

fuq l-injoranza murija minn wieħed mill-karattri jikkuntrastah mal-baqra, u jikkonkludi li "kieku tistaqsi 'l xi Darwinista jekk fehmet jew le, iwieġbek: 'Iva, fehmet'" (Mamo 49). Għaldaqstant hu jimmanifesta r-reazzjoni tiegħu ta' rabja għal ulied in-Nanna Venut, ikkawżata l-aktar minħabba l-injoranza tagħhom, billi jgħaddihom minn proċess ta' retrogressjoni li fl-aħħar mill-aħħar iwassal għall-estinzjoni tal-grupp bit-tħaddim tal-prinċipju tas-soppravivenza ta' min hu l-aktar b'saħħtu. Għalhekk huma jsiru l-manifestazzjoni 'ħajja' tat-traġġigħ lura tal-proċess evoluttiv.

L-ewwel pass fil-proċess rigressiv li Mamo jgħaddi lil ulied in-Nanna Venut minnu huwa l-ataviżmu, it-tniżżil lejn it-tip anċestrali, li għad-Darwinisti soċjali fisser sinjal tal-inferjorità tar-razza. Il-primittiv hu evokat qabelxejn mir-referenzi għan-Neanderthal, permezz tad-diversi studjużi tal-bniedem bikri kif misjub fi fdalijiet fossilizzati bħall-għadam petrifikat, fosthom Johann Carl Fuhlrott, kif ukoll mir-referenza għal Engis, il-post fejn instab l-ewwel fdal tan-Neanderthal. Jissieħbu magħhom ir-referenzi għal speċi preistoriċi bħat-Tetralophodon, id-Deinotherium u l-Mastodon, tal-aħħar skopert minn Georges Cuvier li hu wkoll jissemma fl-istess silta (Mamo 206). B'dawn l-evokazzjonijiet, fir-rakkont jinħoloq kuntest li fih tispikka awra ta' primittività li ddakkar lill-karattri, imsaħħa bir-referenza għal Malta bħala l-"gżira tal-bronż u l-ġebel" (184).

Ir-retrogressjoni atavistika tispikka fis-sekwenzi li fiha l-karattri jitniżżlu għall-fażi prelingwistika li fiha jinqdew b'forom primittivi sabiex jesprimu ruħhom. Hekk jiġri meta Bertu Armaużarma jinqeda bil-ġestikulazzjoni biex ifiehem lill-Grieg li xtaq il-birra tal-Iġġant (Mamo 142). L-istess karattru, flimkien ma' Girgor, jinqdew bil-pittogramma biex jiffirmaw xi dokumenti, sitwazzjoni grotteska li tevoka l-fażi l-aktar bikrija fl-iżvilupp tal-lingwa (ara Mamo, Kap. XII). Din is-sitwazzjoni taqbad ukoll il-pass li jmiss fil-proċess, jiġifieri l-annimalizzazzjoni tal-karattri. Jekk il-kunjom huwa forma ta' awtodefinizzjoni (*nomen omen*), kunjom Armaużarma u Girgor, Fenech u Buttigieg, hu rappreżentat grafikament permezz tat-tpinġijiet ta' fenek u ta' tiġieġa. Fil-każ ta' Girgor l-assimilazzjoni taċċentwa ruħha hekk kif jippronunzja ruħu bħala "missier it-tiġieġ" (213). Tul ir-rakkont l-annimalizzazzjoni tistrieħ l-aktar fuq it-tħaddim tat-tixbiha, li ssostni r-realiżmu għax kuntrarju għall-metafora tippermetti li fil-proċess il-preżenza tal-bniedem tiġi preservata,

bħal fl-eżempji ″jitkabarsu fuq xulxin bħall-bhejjem″ (100), ″iċafċaf bħall-klieb″ (263) u ″rasu mtliet daqs qurdiena″ (346). L-assimilazzjoni ssir sħiħa hekk kif il-vapur li permezz tiegħu jtemmu l-vjaġġ jingħad li ″kellu ħafna bhejjem fuqu″ (445), u b'hekk l-awtur donnu jissuġġerixxi l-konklużjoni li issa m'għadx fadal ħjiel ta' distinzjoni bejnhom u bejn l-annimali. Fil-perkors li tieħu għalhekk, l-annimalizzazzjoni titwettaq mingħajr ma r-realiżmu jkun kompromess. Il-grottesk li tevoka ma jirrealizzax ruħu permezz tal-fantastiku, bħal fil-każ tal-forom ibridi li jgħaqqdu flimkien partijiet mill-ġisem uman ma' partijiet oħra annimaleski, imma permezz ta' karattri li l-qarrej jista' faċilment jidentifika ruħu magħhom.

Tarġa iżjed 'l isfel tintlaħaq bl-identifikazzjoni tal-karattri ma' organiżmi mikroskopiċi, li d-deskrizzjoni tal-azzjonijiet li jwettqu tevoka l-imġiba mill-aktar bażika tal-karattri ta' Mamo: ″jitħarrku, jieklu, jiġġieldu, inisslu u jgħammru″ (206). Iżda r-retrogressjoni fl-iskema evoluttiva tikseb dimensjoni mill-aktar dispreġjattiva bl-inseriment tal-motiv skatoloġiku, hekk kif l-eskrement isir il-mezz li bih jiġi identifikat il-Malti. Fis-sekwenza li fiha jitfaċċa, il-grottesk b'bixra realistika jilħaq aktarx il-qofol tiegħu. Is-sitwazzjoni tiżviluppa meta s-Sur Bend, Indrì u Kalanġ jippruvaw iwettqu l-proġett li ″(j)sawmu l-ħmieġ tal-bniedem, dok li jħalli warajh filgħodu, u nagħmlewh tajjop″ (156). Meta jiġu bżonn l-għajnuna tal-Maltin u Indrì jistaqsi jistgħux jiddeterminaw hemmx minnhom fl-inħawi, Kalanġ jidentifika l-preżenza tagħhom mit-tip ta' ħmieġ li jkun ġej mid-dranaġġ (160). L-enfasi fuq id-defakazzjoni tisseddaq fi proporzjonijiet grotteski hekk kif tiżbroffa ħofra bid-dranaġġ u t-tlieta jsibu rwieħhom "maqlubin għal waranijiet jgħumu bil-qama qalb il-fdal tal-bniedem″ (161). B'hekk il-proċess rigressiv li Mamo jitfa' fih lill-injurant Malti jilħaq il-livell l-aktar profond tal-abbiss eżistenzjali.

## Tmiem sorprendenti jew mistenni?

L-isforz li tittaffa l-viżjoni li tikkomprometti kwalunkwe tentattiv għall-emanċipazzjoni ta' klassi jikkonferma ruħu fl-interpretazzjoni ta' tmiem ir-rakkont. Id-deċiżjoni li l-karattri jinqatlu kollha ħlief wieħed, kuntrarju għal dak li ntqal minn xi kritiċi, altru li mhix sinjal każwali li jixhed il-ħerqa li

r-rumanzier jagħlaq ħesrem ir-rakkont. Iżda l-ħerqa li r-rakkont jiġi interpretat bħala tħeġġiġa għar-riforma soċjali tant ikkundizzjonat l-interpretazzjoni tat-test li spiċċat affettwat saħansitra lil dawk li dehru li qegħdin jinqatgħu minnha.

Anke min fehem li t-tmiem kien maħsub u jagħmel parti mill-istrateġija awtorjali jsibu sorprendenti. Cassar minkejja li kien l-ewwel wieħed li rrikonoxxa l-viżjoni grotteska u deterministika f'Mamo, donnu jibqa' marbut mal-interpretazzjoni soċjoloġika meta jirreferi għas-"soċjologu spiritwż li jrid ibiddel ambjent sottożviluppat fi dramm divertenti" (41). Għalhekk jara t-tmiem mhux "kongruwenti ma' dak kollu li ġara qabel", u "jiddifferixxi radikalment fl-implikazzjonijiet tiegħu minn dak tal-episodji preċedenti" (30). It-tmiem vjolenti jinterpretah fuq livell ta' plott biss, bħala mezz sabiex "jevita s-soltu tmiem brijuż u mwarrad tar-rumanz romantiku" (30). Adrian Grima wkoll jillimita l-interpretazzjoni tiegħu fuq livell ta' plott biss, possibbilment biex ma jikkompromettix l-interpretazzjoni ta' Mamo r-rumanzier bħala instigatur għar-riforma soċjali. Huwa ġustament jinnota li kuntrarju għal dak li jinħaseb sikwit, jiġifieri li Mamo ried itemm ħesrem ir-rakkont, "in-narratur jiżra' ż-żerriegħa tiegħu" qabel (Grima xix). Iżda r-rabta jispjegaha bħala l-eżekuzzjoni tal-ħalfa ta' Gajton "li għandu b'xi mod jitħallas" (Mamo 24). Għaldaqstant it-tmiem xorta jsejjaħlu "sorprendenti" (Grima xix), u għalhekk ma jagħrafx il-possibbiltà li jinterpretah bħala konklużjoni loġika ta' dak li l-awtur kien ilu jipprepara għalih tul ir-rakkont.

Interpretazzjoni li taqbad direzzjoni differenti hija dik ta' Vella. B'referenza anke għat-tmiem ta' ċerti novelli ta' Mamo, hu jinterpreta t-tmiem traġiku bħala "kastig aħħari, li bħallikieku jnaddaf lis-soċjetà minn dawn l-elementi retrogradi" (Vella xix). Il-kritiku jinħass jiżbilanċja ruħu favur l-interpretazzjoni li tattribwixxi r-rieda min-naħa tal-awtur li jagħmel il-pożizzjoni tiegħu ċara kemm jista' jkun. Mingħajr ma neskludiha, jien se nipproponi interpretazzjoni li taqbad aktar relazzjoni ambigwa ta' Mamo mal-karattri. L-imħabba u l-mibegħda, is-simpatija u d-disprezz, l-empatija u l-ironija jintgħaġnu b'tali mod li tagħmilha impossibbli tgħid fejn tispiċċa waħda u fejn tibda l-oħra. Il-kawża ewlenija tal-inċertezza hija r-realizzazzjoni li hu ma jista' jagħmel xejn għal min iħobb. F'dawn iċ-ċirkustanzi donnu ma jifdallu ebda triq ħlief li jħalli l-prinċipju Darwinjan jitħaddem. Qalbu maqtugħa għalkollox, Mamo

jispiċċa jħalli lill-karattri f'idejn id-destin naturali tagħhom. Għalhekk imutu kollha ħlief Feliċ, l-uniku wieħed fosthom mogħni bir-ruħ: huwa t-twettiq tal-prinċipju li min huwa l-aktar b'saħħtu jissoppravivi, filwaqt li d-dgħajjef hu kkundannat li jixxejjen.

Fit-tentattiv tal-qarrejja li jfittxu li jagħtu tweġiba għall-mistoqsija mqanqla mir-rakkont tikkonferma ruħha t-teżi li t-test ta' Mamo għadu relevanti llum daqskemm kien meta nkiteb. Għalhekk wieħed jistaqsi: Hemm tama li r-riformi soċjali li jinkorporaw it-titjib fl-istrutturi edukattivi jagħnu lill-kreaturi, impinġija li bilkemm jixirfu lilhinn mill-eżistenza tal-organiżmi l-aktar bażiċi, bl-ispirtu li m'għandhomx? Id-diffikultà li torbot lil Mamo ma' risposta definittiva tissuġġerixxi d-dilemma jekk l-emanċipazzjoni tistax tinkiseb jew le. Naqblux jew le jekk il-Malti deskritt tant tajjeb minnu jistax jiġi emanċipat, li hu żgur hu li s-suċċess ta' riforma simili m'għandux jibqa' jitkejjel kif forsi sar s'issa. It-titjib soċjopolitiku ttieħed wisq li jfisser neċessarjament l-emanċipazzjoni ta' min jinsab fil-qiegħ. Il-parametri bla preċedenti li pprovda Mamo, bl-enfasi fuq il-kisba tar-ruħ li tagħni lill-bniedem, għandhom iservu ta' riga li biha l-kisbiet marbutin mar-riformi soċjali jistgħu jitkejlu. It-tama hi li xi darba jkun jista' jingħad b'konvinzjoni li l-edukazzjoni m'għadhiex "biskuttini f'ħalq il-ħmir".[9]

## Biblijografija


Bakhtin, Mikhail. *Rabelais and His World.* Trad. Hélène Iswolsky. Bloomington: Indiana UP, 1984. Stampat.

Bonanno, Stephen. "Mir-Riforma Soċjali għall-Investigazzjoni tal-Bniedem: *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka* Bħala Allegorija tal-Kundizzjoni Eżistenzjali Umana." *Symposia Melitensia* 9 (2013): 19-46. Stampat.

Cassar, Mario. "Ir-Rumanz Malti bejn l-1930 u l-1940." Teżi tal-B.Ed. L-Università ta' Malta, 1986. Stampat.

Edwards, Justin D. u Rune Grauland. *Grotesque.* Londra: Routledge, 2013. Stampat.


9 L-osservazzjoni jgħaddiha Frappawl b'referenza għall-kotba li jispiċċaw għand min ma jistax japprezzahom. Din tikkonferma t-teżi tal-awtur li r-riformi soċjali huma inutli jekk l-injurant ma jinfediex mill-injuranza. Ara Mamo, 409.

Eurostat Press Office. "Transmission of Level of Education between Generations - Educational Attainment: Persistence or Movement through the Generations?" *Eurostat Newsrelease* 188 (2013): 1-3. Internet. 30 Sett. 2014.

Friggieri, Oliver. *Ġwann Mamo: Il-Kittieb tar-Riforma Soċjali*. Malta: Mid-Med Bank, 1984. Stampat.

Grima, Adrian. "Juan Mamo u s-Sigrieti ta' Wlied in-Nanna Venut." *Il-Malti* LXXIX (2007): 81-104. Stampat.

Levine, George. *The Realistic Imagination: English Fiction from Frankenstein to Lady Chatterley*. Chicago: U of Chicago P, 1981. Stampat.

Meindl, Dieter. *American Fiction and the Metaphysics of the Grotesque.* Missouri: U of Missouri P, 1996. Stampat.

Mamo, Juann. *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka.* Malta: SKS, 2013. Stampat.

Perttula, Irma. "The Grotesque: Concepts and Characteristics." *The Grotesque and the Unnatural*. Ed. Marrku Salmela u Jarrko Toikkanen. New York: Cambria P, 2011. 17-42. Stampat.

Royle, Nicholas. *The Uncanny*. Manchester: Manchester UP, 2003. Stampat.

Salmela, Marrku. "The Grotesque Landscape and the Naturalistic Method." *The Grotesque and the Unnatural*. Ed. Marrku Salmela u Jarrko Toikkanen. New York: Cambria P, 2011. 18-210. Stampat.

Salmela, Marrku u Jarrko Toikkanen. *The Grotesque and the Unnatural*. New York: Cambria P, 2011. Stampat.

Stagno, Ġużè. *What Happens in Brussels Stays in Brussels*. Malta: Merlin Publishers, 2013. Stampat.

*Stanford Encyclopedia of Philosophy.* Stanford Univeristy. Internet. 30 Sett. 2014.

Vella, Mark. Mamo Misjub mill-Ġdid. *Juann Mamo: Ġrajja Maltija*. Juann Mamo. Malta: Klabb Kotba Maltin, 2010. Stampat.

Warwick, Alexandra. "Unnatural Selection: Variation, Deviation, and Excess at the Fin de Siècle." *The Grotesque and the Unnatural*. Ed. Marrku Salmela u Jarrko Toikkanen. New York: Cambria P, 2011. 161-186. Stampat.

# Rumanz Inedit
# ta' Ġużè Aquilina

# Kumment ta' Oliver Friggieri

Dawn il-paġni ta' rumanz jidhru li huma l-ewwel passi fil-mixja li jitlob ir-rakkont bħala kunċett imsarraf fi stuttura ta'ġrajjiet. Hemm diġà fi ftit paragrafi ħjiel ta' żvolġiment li jidher li kellu jkun kemm morali u kemm soċjali.

L-ambjent kellu jkun dak li l-awtur innifsu jsemmi, xi rokna fl-istorja tal-ewwel snin tas-seklu għoxrin.

Ġużè Aquilina li qiegħed jibda jikteb f'dawn il-ftit paġni mhuwiex għalkollox l-istess awtur immexxi mill-ideali tal-proġett lingwistiku u letterarju li kellu jitlaħħam, kif seħħ tassew, f'*Taħt Tliet Saltniet*, xogħol li jirnexxi għaliex jilħaq l-iskop tal-awtur daqskemm ta'studjuż tal-lingwa li kienet għadha fil-proċess tal-kisba tad-dinjità kulturali sħiħa, l-aktar fil-qasam akkademiku.

*Taħt Tliet Saltniet* hu xogħol marbut mill-qrib mat-twelid tal-Malti fi ħdan l-Università, waqt li dawn il-paġni huma marbutin ma' fażi li ġiet wara. Madankollu, fl-isfond ta' kollox, hemm dejjem il-bżonn li tinbeda tradizzjoni ta' ħsieb u letterarjetà fl-ambjent kulturali universitarju, fejn lingwi oħrajn kienu ilhom affermati f'kull livell.

Ix-xogħol letterarju ta' Ġużè Aquilina hu dejjem imnebbaħ minn għażla etika, ta' xeħta Kattolika anke jekk hi sikwit imqiegħda f'sitwazzjonijiet relattivament ġodda u kuraġġużi għal żmienhom fil-gżira.

Huwa jinqeda dejjem bil-letteratura biex iwassal idea li għandha l-għeruq tagħha fil-ħsieb kemm morali u kemm politiku, u dawn il-paġni bikrija huma

turija oħra ta' din l-għażla, li tingħaraf minnufih fil-kuntest tan-Neo-Umaniżmu modern.

F'dan id-dawl jingħaraf kulma kiteb Ġużè Aquilina (teatru, narrattiva, saġġistika ġenerali), u l-aktar bħala ħaddiem tal-kelma Maltija li fehem li l-kelma ma tistax tikseb saħħa vera u ġustifikazzjoni dejjiema jekk mhux minħabba li hi għodda fit-twassil ta' kontenut morali.

Anke l-qari ta' dawn il-ftit paġni jissokta jseddaq il-konklużjoni li l-interess tal-awtur fil-lingwa huwa interess istruttiv u prattiku.

# Kumment ta' Joseph Felice Pace

Id-dokumenti tal-Professur Ġużè li hemm fl-Arkivji Nazzjonali jippreżentaw ġabra mlewna ta' kitbiet li joffru okkażjoni biex wieħed jidħol aktar fil-fond fix-xogħol ta' persunaġġ li jista' jingħad li stabbilixxa l-istudji tal-Malti f'livell internazzjonali. Dawn jipprovdu wkoll ħafna informazzjoni fuq l-għadd kbir ta' impenji oħrajn tiegħu bħala professur fl-Università li kien kommess biex jagħti l-kontribut tiegħu lil art twelidu f'diversi oqsma tal-ħajja soċjali.

Dawn id-dokumenti, li jimlew xi 40 *box file*, ingħataw minn Aquilina lil-Librerija Nazzjonali kmieni fl-1991. Ftit snin wara kienu trasferiti għall-Arkivji Nazzjonali, x'aktarx wara suġġeriment tal-ħabib tiegħu Ġużè Cassar Pullicino li daħal biex jorganizzahom xi ftit ukoll bl-għajnuna tal-Perit Joe Ellul.

Aquilina kellu l-ħsieb li jħalli l-karti kollha tiegħu lill-Università ta' Malta. Iżda inċident żgħir, possibbilment riżultat ta' nuqqas ta' ftehim żgħir, wasslu biex jibdel fehmtu.

Meta konna se nibdew naħdmu fuq id-dizzjunarju Ingliż-Malti hu kien talab lill-Università biex tissussidja s-segretarja u tajpista tiegħu bħalma kienet għamlet għal ħafna snin meta kkompila d-dizzjunarju Malti-Ingliż. Għaddew il-ġimgħat u tħalla bla risposta definittiva. Fl-istess żmien x'aktarx li kellu xi ftit tal-pressjoni biex jgħaddi xi dokumenti lil-Librerija Nazzjonali. U ġurnata minnhom hekk għamel. Ma nafx kemm nies rawhom, naturalment ħliefi!

Meta Cassar Pullicino lesta l-organizzazzjoni preliminari tat-turrun dokumenti u karti, stedinni biex nara l-kollezzjoni. Kien f'dik l-okkażjoni li ltqajt l-ewwel darba mal-kopja ttajpjata tal-ewwel kapitlu ta' rumanz li Aquilina kien biħsiebu jikteb fis-sena 1940, ftit xhur wara r-ritorn tiegħu mill-istudji għall-Ph.D. fl-iSchool of Oriental and African Studies tal-Università ta' Londra.

Niftakar lil Cassar Pullicino jgħidli li kien il-ħsieb ta' Aquilina li jikteb "rumanz psikoloġiku", u dan ikkonfermahuli Ġużè Chetcuti li ttajpja t-test għal Aquilina.

Dan l-ewwel kapitlu jimla tmien paġni ttajpjati bi spazju singolu u jagħti indikazzjoni biżżejjed li ma kienx se jsegwi l-linji tar-rumanz storiku rebbieħ *Taħt Tliet Saltniet*, għalkemm ma jonqsux elementi ta' natura morali. Fl-istesss waqt għandna ħjiel ta' narrattiva psikoloġika billi l-protagonista mikdud mill-imħabba jidher sewwa li ma jingwalahiex ma' missieru u jinħass x'aktarx reżistenti għal tiswira istituzzjonali ta' żmienu.

Il-paragrafi tal-ftuħ jeħduna t-Teatru Rjal fil-lejla ta' jum fis-sena 1911. Tabib xurban jismu Erik Gonzaga, ta' xi disgħa u għoxrin jew tletin sena, f'daqqa waħda jibda jkanta l-arja *La donna è mobile* waqt li tkun qed tittella' l-opra *Madame Butterfly*.

Jitfgħuh 'il barra waqt li jibqa' jgedwed l-arja, jitgerbeb it-taraġ u jaqsam rasu. Jissejjaħ qassis iżda t-tabib la jkun irid iqerr u lanqas jisma' t-twissijiet tas-saċerdot.

Sadattant jasal tabib ieħor li kien student miegħu l-università, u Aquilina jieħu l-okkażjoni biex iqiegħed fl-isfond din is-sitwazzjoni drammatika u jiddeskrivi, anke jekk mingħajr wisq dettalji, uħud mill-karattri.

Erik ikun għadda minn esperjenza trawmatika. Għarustu, li baqa' jkellimha kontra r-rieda ta' missierha, mietet b'sidirha u ħallietu mkisser. Taha għax-xorb u sentejn wara li ggradwa spiċċa żżewweġ kuġina f'dik li Aquilina jiddeskrivi bħala "biċċa negozju li hu daħal għaliha bħal bniedem iddisprat li donnu jieħu pjaċir jara lilu nnifsu jegħreq 'l isfel kemm jiflaħ."

L-aħbar tar-rifjut ta' Erik li jirċievi l-assoluzzjoni ġriet bħal leħħa ta' berqa, u l-qagħda tkompli ssir drammatika meta artista tal-kabarè Ungeriża tieħdu fi ħdanha qabel ma jittieħed id-dar fejn martu, lesta biex tagħtih ħasla għal dawk li tqis bħala ħmerijiet tiegħu, jaqbadha ferħ ta' ġenn meta tara lil żewġha għaxi mimli dmija.

Hawn għandna l-ingredjenti kollha ta' rumanz interessanti, irrakkuntat b'Malti perfett li juri evoluzzjoni fuq dak ta' *Taħt Tliet Saltniet*, tant li Oliver Friggieri, meta kkummenta wara li qara l-ewwel kapitlu ta' dak li kien maħsub biex ikun żviluppat fit-tieni rumanz tal-awtur, jgħid li l-ewwel rumanz ta' Aquilina hu xogħol marbut sfiq mat-twelid tal-Malti fl-Università, filwaqt li dawn il-paġni huma marbutin ma' fażi sussegwenti. Madankollu, jgħid Friggieri, fil-qafas tal-isfond ġenerali hemm dejjem il-ħtieġa li jingħata bidu għal tradizzjoni ta' ħsieb u xejra letterarja f'ambjent ta' kultura universitarja fejn ilsna oħra kienu ilhom li affermaw ruħhom f'kull livell.

Friggieri jżid jgħid li l-ħidma letterarja ta' Ġużè Aquilina dejjem kienet imnebbħa minn għażla etika ta' xejra Kattolika, saħansitra jekk spiss titqiegħed f'sitwazzjonijiet relattivament ġodda u avangardisti għal żmienhom fil-gżira. Aquilina dejjem juża l-letteratura biex imexxi 'l quddiem idea li għandha għeruqha fil-ħsieb morali u politiku, u dawn il-paġni bikrin huma xhieda ta' din l-għażla li dlonk tingħaraf fil-kuntest modern Neo-Umanistiku.

Aquilina kien l-edukatur morali tipiku. Ma setax jikkonċepixxi kultura nieqsa minn kontenut morali. It-taħditiet popolari tiegħu fuq is-sistema tar-*Rediffusion*, miġburin f'disa' volumi bl-isem *Madwar il-Ħajja*, huma prova biżżejjed, kif huma wkoll id-drammi li kiteb.

Fil-linja tal-edukaturi tajbin kollha, il-kitbiet tiegħu kienu frott tal-kuntatt kontinwu ma' nies mis-setturi kollha tas-soċjetà.

Mhux ta' b'xejn li l-ewwel episodju ta' dan ir-rumanz jitqiegħed fit-Teatru Rjal, x'aktarx l-uniku lokal fejn is-soċjetà Maltija kollha kellha kuntatt mal-kultura. L-Irjal kien jilqa' lill-klassijiet soċjali kollha. L-għonja u dawk inqas għonja kienu jħobbu l-opra. Il-matinè ta' waranofsinhar kien jiġbed għadd sewwa ta' nies mill-irħula, ħaġa li naraha riflessa fil-programmi ta' jiem il-festi mtellgħin mill-baned tagħna.

Niftakar il-binja tat-Teatru kif kienet qabel ma ġiet ibbumbardjata f'April 1942, u niftakar ukoll x'kienu jgħiduli, ta' tifel li kont, il-ġenituri tiegħi u nannti dwar meta kienu jmorru l-Irjal fejn missieri kien kritiku tal-opra l-ewwel għall-*magazine* ta' kull ġimgħa *The Times* (mhux dik tal-lum) u mbagħad għall-*Midday News and peoples' gazette* ippubblikata mill-ħabib tiegħu Carmelo Mifsud Bonnici 'Il-Gross'. Għal snin twal din il-binja, li għal aktar minn sittin sena tħalliet imġarrfa, kienet parti essenzjali mill-ħajja Maltija.

Hekk ukoll kienet ir-rabta mal-fidi Kattolika u l-prattiċi tagħha. Ħaġa li tista' tissuġġerilek li l-episodju tar-rifjut ta' Erik li jqerr seta' kien preambolu biex wieħed jibni fuqu u bħal joħloq diskussjoni fil-qafas tal-idea ġenerali, xi drabi suġġerita minn Aquilina f'kitbiet oħra, li l-fidi, kif distinta mir-reliġjon, ma kellhiex għeruq daqstant fondi fid-demm tal-Maltin.

Fir-rigward tar-"rumanz psikoloġiku" msemmi minn Cassar Pullicino u Chetcuti, il-kuntrasti huma ovvji: il-ħajja "mħarbta" tal-avukat żagħżugħ, ix-xokk tal-laqgħa tiegħu mas-soċjetà Maltija rifless saħansitra fil-punt tal-"mewt", il-ġenitur strett, iż-żwieġ "kummerċjali" fallut, l-istudent fuq ruħu li jispiċċa tabib tal-familja, il-qassis tradizzjonalista, ix-xantusa libertina …

Hi tassew ħasra li d-dedikazzjoni totali ta' Aquilina, fil-bidu u f'nofs l-erbgħinijiet, biex iwaqqaf u jsaħħaħ il-katedra tal-Malti wassluh biex ħalla fuq l-ixkaffa proġett li tant jipprometti.

# Ir-Rumanz Inedit ta' Ġużè Aquilina

26/1/39

1

Qeghdin fis-sena 1911 wil-grajja li sa nghidu tibda fit-tarag tat-Tijatru Rjal mahsul bid-dawl tal-lampi ellettrika mhallat hage wahda mad-dawl mimli ta' qamar kwinta sa ih li jaghmel il-Belt qisha kastell fejn neherġu jimirhu l-eriweh tal-ifirem minn ġol-aqbra tal-Knisja taz-San Ġwann. Imma ghalkemm il-hin beda jaghmel sewwa, in-nies ghdaha ma qateghtetx minn ada Rjali; ghadek tisma' l-bahrin ta' ighannu fis-sakra jixxengel fuq xulxin wi-traffiku tielet u nieżel bhal mekkuk ġen-newl minn tarf ta'-wi hed ta' ada Rjali ghall-iehor. It-Tijatru Rjal mghammar luce elletrika mal-fatċata kien fl-istaġ tal-Opera. Bhal issa minn ga fih hierġa ghal barra mewġa ta' daqq ta' orkestra helwa li l-widna minn barra ma taghżilhiex bin-nejjed. Ġewwa s-soprana Melenda li isimha xtered f'Malta bhal berqa ta' seher li tigbed hafna nies warajha, kienet qieghda taghmel il-parti ta' Madame Butterfly fl-ahhar att tal-opra minn ġot-tieqa mimlija zahar b'bimha zghir fen riġlejha tistenna tidhol il-flotta Amerikana an u maghha xxxx-raġel li kien iżżewwigha. Anna li tmiss il-qalb ta' dawk li jafu li r-raġel ma kienx kien iżżewweġ lil Madame Butterfly u kien iżżewweġ ohra. Mument meta l-ghajnejn ta' kulhadd kienu mixhuta fuq l-artista, mument meta l-qalb tibda tinghafas bil-hniena

wi [illegible] ta' [illegible] jib[illegible] qata il-qalb wix-xerti nadina [illegible]

f'daqqa wahda ghal [illegible], [illegible] fil-bazzi, [illegible]

[illegible] [illegible]-platea, [illegible]inqisbu baritenali imma fl-istess hin imri

imrighed ikanta il-motiv famuz mir-Rigoletto "La donna e mobile.

Daqs kemm kienet ghall-ghorrieda ghall -ewwel kulhadd baqa' jisma

donnu ma jafx x'ghandu jaghmel is l-istess artisti li sabu ruhhom

imfixklin u l-orkestra baqghu donnhom miblugha ma jafux x'inhi

din il-kant barrani f'daqqa wahda, [illegible] mbaghad meta n-nies [illegible]

f'taghhom fill-ewwel [illegible] kulhadd qam ihedded u jipprotesta. Inxteha

d-dwal ghall-kollox u ghan naha ta wara nett inkixef il-hati li

kien qajjem dak l-isterbju. Liebes il-frakk bis-sidrija bajda,

xalla ma' ghonqu bit-tomna ghadha f'rasha u bastun f'idu, twil fuq

is-sitt piedi l-avukat Dr Erik Gonzaga malli ra n-nies thares lejh

x'uhud mistaghgba ohrajn iheddu qala' it-tomna minn rasu u beda

jsell em lill-pubbliku jixxengel fuq riglejh. Dr Gonzaga kien f'

sakra ma jarax art. Imma f'k[illegible]m ili aghid sab r hu mahfun minnan

[illegible] puriera li tefghuh il-barra waqt li hu baqa' jkanta l-istess

mir-Rigoletto li semmejna. Dr Gonzaga mbaghad ma jiflahx izomm fuq riġlejh sab ruhu wahda mitfugh leja bil-herra leja it-tarag u xurban u sterdut igedwed bl jiet mir-Rigoletto habat niezel wahdu; imma mbilli riġlejh kienu marru tfixkel mat-tieni targa, habat l-ikutell ta' mohhu u baqa mimdud fl-art bid-demm niezel ma dahru ixappap ix xalla bajda li kienet tiksilu ghonqu. Il-gagghaha lil Dr Gonzaga dennha ġabitu f'sensih ghal ftit tal-hin u beda jokrob u jitlob l-ghajnuna. Lanaq il-pulizija tal-ghassa, inġabru n-nies u wara ftit wasal it-tabib Muscat li dahlu malajr ghalih it-tijatru.

Dr Muscat u Dr Gonzaga kienu hbieb, studenti fl-istess zmien u ghalhekk kienu ilhom jafu lil xulxin. Immedikah mill-ahjar li seta' bil-mezzi ikejkna li kisbalu. "Xi ġralek Erik il-lejla" saqsih Dr Muscat "ma kontx f'sikktek?. Kellna x'inkwiet?

Imma Dr Gonzaga li ghal ftit tal-hin kien habat jiġi f'sensih raġa beda jgerwer fil-kliem. It-tabib messlu l-polz, tbassa' u ornalu s-sagramenti jekk jista' jkun qabel idahhluh fl-ambulanza ghax jekk iċaqalquh kien hemm il-biza' li jibqa' mejjet. Dr Gonzaga jhewden fl-idejat baqa' jaghraf lil habibu Muscat. Fit-taqlib habat jarġa' jiġi f'sensih u mbaghad qabad id it-tabib Muscat ghafashiela, u bieshiela. Kont qatt tebser? temtem minn taht ilsienu?U quddiem ghajnejn it-tabib Muscat reġghew feġġew dawk is-snin meta kienu

ghadhom studenti flimkien,f'żewġ fakultajiet diversi hu ghal tabib
u l-iehor ghall-avukat imma fl-istess kera u hobż u sikkina.Imma
ErikĠrrw wara t-tfajliet flimkien, idd ivertew flimkien,sa siefru
Ruma flimkien.Erik kien minn dejjem daqxejn mohhu fuq il-werqa,u
mat-tfajliet mhux serju wisq.Kien jiftaħar li l-imħabba ghalih kienet
avventura, l-kruha ta' tifla sabiha--erbat ijiem nemur,passiġati
ghad-dawl tal-qamar fuq is-sur ta Santa Luċija jew mat-triq ta'
Marsamxett iskella fil-ġnien tal-Milorda imbaghad kien jixba' u jerġa'
jaqbad band'ohra,jikser il-qalb wil-paċi ta' hafna xebb et li kienu
jehduh bis-serjeta,igamma' l-pacalji tal-imhabba bit-taljan li kien
jiktbilhom fl-imhabba u l-ittri li kien jirċevi minn ghandhom jinnam
ra w jibdel sa ma qaghdlu l-laqam ta"farfett" u hu ma kienx jidejjaq
b'dan il-laqam imma kien jiftaħar li jixraqlu ghax bhal farfett
mhux warda wahda tiata' xxebbghu imma ġnien shih.Kien qalb qawwija
li ma kienx jaf ihobb ghat tul u mhabba f'hekk miaghalih li ma kien
qatt ser jiżżewweġ qatt.Imma darba wahda xehet ghajnejh fuq tfajla new
helwa minn afisha u mil-safa u mlasija tas-sbatax,hass sanha tqanqlu

3

thabat bix tkellimhas l-imhabba ixjed hraxet fih ghax bata biex wasl sa flahhar kellimha, qabadha u ghal ewwel darba f'hajtu lenqas qatt ghaddiela l-ickem heieb li ghandu jibdilha mhux biss imma ghal ewwel darba wkoll kien hu li beda jibza' li titilqu hi. Tkellmu w thabbu, iltaqghu wahedhom u Erik ghal ewwel darba ukoll ittrattaha bhala xaga qaddisha li wiehed inares lejha w jitlob quddiemha imma le ma jmissha. Darba xxxdahal fil-kuritur tal-Universita' jsaffar, il-bidell isikktu ghalxejn u ghalxejn hedda li jirrapportah l-ufficcju ghax Erik ried jibqa' jsaffar u jitsattatra. Lil habibu Muscat biss kien fada mieghu li dik in-nhar kien xxxxxxxxxxbies l-ewwel darba lil Mimi'u li Mimi ghal ewwel darba xehtet dirghajha rqaq tisthajjilhom ifuhu bh l xewk wadiet ma ghonqu waqt li b'xuftejha fuq fommu xuxitha xxxxxxxxxx twila nhallitilha u thabblit ma wiccu. Imma Erik li tant ittajtu bl-imhabba kellu jiehu l-martirju ghaliha. Il-familja tieghu, l-aktar missieru, jaghmel ghal flus wil-bini, xammlu iebes ma ridux jehodha, ghax fqira, u mhix tal-kondizzjoni taghhom imbarra dan "ommha ma kellhiex isem tajjeb man-nies" u bint id-debba l-gerreja kien ishidlu, kekk ma tinux l-ewwel is-sena tiegu l-gejja. Erik kien jindanna meta jisma l-ohnbuba tieghu paraginata vulgarment "in debba" u ghal dak il-hin kien ihoss li kwazi jonghod lil missieru. Dwar omm ixxx"imi kullma sata' jinghad

hu li bhal hafna minn nisa li jafu li huma sbieh kienet daqxejn faqt
tahha imma hadd ma kellu hila jemmel u jipprova akkass serja fuq
qiehha. Id-dar bdewlu x-xenati. Erik xebbes rasu u bejnu w bejn missieru
bdiet gwerr a serja---missier u iben kienu qishom tewg barranin ma
jahmlux, tista' tghid jebeghdu lil xulxin. Imma missier Erik ix-xerti
ghenitu. Mimiwaqghet b'aidirha, tbeilet bhal warda li tinqata' minn
fuq iz-zokk u mietet. Erik kellu genn ta' akwiet u disappuntament f'qalb
sa dennu wahhalha f'qalbu li kien sehitilu missieru bit-tghajir wil-
aiaditti tieghi u ghal ewwel darba tahs ghax-xerb.
Darba xerab kemm felah l-istonku tieghu wir-rettur tal-Universita
keccieh il barra mill-Universita' ghal xahar. Darb'ohra xerab hafna
mar id-dar ta' missieru meta dan kien barra u fis-sanna tax-xorb
farrak u kisser kemm ghamara u fajjenza giet taht idejh. Drabi ohra
meta ma kienx ikun fis-sakra kien jinghalaq wahdu f'kamartu bl-itrat
tal-mahbuba u jinki u jelfaq kien jinstama' isejjah b'qalb maqsuma
l-isem ta' Mimi.

3

Missier Erik ha dehxa jarah lil ibnu f'dan l-istat. Haseb biex jgharrsux
jara jaw ... "halli jingabar u ma jhallix lil din l-imbierka ta'
Mimi tehedlu rasu. Erik wara li mititlu t-tifla wahda li habb,
qisu lupu mnehhi wara ugigh kbir, ghal ewwel darba qaghad ghar-ried
ta' missieru u tgharras lil kugintu Melita. Kugintu u mhix, kerha jew
sabiha ghalih xorta--it-tifla wahda li kien ghadu jista jhobb lilli h
hinn mill-qabar kienet Mimi biss.

Melita kienet bint zijuh in-nutar Gustu, ma tghidilhiex kerha imma
Erik kien jaf li hu kien gharrsu lilha biex il-gid tal-familja
ma jixteredx u jibqa' dejjem ghandhom. Din l-gharusija kienet ghal
Erik biċċa negozju li hu dahal ghaliha bhal bniedem id-disprat
li dannu jiekol ojaħir jara lilu nnifsu jegħreq lisfel kemm jiflah.
U ...ewweġ ma Melita sena wara li ha l-lawrja imma l-ebda mhabba
ohra ma setghet tghatti l-qabar fejn kien ghad hemm il-fdal taċ-
ċkejkna Mimi'.
Dawn it-tifkiriet kollha ghaddew minn mohh it-tabib Muscat f lehha
ta' berqa li f'daqqa wahda xehtet dawl qawwi fuq it-tragedja tal-
habib tieghu.
Sa dan il-hin in-nies mugħmugħa bdiet tiftah biex ighaddi Dun Frans
li kien wasal bi ...ejt tal-gri...a f'idejh.
Dun Frans kien qa ssis ...ghir, ghadu hiereġ mis-seminarju wil-
ha...en tad-dinja kien ghad tghallmu biss mill ktieba tal-morali imma



qatt ma kien ghadu ġie wiċċ imb-wiċċ-wiċċ mieghu.
Bil-heġġa ta' appostlu li sab fejn jaqdi l-Malej Alla tieghu,wa
warrab bil-hlewwa n-nies li kien hemm thares,thaxxa fuq it-tabib
Gonzaga u talbu riex iqerr.Imma Dun Frans baqa' miblugh xhin
l-avukat dawwar wiċċu n-naha l-ohra,jokrob,biex ma jharsx lejh.
"Dr Gonzaga,fuq qalbi jkelli nghidlek li int hbatt rasek hafna
wisq wit-tabib Muscat talabni nsaqsik jekk tridx tqerr?
Dr Gonzaga dawwar wiċċu lejh u"Mur minn hawn" qallu b'karba"ma
ghandix mehh inqerr".
U Dun Frans ma qatax qalbu."Dr Gonzaga"dan ta' issa hu mument
wiehed.L-eternita' ghalina tibda malli naghalqu ghajnejna u meta
tibda ma tispiċċax.Dr Gonzaga jkollok hniena minnek innifsek.Inzel
ftit ġo fik u ara x'inti taghmel.Hallini nkellmek ċar mhux biex
inweġġghek.It-tabib Muscat qalbu maqtugha minn hajtek u jibza'
li meta jiaqalquk billi hbatt mohhok sewwa inti tibqa' mejjet.
It-tabib ma weġibx.Imbaghad Dun Frans mifxul xieghel bih qisu
qieghed ixieghel b'missieru u "Dr Gonzaga" qallu"jien inhobbok

5

Ma rridx narak indannat?---Dr Gonzaga,Dr Gonzaga ghix wara dil-hajja wkoll.Indem,qerr u tqarben.

Dr Gonzaga baqa ma tkellem xejn wis-skiet tieghu kien juri li ma riedx jaf bi qrar.

Dun Frans infixel, donnu ma jistax jifhem kif wiehed fl-ahhar tal-hajja jaghmel b'demmu biered li jindanna ruhu u mhux ghal ftit zmien imma ghal dejjem---ugigg f'nar qalb ix-xjaten ghal dejjem ta' dejjem.Din l-ewwel dahxa li ha Dun Frans fl-appostolat tieghu. Qabel kien jahseb li hafna idinbu imma kulhadd jibza' mill-infern jekk mhux ghall-imhabba t'Alla ghall-imhabba tieghu nnifsu.Imma Dr Gonzaga f'xifer il-mewt ma weriex biza' tal-qilla t'Alla.Ka-serju u ikrah,haseb Dun Frans bejnu w bejn ruhu u l-ghada fil-quddiesa kiellu jpatti bit-talb ghal dan it-tkasbir l Alla.

Imma ma qatax qalbu."Jekk jew hekk igeghlu jqerr--jaghmel paci mal-Hallieq biex meta jidhol fid-dinja tal-erwieh ma jsibx ruhu ma dawk li jgh[illegible]u mienhom bl-ugigh u l-ghadab u jisthu [illegible]-zerriegha li sawwrithom mil-guf li welidhom.

"Dr Gonzaga hija,li ma kienx il-gid tar-ruh tieghek ma kontx noqghod niftittakHemm Alla,hemm genna,imma hemm infern ukoll.Malli taghti l-ahhar nifs ruhek tmur fil-post il-wiehed jew fl-iehor; jekk tqerr u tindem jekk mhux il-genna mill-ewwel fil-Purgatorju ma

ma ruhek tissaffa mit-tabe li l-htija ,ahfura thalli fir-ruh. Imma jekk tmur l-Inferm...,hasin ghalik. Nirien u tbatija li twahhax tifsik li mohhna ma jistax jisthajjel u gisimna bis-sahha tieghu fid-dinja biex ma ghandux hila jbati. Dr Gonzaga gib quddiem ghajnek li inti ser tibda tkun taf dan bl-esperjenza tieghek minn hawn u ftit hin ieher. U semm f'mohhok li fid-dinja l-ohra ma ssibx iehor , bhali li jitelbek tindem. Il-kontijiet ikunu maghluqa. Jibqa' jsir il-hlas ma l-inqas tlitt habbiet."

"Inqerr meta nfieq!" wiegeb Dr Gonzaga fil-waqt li giamu ngibed b'wegghe kbira. Dan Frans haseb li meselu qalbu. Qam bil-wieqfa minn fejn kien, sejjah lil Dr Muscat li kien twarrab mal-folla biex ihalluh fil-liberta, fissirlu li Dr Gonzaga ma riedx iqerr u li fl-ahhar kien wieghdu li jqerr la jfieq u li ghaldaqshekk kien obbligu tal-koxjenza taghhom li jgaghluh jifhem li ma kienx hemm tama ta' hajja. Dr Muscat fehem, tbaxxa fuq il-habib tieghu Dr Gonzaga u bil-hlewwa imma miaghajr ma hallielu dubbji f'rasu qallu li ma kellux zmien wisq x'jghix u l-ahjar iqerr u jaghmel

u jissawwa ma' Alla. (6)

Dr Gonzaga baqa' jiebes u fl-ahhar indejjaq dar fuq Dun Frans u "feja taf li hemm infern?" qallu bil-herra. Hallini. Ma rridx inqerr. Jekk dak li ghidtli ma minnu missegraha. Il-hajja li ghext ga kienet infern. L-aqwa tkompli s-saha l-ohra." U siket fil-waqt li fetah halqu mdemmem donnu anifs ser imutu.

Dun Frans infixel, ghajnejh leqqew bid-dmugh. Wiccu li kieku wiehed sata jarah fid-daw kien safar bla lewn. Ghaddas rasu u telaq.

L-ahbar li Dr Gonzaga kien kecca l-qassis minn fejnu ghalkemm qalulu li kien fl-ahhar ta' hajjtu xterdet u l-erwieh it-tajba tkexkxu.

Malli xterdet ix-xnigha li Dr Gonzaga ma riedx iqerr bdew il-kummenti u xi hadd qal "Hekk il-hajja hekk il-mewt" u haddiehor "il-hajja hasina bhal xibka li ghasfur jithabbel fiha. Mhux la kemm tohroġ minn ha lanqas ki tkun trid". Wil-komment w l- skandlu kibru meta mara li kulhadd kien jaf li mhix ta' Dr Gonzaga qasmet il-folla u telqet tiġri ghal hdejh. Kienet tfajla taxi hamsa ghoxrin, barranija, liebsa ilbies li kien anri li hi artistia. Kienet Ungeresa, helwa hafna mill-wiċċ artista tal-cabart, li hafna kienu jafuha tpoġġi ma' Dr Gonzaga fil-kafe Premier. "Erik caro, chi ti ha fatto del male! amore mio....il tuo bel viso rosso di sagne caldo...amico mi fai pena---soffri molto ...u bisitu u hadnita maghha qisha miġnuna hekk li t-tabib kellu jaqlaghha minn hieghu mhabba l-perikli tat-taqlig.

Dr Erik reha idejh f'idejha,ghajnejh ċassi f'ghajnejha,jghidilha bejn karba w ohra mgħaġġel"Flora cara,mi sento morire...i fiori,ti son piaċiuti i fiori che ti ho comprato...flora come sei bella...sai somigli ad una ragazza che morta....l'amavo tanto era così affettuosa...

Il-mies xejn ma fehmet minn dan id-djalogu biss qamu protesti kontra l-Ungeriża li kienet ser tkun il-ħtija tat-telfien tiegħu fl-aħħar ta' ħajtu.U x'uħud kienu ser jagħmlu għaliha sa ma adaħlet il-pulizija,errbet lill -Ungeriża minn fejnu, ferrxet in-nies.

It-tabib Muscat ħareġ lejn l-orloġġ u "dal ħin appik biex tasal l-ambulanza qal"għax bil kemm ma nesħbiex ġa waslet."

Imma ftit minuti wara laħqet l-ambulanza,erbgħa minn nies qabdu fil-marid li malli ċaqalquh inxteħet għal mejjet dennu tah ħass ħażin, u rikkbuh ġewwa.

Hama u jdaħħluh l-Ungeriża qabdet tibki w tixxenja trid tidħol miegħu.

Il-pulizija kellhom jagħtu il-forza fuqha biex ma jħalluhiex tinxteħet

tiaxtehet fuqa u daqskemm thabtitilhom harget minn taht idejhom hwejjigha mqaq imqaxtgha bicciet.

Meta waslu quddiem id-dar tal-avukat l-istess erbgha min nies refghuh ghaxi .Xi hadd habbat bil-qajla fuq il-bieb u lehen ta' mara ma taf xejn b'din ix-xena notemm' jghajjat"Wasal il-galantom. Issa wara li mar feja ried gej feja mertu.Wasal il-galantom...u fet il-bieb imghaddba kif kienet liebsa hafif bin-night gawn.

Imma malli rat lil zewgha ghaxi fuq l-ideja,imdappas bid-demm, idejh mitluqa f'dak l-ilbies min-sura ggiblek hniena,ghattiet ghajnejha, werzqet t qwrziqa li ttarrxak u dahlet tigri tiski mwerwra demmha mignuna.

NATIONAL LIBRARY OF MALTA
26/11/1900

(Ġ. AQUILINA)

KORRISPONDENZA VARJA ecc.

L-Ewwel Kapitlu ta' rumanz mibdi fl-1940 li baqa' ma nkitibx.

Proposta ghal "Malta Cultural Society" - Ittri lil G. Aquilina minn ghand niesu ((1938-1939) - Mr. D. Kay (Macmillan Ltd) - Prof. A.S. Tritton - Ittra lil-T.O.M. dwar il-Librerija t'Ghawdex - Principal Ifor Evans - Mr. W. Adams - Sir Ralph (?) - J.P. Vassallo (Dir. of Education) - Letter (draft) to Dr. P. Boffa dated 16th August 1944 declining to enter active politics - Mabel Strickland.

NATIONAL LIBRARY OF MALTA
36/1/130

# Il-Kontributuri

THERESA ABDILLA* (1994) hi studenta tal-Malti fl-Università ta' Malta, u xi kitbiet tagħha jinsabu ppubblikati f'*Taħżiż1* (2013), programm ta' kitba kreattiva tal-Aġenzija Żgħażagħ, b'kordinazzjoni tal-Għaqda u l-Fondazzjoni AWL.

BEVERLY AGIUS* (1993) hi studenta tal-Malti fl-Università ta' Malta. Xi kitbiet minn tagħha dehru t'*Taħżiż1* (2013) u fl-ewwel ħarġa ta' *?aplatform?* (2014).

CELINE AGIUS* (1994) hi kantanta u qed issegwi l-kors tal-Malti fl-Università. Primarjament tikteb poeżiji u qrat minnhom f'xi attivitajiet letterarji.

ĠUŻÈ AQUILINA (1911) kien kittieb u lessikografu, kif ukoll l-ewwel professur tal-Malti fl-Università ta' Malta. Fost l-oħrajn, huwa magħruf għar-rumanz *Taħt Tliet Saltniet* (1935) u għad-dizzjunarju Malti-Ingliż u Ingliż-Malti (1987-2000).

KEITH ATTARD* (1990) ippubblika *Ballun Pinġut 2* (2014). Hu għalliem tal-Malti fl-Iskola San Elija u segwa l-kors tal-Qari tal-Provi.

CHARLES BEZZINA* (1961) ħadem f'bank għal diversi snin u hu l-awtur ta' bosta poeżiji. Fost il-pubblikazzjonijiet tiegħu nsibu *Meta Siket il-Baħar* (2008).

STEPHEN BONANNO (1963) għandu dottorat u hu lettur fil-Kulleġġ Universitarju Ġan Franġisk Abela. L-aħħar pubblikazzjoni tiegħu dehret fir-rivista *Symposia Melitensia* (2013).

DORIANNE BONELLO* (1993) għadha kemm temmet il-kors Universitarju fil-Malti u qed issegwi l-kors tal-PGCE, kif ukoll il-programm *Taħżiż2*.

JOHN A. BONELLO* (1976) hu kittieb tekniku għal GFI Software. Fost l-oħrajn hu l-awtur tat-triloġija *Il-Logħba tal-Allat*.

ĠORĠ BORG (1946) ħadem ta' bankier għal bosta snin qabel ma rtira. Ippubblika għadd ta' ġabriet ta' poeżiji, bl-aħħar pubblikazzjoni tiegħu tkun *Ċrieki fl-Għadira* (2014).

OLIVIA BORG (1987) hi koawtriċi ta' *Personaġġi f'Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka*, flimkien ma' Adrian Grima u Anton Cassar, u għandha MA fil-Malti.

CHARLES BRIFFA (1951) hu professur mad-Dipartiment tat-Traduzzjoni, it-Terminoloġija u l-Istudji tal-Interpretazzjoni. Huwa l-editur ġenerali tas-sensiela *Kullana Kulturali*.

LINA BROCKDORFF (1930) għandha MA fit-Teoloġija u hi magħrufa l-aktar għan-novelli u r-rumanzi tagħha. L-aħħar pubblikazzjoni tagħha hi *Meta Jħammar il-Peprin* (2013).

CHARDIAN CAMILLERI (1993) s'issa ppubblika n-novella *Ġimgħa Għawdex* (2013), taħt in-*nom-de-plume* ta' Kurt Debono. Camilleri huwa student tal-liġi.

CHARLÒ CAMILLERI (1975) hu l-editur tal-ġabra ta' poeżiji ta' Anastasju Cuschieri. Camilleri għandu dottorat u hu lettur fil-Fakultà tat-Teoloġija fl-Univeristà ta' Malta.

ANDREA CASSAR* (1996) hu student fil-Kulleġġ Universitarju Ġan Franġisk Abela, fejn fost l-oħrajn studja l-Malti f'livell avvanzat.

ANTOINE CASSAR (1978) hu traduttur u għandu MA. Fl-2013 ippubblika l-poeżija *Mappa tal-Mediterran*, l-aħħar pubblikazzjoni tiegħu s'issa.

CARMEL G. CAUCHI* (1944) hu awtur ta' għadd ta' kotba, fosthom *L-Istejjer tan-Nanna Vanna* (2013). Illum pensjonant, wara li għal bosta snin serva bħala għalliem u Assistent Kap ta' Skola.

MARY CHETCUTI (1963) hi skrivana mal-Gvern, u llum taqdi dmirha fir-Reġistru tal-Artijiet.

LEANNE ELLUL (1988) hi għalliema tal-Malti u qed taħdem fuq MA. Flimkien ma' Clare Azzopardi, hija l-koawtriċi tas-sensiela *Tikka Malti* (2014-).

JOSEPH FELICE PACE* (1933) ħadem f'diversi oqsma marbuta mal-kitba, fosthom billi għen fl-editjar u l-kompilazzjoni tad-dizzjunarju Malti-Ingliż u Ingliż-Malti (1987-2000).

JOSEPH FORMOSA* (1971) jikteb artikli b'temi kulturali f'diversi rivisti, u hu għalliem tal-Malti u librar fi skola sekondarja. Fl-2003 kiseb id-Diploma fl-Istudji dwar il-Libreriji u l-Informazzjoni.

OLIVER FRIGGIERI (1947) huwa kittieb ta' 'l fuq minn 70 ktieb, fosthom id-*Dizzjunarju tat-Termini Letterarji* (1986) u *Hekk Tħabbat il-Qalb Maltija* (2011). Aktar minn 60 ktieb tiegħu ġew tradotti f'ilsna oħra.

SERGIO GRECH (1975) hu kittieb u riċerkatur gradwat fl-Istorja. L-aħħar pubblikazzjoni tiegħu hi *It-Tabib Sandy – Bijografija ta' Alexander Cachia Zammit* (2013).

SIMONE INGUANEZ* (1971) hi poetessa, u fost l-oħrajn ippubblikat *ftit mara, ftit tifla* (2005). Inguanez gradwat bħala avukata.

NADIA MIFSUD* (1976) ippubblikat *Żugraga* (2009). Kisbet M.Phil. fil-Franċiż, u llum il-ġurnata hi għalliema tal-Ingliż u traduttriċi.

MAURICE MIFSUD BONNICI (1926) ippubblika *Variegated Pansies / Viole Del Pensiero Variegate* (2013), fost għadd ta' pubblikazzjonijiet oħra. Għal bosta snin ħadem bħala inġinier, u llum huwa rtirat.

RITA SALIBA (1964) hi awtriċi ta' kotba kemm għat-tfal kif ukoll għall-kbar, bl-aħħar pubblikazzjoni tagħha tkun *Satin* (2014).

PATRICK SAMMUT (1968) hu l-awtur tal-kotba *Tieqa – Ktieb ta' Taħriġ* (Vol. 1 u 2). Sammut għandu MA fit-Taljan u hu lettur fil-Kulleġġ ta' De La Salle.

MATTHEW SCHEMBRI* (1993) qed isegwi l-kors tal-Edukazzjoni fil-Malti u l-Arti, kif ukoll il-programm ta' kitba kreattiva *Taħżiż2*.

MICHAEL SPAGNOL* (1985) għandu dottorat u hu lettur tal-Malti u l-lingwistika fl-Università ta' Malta. L-aħħar studju tiegħu, ippubblikat din is-sena, deher fil-*Journal of Linguistics*.

MARK VELLA (1974) għandu MA u hu l-Kap ta' Unità fi ħdan Dipartiment għat-Traduzzjoni mal-Kummissjoni Ewropea. L-aħħar pubblikazzjoni tiegħu hi *X'Seta' Ġralu lil Kevin Cacciattolo?* (2014).

ALEX VELLA GERA* (1973) jaħdem bħala traduttur fi Brussell. Kittieb ta' bosta novelli u rumanzi, bl-aħħar xogħol tiegħu jkun *Is-Sriep Reġgħu Saru Velenużi* (2012).

CLIFFORD Jo ŻAHRA (1992) hu għalliem tal-Malti fil-Kulleġġ Savio. Fl-2014, flimkien ma' David Grima u Ancel Cefai, ippubblika *linji sfużi: ġabra ta' stejjer u fotografija*.

TREVOR ŻAHRA* (1947) hu awtur ta' kotba kemm għat-tfal kif ukoll għall-kbar, bl-aħħar pubblikazzjoni tkun *StampaKelma* (2014). Qabel ma rtira, Żahra kien għalliem tal-Malti u tal-Arti.

*Dawn il-kittieba qed jidhru għall-ewwel darba f'*Leħen il-Malti.*